# PJAN TA' AZZJONI GĦAL GĦAJXIEN SOSTENIBBLI

RAPPORT
TAL-ATTIVITÀ
2023

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

# PJAN TA' AZZJONI GĦAL GĦAJXIEN SOSTENIBBLI

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ
2023

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

**Rapport tal-Attività tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2023**
**Pjan ta' azzjoni għal għajxien sostenibbli**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2024.**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org.

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org.
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up.

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-BF-24-001-MT-N ISBN 978-92-861-5642-7 ISSN 2599-7017 doi: 10.2867/02875

# WERREJ


4 **KELMTEJN QABEL**

6 **2023 PUNTI EWLENIN** Tislif u *data* dwar l-impatt

8 **IL-BEI F'PAJJIŻEK** Tislif skont il-pajjiż

10 **IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK** Tislif lil hinn mill-Unjoni Ewropea

12 **PJANIJIET GĦAL APPARATI TRASFORMATTIVI**

14 Il-Ġermanja: Meta x-xogħol ta' dokumentazzjoni ikun kwistjoni ta' ħajja jew mewt
15 Spanja: Mill-finzjoni tax-xjenza għall-fatti tax-xjenza
16 In-Netherlands: Ċirki li dejjem jiżdiedu
17 Inizjattiva Ewropea dwar il-Promoturi tat-Teknoloġija: Kapital ta' riskju biex jiffaċilita l-finanzjament ta' espansjoni
18 L-Italja u l-Irlanda: Innovazzjonijiet li għandek tisma' dwarhom
19 Il-Polonja: Tfittxija għall-kanċer tas-sider
20 Spanja: Enerġija mix-xemx
21 L-Italja: Sabiħ, tajjeb u veloċi
22 In-Netherlands: Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-flieles

24 **PJANIJIET GĦAL EWROPA EKOLOĠIKA**

26 Il-Polonja: Ekoloġika u umana
27 In-Netherlands: Sptar sostenibbli
28 Il-Belġju: Blokok tal-bini li jieklu l-karbonju
29 Il-Greċja: Ħidma man-natura, mhux kontriha
30 Spanja: Idea friska
32 Ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija: Gigawatt fuq il-bejt
33 Spanja: Enerġija ġdida għall-Ewropa

36 **PJANIJIET GĦAL MEKKANIŻMU TA' UGWALJANZA**

38 L-Italja: Tisħiħ tat-tagħlim, l-iffrankar tal-enerġija
39 Spanja: Skejjel għas-subborgi
40 Il-Ġermanja u l-Italja: Binarji ferrovjarji ġodda, linji ġodda, teknoloġija ġdida
42 Franza: L-iċċarġjar
43 In-Netherlands: Merħba lir-robots
44 Il-Bulgarija u l-Portugall: Kullħadd imidd idejh
46 Il-Litwanja: L-awtostradi tan-natura
47 Spanja: Nibdlu t-triq fejn jidħol il-fastidju

48 **PJANIJIET GĦAL MAPPA TAD-DINJA LI HIJA ĠUSTA U EKOLOĠIKA**

50 Fil-fond dwar il-Kenja: Mudell ekoloġiku fl-Afrika
54 L-Ukrajna: Qatt m'aħna se nabbandunawhom
56 Fil-fond dwar l-Eġittu: Negozju żgħir max-xmara l-kbira
60 Is-Serbja: Il-Fattur X Ekoloġiku
62 Il-Marokk: Wara t-terremot

64 **PUNTI EWLENIN DWAR IT-TEĦID TA' SELF: MINN FEJN JIĠU L-FLUS**

65 Nagħmlu l-blockchain aktar ekoloġika

66 **PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP 2024-2026**

67 Governanza

# KELMTEJN QABEL
# MILL-PRESIDENT

Pjan ta' azzjoni jippreżenta tpinġijiet, dimensjonijiet u noti. Ir-rapport tal-attività annwali tagħna, *Pjan ta' Azzjoni għal Għajxien Sostenibbli*, **ipinġi** stampi vivaċi tal-benefiċjarji tal-proġetti tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Dan jinkludi *data* dwar id-**dimensjonijiet** tal-investiment ġenerali enormi tagħna u l-importanza tas-self tagħna lil kull wieħed mill-benefiċjarji tagħna. **Jinnota** l-politiki u l-għarfien espert tal-UE li jwassluna biex nagħmlu kull wieħed mill-investimenti tagħna.

**Il-pjan ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-Ewropa huwa bbażat fuq viżjoni ta' futur innovattiv, futur ekoloġiku, futur ta' ugwaljanza – u futur li ma jintemmx fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea**. Dan ir-rapport jenfasizza l-analiżi dettaljata tal-iżviluppi tekniċi fl-intelliġenza artifiċjali, fil-kura tas-saħħa u fil-bijoteknoloġija li tinsab wara l-investimenti tagħna f'teknoloġiji rivoluzzjonarji ġodda. Dan jippreżenta l-impenn tagħna li nibnu ekonomija ekoloġika u li nappoġġaw l-ideat il-ġodda għal teknoloġija nadifa li tant huma meħtieġa jekk irridu nrażżnu t-tibdil fil-klima madwar id-dinja. Dan juri l-importanza tal-investiment fl-infrastruttura li twassalna minn post għal ieħor, fejn it-tfal tagħna jingħataw edukazzjoni, u fejn kulħadd huwa protett mill-fastidju. Dan juri l-impatt tal-ħidma tagħna lil hinn mill-Unjoni Ewropea permezz ta' stejjer fil-fond tal-proġetti tagħna fil-prattika f'pajjiżi sħab fl-Afrika u f'postijiet oħra. Barra minn hekk, jippreżenta l-quċċata ta' 12-il sena ta' tmexxija minn Werner Hoyer, li t-tieni terminu tiegħu bħala president intemm fi tmiem l-2023. Jiena kburija li jiena s-suċċessura tiegħu.

Minn dan il-pjan ta' azzjoni, **diġà qed nibnu l-futur tal-Ewropa**. Tista' tara l-evidenza fid-*data* dwar it-teħid u l-għoti ta' self tagħna. Tista' tħares 'il quddiem lejn l-impenn kbir irrappreżentat mill-Pjan Operazzjonali tal-Grupp tagħna għall-perjodu 2024 sal-2026. Kollox hawnhekk juri l-ambizzjoni tagħna – li nsawru dan il-futur għall-benefiċċju ta' kulħadd fl-Ewropa, għall-ġirien tagħna, u għas-sħab tagħna kullimkien.

Dan ir-rapport juri li l-Bank Ewropew tal-Investiment huwa aktar kruċjali minn qatt qabel għall-Ewropa u għad-dinja. Ninsab kuntenta li nkun parti minn dan il-proġett kbir hekk kif nieħu r-rwol ta' president u ninsab entużjasta dwar il-prospetti għas-snin li ġejjin.

**Nadia Calviño**

# KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT



# PUNTI EWLENIN TAL-2023

## IL-GRUPP TAL-BEI FL-2023

| | |
|---|---|
| ĠEWWA L-UE | €78.3bn |
| BARRA L-UE | €9.5bn |
| **TOTAL** | **€87.8bn** |

## BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2023

| | |
|---|---|
| ĠEWWA L-UE | €66.5bn |
| BARRA L-UE | €8.6bn |
| **TOTAL** | **€75.1bn** |

## IL-FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2023

| | |
|---|---|
| ĠEWWA L-UE | €14.0bn |
| BARRA L-UE | €0.9bn |
| **TOTAL** | **€14.9bn** |

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fil-finanzjament ta' riskju biex jappoġġa intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju u biex jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Dan jipprovdi finanzjament u kompetenza esperta għal operazzjonijiet ta' investiment u garanziji sodi u sostenibbli. L-azzjonisti tal-FEI jinkludu l-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, il-banek pubbliċi u privati u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

# L-IMPATT TAL-BEI

**6.7 miljuni MWh**
Iffrankar tal-enerġija annwali

**11.6 miljuni**
Abbonati ġodda għall-5G

**1.2 miljuni**
Studenti f'faċilitajiet edukattivi li jibbenefikaw mill-finanzjament

**21 700 MWh**
Il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli

**46 600 GWh**
Elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli

**13.8 miljuni**
Djar li jistgħu jiġu pprovduti bl-elettriku

**42 988 km**
Linji tal-elettriku installati jew aġġornati

**13-il miljun**
Arloġġi intelliġenti tal-elettriku installati

**130.6 miljuni**
Persuni li jibbenefikaw minn servizzi tas-saħħa mtejba, inkluż tilqim

**17.3 miljuni**
Persuni li jibbenefikaw minn titjib fl-infrastruttura urbana u muniċipali

**254 miljun**
Vjaġġi tal-passiġġieri addizzjonali bit-trasport pubbliku

**Aktar minn 13 000**
Pompi tal-fjuwil alternattiv

**2.6 miljuni**
Persuni b'sistemi ġodda tal-ġbir tal-iskart

**1.9 miljuni**
Persuni b'sanità mtejba

**4.9 miljuni**
Persuni b'ilma għax-xorb aktar sikur

**1.5 miljuni**
Persuni li qed jaffaċċjaw tnaqqis fir-riskju ta' għargħar

**12-il miljun**
Persuni li qed jiffaċċjaw tnaqqis fl-esponiment għan-nixfa

Iċ-ċifri huma l-eżiti mistennija ta' operazzjonijiet ġodda ffinanzjati ffirmati fl-2023 għall-ewwel darba abbażi tad-*data* disponibbli f'dan l-istadju. Iċ-ċifri kollha mhumiex awditjati u huma proviżorji.

# IL-BEI F'PAJJIŻEK




Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.


IL-FINLANDJA
€992 miljun
0.35% tal-PDG
L-IŻVEZJA
€2.90 biljun
0.53% tal-PDG
L-ESTONJA
€540 miljun
1.41% tal-PDG
IL-LATVJA
€82 miljun
0.20% tal-PDG
IL-LITWANJA
€654 miljun
0.89% tal-PDG
IL-POLONJA
€5.10 biljun
0.68% tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€8.63 biljun
0.21% tal-PDG
IR-REPUBBLIKA ĊEKA
€1.87 biljun
0.61% tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€293 miljun
0.24% tal-PDG
L-AWSTRIJA
€1.26 biljun
0.26% tal-PDG
L-UNGERIJA
€490 miljun
0.25% tal-PDG
IR-RUMANIJA
€4.12-il biljun
1.28% tal-PDG
IS-SLOVENJA
€359 miljun
0.57% tal-PDG
IL-KROAZJA
€464 miljun
0.61% tal-PDG
IL-BULGARIJA
€1.1 biljun
1.17% tal-PDG
L-ITALJA
€12.19-il biljun
0.59% tal-PDG
IL-GREĊJA
€2.53 biljun
1.14% tal-PDG
€257 miljun
0.86% tal-PDG
ĊIPRU
MALTA
€30 miljun
0.16% tal-PDG

# IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK






Il-Bank Ewropew tal-Investiment ma japprovax, ma jaċċettax jew ma jiġġudikax l-istatus legali ta' kwalunkwe territorju, konfini, kulur, denominazzjoni jew informazzjoni murija fuq din il-mappa.

Wara s-sanzjonijiet tal-UE kontra s-Sirja f'Novembru 2011, il-BEI ssospenda kull attività ta' self u konsulenza fil-pajjiż. Madankollu, il-BEI jagħmel parti mill-grupp tad-donaturi ewlenin tas-Sirja fejn jissorvelja s-sitwazzjoni taħt it-tmexxija konġunta tal-UE u n-NU.

# PJANIJIET
## GĦAL APPARATI TRASFORMATTIVI

"It-tensjonijiet ġeopolitiċi kellhom impatt b'mod qawwi fuq l-ekosistema Ewropea tal-innovazzjoni fl-2023 – inkluż il-finanzjament tagħha. Il-BEI kompla jipprovdi appoġġ essenzjali lil kumpaniji fi stadju bikri u innovattivi ħafna madwar l-Ewropa, f'setturi strateġiċi bħax-xjenzi tal-ħajja, l-ispazju, il-klima, l-intelliġenza artifiċjali, u l-computing kwantistiku. Il-BEI sar mexxej ċar f'dan is-segment kruċjali tas-suq. L-appoġġ dirett tagħna ppermetta lil ħafna SMEs innovattivi jibqgħu fl-Ewropa, ħoloq impjiegi, u ssalvagwardja l-għarfien li spiss joriġina minn universitajiet u ċentri ta' riċerka Ewropej eċċellenti. Il-komunità tal-investiment qed tħares aktar u aktar lejn il-Bank bħala investitur ewlieni potenzjali. Dan huwa eżattament ir-rwol ta' katalizzatur li qed nimmiraw għalih f'segment b'distakk kbir fis-suq."

**Yu Zhang,** Kap tal-Industrija 4.0 u x-xjenzi tal-ħajja, BEI

"Il-finanzjament tagħna għandu impatt qawwi fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini tal-UE. L-investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp huwa kritiku għal kull settur tal-ekonomija. Il-BEI għandu rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' proġetti innovattivi u sostenibbli li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u, b'hekk, itejbu l-ħajjiet tan-nies fil-komunitajiet li jservu. Aħna kburin b'dawn it-tranżazzjonijiet."

**Gilles Badot,** direttur, il-Baħar Adrijatiku u l-Iberja, BEI

"Din is-sena rat it-taqsima tal-Konsulenza jkollha rwol kritiku fl-appoġġ ta' kumpaniji u proġetti individwali biex iħejju għall-finanzjament, u fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' ekosistema b'saħħitha f'setturi ewlenin tat-teknoloġija avvanzata. Aħna ngħaqqdu flimkien lill-promoturi, l-investituri u l-Kummissjoni Ewropea. Dan jinkludi setturi mill-ispazju għaċ-ċibersigurtà, u mill-idroġenu għad-difiża."

**Juan Magaña-Campos,** kap tal-konsulenza dwar finanzjament korporattiv, BEI

**L-innovaturi jeżaminaw il-proċessi li ħaddieħor jissottovaluta. Huma jiddubitawhom, u jiżviluppaw perkors aħjar. Perkors li jkun tant aħjar li meta jarah ħaddieħor, kulħadd jibda jistaqsi kif seta' ma rahx. Il-Bank Ewropew tal-Investiment ifittex dawn l-innovaturi, u jagħtihom l-għodod biex joħolqu u jittrasformaw il-mod kif ngħixu ħajjitna. Mill-isptarijiet tagħna sal-imwejjed fejn nieħdu l-kolazzjon, dawn l-innovaturi jagħmlu l-ħajjiet tagħna aħjar.**

# META X-XOGĦOL TA' DOKUMENTAZZJONI JKUN KWISTJONI TA' ĦAJJA JEW MEWT

## Negozju ġdid Ġermaniż fil-qasam tas-saħħa juża l-intelliġenza artifiċjali biex jitnaqqas il-ħin li jittieħed minn xogħol ta' dokumentazzjoni mediku u biex tittejjeb il-kura tal-pazjenti

Fil-bidu tas-snin 2010, Wieland Sommer kien radjologu entużjast li kien għadu kif beda jaħdem f'wieħed mill-akbar sptarijiet tal-Ewropa, LMU Klinikum fi Munich. Ma damx ma ntebaħ li minflok ma jiffoka fuq il-pazjenti tiegħu, huwa kien qed iqatta' l-biċċa l-kbira tal-ħin tiegħu fuq xogħol ta' dokumentazzjoni. "Il-ħin tiegħi seta' ntuża aħjar," huwa jgħid. Imbagħad, kellu idea: li juża t-teknoloġija diġitali biex jistandardizza r-rapportar u jimminimizza l-ħin imqatta' fuq id-dokumentazzjoni.

Hija idea li jista' jkollha impatt kbir. Wara kollox, it-tabib medju jqatta' aktar minn terz tas-sigħat tax-xogħol tiegħu fuq xogħol ta' dokumentazzjoni. Minkejja li l-Ewropa għandha proporzjon aħjar mill-medja ta' tobba għal kull abitant meta mqabbla mal-bqija tad-dinja, 40% ta' dawn il-prattikanti huma qrib l-età tal-irtirar. L-Ewropa qed tiffaċċja nuqqas imminenti ta' tobba, u jeħtieġ li l-ħin tat-tobba jintuża bl-aħjar mod.

Hemm domanda partikolarment għolja għal radjologi bħal Sommer. Minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ, hemm bżonn ta' aktar u aktar imaging mediku, imma aktar minn 80% tas-sistemi tas-saħħa jirrapportaw nuqqasijiet tar-radjoloġija. U r-radjologi jitilfu ħafna ħin jiktbu r-rapporti, minħabba metodi ta' dokumentazzjoni skaduti. "Normalment nibdew b'dokument vojt," jgħid Sommer, "inħarsu lejn l-immaġni, u niddettaw l-analiżi tagħna." Kull tabib għandu l-istil tiegħu stess u ftit hemm standardizzazzjoni.

Fl-2014, Sommer ħoloq in-negozju l-ġdid tiegħu, Smart Radiology. Huwa ħadem ma' inġiniera tas-software biex jiżviluppa mudelli li jistgħu jiġu aġġornati regolarment, sabiex it-tobba dejjem ikollhom aċċess għall-informazzjoni l-aktar rilevanti.

### Diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa

Wara għaxar snin, il-kumpanija espandiet lil hinn mir-radjoloġija u bidlet isimha għal Smart Reporting. Għandha aktar minn 80 impjegat, inkluż għadd sinifikanti ta' tobba li jaħdmu fil-kliniki, filwaqt li s-software tagħha għandu aktar minn 15 000 utent f'aktar minn 90 pajjiż. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa l-espansjoni ta' Smart Reporting b'finanzjament ta' dejn ta' riskju fl-ammont ta' €15-il miljun, appoġġat mill-programm InvestEU**, li jgħin lill-kumpaniji innovattivi Ewropej jimmobilizzaw l-investiment u jappoġġa l-aġenda ta' sostenibbiltà tal-Unjoni Ewropea. "Għad hemm ħafna effiċjenza li tista' tinkiseb fis-settur tal-kura tas-saħħa, u naraw dan is-software bħala mhux biss soluzzjoni kbira għal dan, iżda wkoll bħala pass 'il quddiem għad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa tant meħtieġa," jgħid Gergely Krajcsi, l-uffiċjal tas-self bankarju mill-UE li jaħdem fuq il-proġett.

Il-kumpanija tgħid li s-software tagħha jista' jiffranka sa 90% tal-ħin li t-tobba jqattgħu fuq id-dokumentazzjoni, kif ukoll inaqqas 30% tal-ħin li t-tobba li jirreferu l-pazjenti jqattgħu jinterpretaw rapporti mhux standard. Wara kollox, din hija litteralment kwistjoni ta' ħajja u mewt. Ir-riċerka wriet li l-introduzzjoni ta' rapportar standardizzat fil-patoloġija wasslet għal tnaqqis ta' 4.3% fil-mortalità tal-pazjenti. "Raġuni oħra għaliex qed niffinanzjaw lill-kumpanija," tkompli tgħid Cristina Niculescu, speċjalista tax-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment, "hija minħabba li għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kura tas-saħħa permezz ta' approċċ immexxi mid-*data* li jagħmel id-dijanjożi aktar faċli u aktar preċiża."

# MILL-FINZJONI TAX-XJENZA GĦALL-FATTI TAX-XJENZA

## Impjant ġdid tal-grafen fil-moħħ għall-kura ta' disturbi newroloġiċi

L-idea li ċ-ċipep tal-kompjuter jiġu impjantati fl-imħuħ tal-bniedem għandha storja twila fil-finzjoni tax-xjenza. Tfittxija rapida fl-Internet Movie Database turi li hemm mill-inqas 55 film u spettaklu televiżiv dwar impjanti tal-moħħ. Issa, madankollu, l-impjanti taċ-ċipep fil-moħħ huma mistennija jingħaqdu ma' lista dejjem akbar ta' teknoloġija li marret mill-finzjoni tax-xjenza għall-fatti tax-xjenza u, forsi f'dan id-deċennju, se jġibu soluzzjonijiet rivoluzzjonarji biex tiġi ssodisfata ħtieġa medika li qed tikber. Il-kumpanija ġdida Spanjola INBRAIN qed tibda l-provi umani ta' ċippa impjantabbli fil-moħħ magħmula mill-grafen, materjal rivoluzzjonarju li huwa 200 darba aktar b'saħħtu mill-azzar u bi ħxuna ta' atoma waħda biss. "Il-vantaġġ kbir tal-grafen huwa li jippermettilna nagħmlu sistema ta' ċipep li tkun invażiva mill-anqas u bijokompatibbli ħafna li għandha sensittività inkredibbli u riżoluzzjoni ta' sinjali newrali b'rekwiżiti ta' enerġija baxxa," tgħid Carolina Aguilar, il-kap eżekuttiv ta' INBRAIN.

Il-grafen huwa essenzjalment saff wieħed ta' atomi tal-karbonju rranġati fi struttura ta' kannizzata essagonali. Dan il-materjal, li huwa miljun darba irqaq mill-ħxuna tax-xagħar tal-bniedem, huwa bidimensjonali bi proprjetajiet mekkaniċi, elettriċi u termali eċċezzjonali. Il-grafen trasparenti għall-għajn iżda folt biżżejjed biex ma jgħaddux il-gassijiet minnu, huwa eċċezzjonalment b'saħħtu, u għandu potenzjal kbir f'għadd ta' oqsma, inklużi l-elettronika, il-ħżin tal-enerġija u l-bijomediċina.

Iċ-ċippa ta' INBRAIN fiha proċessur tal-interfaċċja newrali simili għall-ġilda magħmula mill-grafen u proċessur newrali rikarikabbli bla fili li, flimkien ma' software avvanzat ta' tagħlim awtomatiku, jippermetti li s-sinjali newrali fil-moħħ jiġu mmappjati, dekodifikati, u modulati. Is-sistema tista' tidentifika sinjali elettriċi irregolari fil-moħħ, li fil-każ tal-marda ta' Parkinson jikkawżaw rogħda bla kontroll, riġidità jew żbilanċ fil-pożizzjoni. Imbagħad, din temetti polzi elettriċi biex timmodulahom u b'hekk tikkontrolla s-sintomi dak il-ħin stess. Fil-futur, is-sistema se tkun tista' wkoll tiddekodifika l-ħsieb għall-kliem f'pazjenti b'afasja ta' wara puplesija jew disturbi paralizzanti oħrajn. "Il-potenzjal huwa enormi," tgħid Valeria Iansante, speċjalista tax-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment, li **fl-2023 ffirma self ta' dejn ta' riskju ta' €20 miljun lil INBRAIN** biex jappoġġa l-ħtiġijiet futuri potenzjali ta' flus kontanti minbarra l-ġbir ta' fondi li rnexxa ta' kapital ta' riskju għall-kumpanija. "L-impatt potenzjali ta' din it-teknoloġija għat-trattament ta' disturbi newroloġiċi bħall-marda ta' Parkinson – kif ukoll potenzjalment l-epilessija jew saħansitra d-depressjoni – huwa tant kbir, li aħna nemmnu li dawn jistħoqqilhom il-finanzjament issa."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment mhuwiex waħdu fir-rikonoxximent tal-potenzjal tat-teknoloġija ta' INBRAIN. L-aktar kumpanija farmaċewtika antika tal-Ewropa, Merck, iffirmat mal-kumpanija fl-2021 biex tikkoopera dwar it-terapiji bijoelettroniċi tan-nerv vagus biex jiġi ttrattat il-mard kroniku, bħal diżordnijiet inflammatorji.

INBRAIN, li hija bbażata f'Barċellona, hija storja ta' suċċess Ewropew għar-riċerka ffinanzjata pubblikament u għax-xena ta' teknoloġija avvanzata ta' Barċellona. Il-kumpanija kienet spin-off mill-Istitut Katalan tan-Nanoxjenza u n-Nanoteknoloġija f'Barċellona, bi programm ta' riċerka li kien iffinanzjat mill-Graphene Flagship tal-Unjoni Ewropea, programm ta' riċerka ta' €1 biljun għal għaxar snin li tnieda fl-2013 biex jippromwovi u jikkoordina r-riċerka dwar il-grafen madwar l-Unjoni Ewropea.

# ĊIRKI LI DEJJEM JIŻDIEDU

## Il-plastik magħmul mill-fjuwils fossili huwa kontributur ewlieni għat-tibdil fil-klima, u l-iskart mill-plastik huwa problema ambjentali serja. Infinity Recycling qed tiffaċċja l-isfida tal-plastik

Jeroen Kelder qatta' l-biċċa l-kbira tal-karriera tiegħu fis-settur tal-finanzjament u l-investiment korporattiv, fejn ipprovda appoġġ lil kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u investa f'setturi ekonomiċi ewlenin bħall-kura tas-saħħa u l-enerġija rinovabbli. Hekk kif niffukaw dejjem aktar fuq iċ-ċirkolarità, huwa rrealizza li ħafna mill-affarijiet li kien tgħallem jistgħu jiġu applikati għat-tranżizzjoni tar-riżorsi u, b'mod partikolari, għall-plastik. "Hemm biss perċentwal ferm baxx ta' plastik li qed jiġi rriċiklat fl-Ewropa," jgħid Kelder. "Bħalissa għandna nuqqas ta' soluzzjonijiet biex nirriċiklaw b'mod adegwat l-iskart tagħna li jkun wasal fi tmiem il-ħajja, u għalhekk ħafna minnu jispiċċa jew inċinerat jew inkella jintbagħat f'landfill, li hija ħasra għaliex 7-9% tas-$CO_2$ tad-dinja jiġi mill-plastik. Li nnaqqsu dan għandu jkun objettiv faċli."

It-teknoloġija biex jitwettaq riċiklaġġ avvanzat ilha teżisti għal snin, iżda l-operazzjonijiet kienu "taħt l-iskala meħtieġa, għaljin wisq u ineffiċjenti. U minħabba n-natura fixkiela tat-tranżizzjoni minn ekonomija ċentralizzata u lineari għal ekonomija ċirkolari distribwita, l-industrija diġà stabbilita x'aktarx li mhux se tħaddan il-bidla," jgħid Kelder. "Dak li jeħtieġ is-settur huwa kapital ta' riskju indipendenti u appoġġ prattiku."

Din hija r-raġuni għaliex Kelder irrikorra għand il-Fond Ewropew tal-Investiment fl-2019 biex jittestja t-teorija tad-ditta tal-investiment tiegħu, Infinity Recycling. Fl-2023, **il-FEI investa €50 miljun fis-Circular Plastics Fund ta' Infinity Recycling**, wieħed mill-akbar investimenti tiegħu f'fond tal-ewwel darba. Ir-riżultat huwa li l-fond jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq id-daqs tal-mira tiegħu ta' €150 miljun.

Il-plastik għandu impronta klimatika enormi u huwa ta' theddida serja għall-ekosistemi u għall-ħabitats, hekk kif jirrappreżenta 80% tat-tniġġis kollu tal-baħar. Minkejja l-impatt negattiv tal-iskart tal-plastik, l-użu tal-plastik huwa mistenni li jittrippla sal-2060. Is-Circular Plastics Fund, wieħed mill-ewwel fondi Ewropej li jiffokaw fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik, qed jintroduċi teknoloġiji avvanzati ta' riċiklaġġ li jistgħu jindirizzaw il-kwistjoni u jippermettu t-trasformazzjoni tal-iskart tal-plastik lura fl-istat oriġinali tiegħu għall-użu bħala materja prima, u b'hekk jingħalaq iċ-ċirku industrijali.

"L-impenn siewi tal-Fond Ewropew tal-Investiment lejn il-fond huwa mistenni li jkollu effett ta' sinjalar b'saħħtu u jallinja mal-objettiv tagħna li tinbena ekosistema tal-investituri Ewropea speċjalizzata f'oqsma ta' politika ewlenin dwar il-klima u l-ambjent li mhumiex moqdija biżżejjed," jgħid João Ramos, maniġer tal-investiment fit-tim tal-investimenti u l-garanziji ta' ekwità tal-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Il-Fond Ewropew tal-Investiment kompla jżid l-attività ta' investiment tiegħu fil-fondi tal-impatt fuq il-klima u l-ambjent u, fl-2023, jistenna li jimpenja kważi €1 biljun f'aktar minn 25 fond ta' kapital ta' riskju u ta' ekwità privata, hekk kif jirdoppja l-investiment li kien għamel fl-2022**. Permezz tal-impenji tal-fondi tiegħu, il-Fond Ewropew tal-Investiment ifittex li jindirizza n-nuqqasijiet persistenti ta' finanzjament fi swieq ewlenin u mhux moqdija biżżejjed billi jappoġġa fondi ġodda fis-setturi tal-enerġija, tal-ikel agrikolu, tal-ekonomija ċirkolari u dik tal-baħar. In-nuqqas akut ta' kapital għat-tkabbir fi stadju avvanzat u l-iskalar tat-teknoloġiji klimatiċi u ambjentali wkoll ġibdu l-attenzjoni, hekk kif il-Fond Ewropew tal-Investiment appoġġa għadd ta' fondi ġodda li jindirizzaw dan is-segment kritiku tas-suq.

# KAPITAL TA' RISKJU BIEX JIFFAĊILITA L-FINANZJAMENT TA' ESPANSJONI

## L-Inizjattiva Ewropea dwar il-Promoturi tat-Teknoloġija se tiffinanzja l-espansjoni ta' kumpaniji Ewropej tat-teknoloġija – u tiżviluppa s-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju

In-negozji ġodda promettenti Ewropej spiss ibatu biex isibu l-kapital li jeħtieġu biex jespandu u jimmaturaw. Kwart mill-ftehimiet Ewropej dwar il-kapital ta' riskju għandhom mill-inqas investitur wieħed mill-Istati Uniti. In-negozji ġodda huma mġiegħla jew li jittrasferixxu ruħhom lejn is-swieq kapitali fondi fl-Istati Uniti u fl-Asja jew jinbiegħu lil rivali akbar b'riżorsi finanzjarji akbar. L-għadd ta' fondi ta' kapital ta' riskju li għandhom bejn €200 miljun u €500 miljun x'jinvestu huwa tliet darbiet akbar fl-Istati Uniti milli fl-Ewropa. L-għadd ta' fondi fil-medda ta' bejn €500 miljun u €1 biljun jew aktar huwa minn sitt sa tmien darbiet akbar fl-Istati Uniti. B'konsegwenza ta' dan, il-kumpaniji l-ġodda tipikament ikunu jistgħu jiġbru kapital sa ħames darbiet ogħla fl-Istati Uniti milli fl-Ewropa.

Sabiex titnaqqas din id-disparità fl-investiment, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment bena pjattaforma ta' investiment biex jagħti spinta lill-kapital ta' riskju fl-Ewropa, l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Promoturi tat-Teknoloġija.

L-Inizjattiva Ewropea dwar il-Promoturi tat-Teknoloġija, li hija ġestita mill-Fond Ewropew tal-Investiment, is-sussidjarju tal-bank tal-UE li joffri finanzjament ta' ekwità u jiffoka fuq negozji iżgħar, kisbet impenji inizjali ta' €3.75 biljun mill-Ġermanja, minn Franza, mill-Italja, minn Spanja, mill-Belġju u mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-inizjattiva se tgħin lill-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju fi stadju tard joħorġu u jikbru sabiex ikunu jistgħu jipprovdu il-kapital ta' espansjoni tant meħtieġ lill-innovaturi Ewropej promettenti.

**L-Inizjattiva Ewropea dwar il-Promoturi tat-Teknoloġija hija mistennija li tagħmel bejn 10 u 15-il investiment f'fondi kbar ta' kapital ta' riskju ta' madwar €1 biljun. Din għandha l-għan li timmobilizza aktar minn €10 biljun ta' investiment f'kumpaniji innovattivi fl-istadju tat-tkabbir tagħhom.**

L-inizjattiva se tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' klassi ta' assi biex tattira l-investituri istituzzjonali u tgħin biex jinżamm fluss kontinwu ta' finanzjament għan-negozji Ewropej li qed jespandu.

Id-daqs tal-fond huwa mistenni jikber b'impenji ġodda maż-żmien.

"Jeħtieġ li n-negozji innovattivi jkunu jistgħu jsibu l-kapital ta' ekwità li jeħtieġu, hawnhekk fl-Ewropa," tgħid Marjut Falkstedt, kap eżekuttiv tal-Fond Ewropew tal-Investiment.

# INNOVAZZJONIJIET LI GĦANDEK TISMA' DWARHOM

**Id-ditta Taljana tal-kura tas-smigħ Amplifon tinvesti u tiddiġitalizza biex taqdi popolazzjoni li qed tikber bi problemi ta' smigħ, filwaqt li Neuromod tal-Irlanda tiżviluppa trattament għat-tinnitus**

Marco Giachetti kien għadu qas għalaq l-40 sena meta beda jitlef is-smigħ tiegħu. "Meta kont inkun mal-familja jew mal-ħbieb, aktar u aktar ta' spiss kont niżola ruħi, għaliex kont insibha diffiċli li nipparteċipa f'konverżazzjonijiet," jgħid Giachetti, li issa għandu 67 sena. "Kien diffiċli għalija biex inkampa f'ambjenti storbjużi, u kien ukoll diffiċli biex immur iċ-ċinema jew it-teatru."

Huwa rrikorra għand Amplifon, bejjiegħ globali ta' kura tas-smigħ stabbilit fl-Italja, fejn awdjologu, jew speċjalist tas-smigħ, għamillu apparat tas-smigħ. Giachetti mhuwiex waħdu. Madwar 1.5 biljun persuna għandhom xi grad ta' telf tas-smigħ, u 430 miljun persuna – aktar minn 5% tal-popolazzjoni tad-dinja – ibatu minn telf tas-smigħ li jikkawżalhom diżabbiltà. In-numru huma mistenni li jitla' għal 700 miljun sal-2050. It-telf ta' smigħ mhux ittrattat jiswa kważi $1 triljun fis-sena globalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż għas-settur tas-saħħa u għas-soċjetà, it-telf tal-produttività u l-appoġġ edukattiv. L-investiment f'apparat li jtejjeb il-ħajjiet ta' dawk li jbatu minn din il-kundizzjoni huwa importanti, hekk kif il-popolazzjonijiet jixjieħu.

## Investiment fis-saħħa

F'Lulju, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €300 miljun ma' Amplifon biex jgħin lill-kumpanija tkompli tkun innovattiva, tiddiġitalizza u ttejjeb is-servizzi tagħha. "Dan huwa investiment fl-ekonomija fiddiena," jgħid Radek Ossowski-Barbetti, l-uffiċjal anzjan għas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ta' bidu għal dan il-ftehim. L-investiment se jkun ta' benefiċċju għall-klijenti ta' Amplifon fl-Ewropa u madwar id-dinja, iżda ħafna mill-investiment se jkun fir-reġjuni ta' koeżjoni, f'konformità mal-politika tal-Ewropa li tinvesti fir-reġjuni ekonomikament aktar dgħajfa tagħha biex tgħolli l-istandards tal-għajxien.

> "Kien diffiċli biex inkampa f'ambjenti storbjużi"

Amplifon għandha l-għan li tuża d-*data* biex toħloq "esperjenza awdjoloġika aktar personalizzata," jgħid Enrico Vita, il-kap uffiċjal eżekuttiv ta' Amplifon. "Bid-*data* li niġbru, nistgħu nsiru nafu lill-klijenti tagħna aħjar u niksbu għarfien dwar kif jużaw l-apparat tas-smigħ tagħhom. U b'din l-informazzjoni, nistgħu ntejbu s-servizz tagħna, pereżempju permezz ta' trattamenti ta' segwitu personalizzati u kura mill-bogħod."

## Nindirizzzaw it-tinnitus

Problema oħra tas-smigħ li taffettwa bejn 10% u 15% tal-popolazzjoni adulta globali hija t-tinnitus, ħoss fantażma li ma għandu l-ebda sors estern. Normalment jiġi deskritt bħala ħoss ta' żarżir, iżda xi nies jesperjenzaw dan bħala tisfira metallika bi frekwenza għolja, jew ħoss ta' għajjat jew textix. Kumpanija fl-Irlanda, Neuromod Devices, żviluppat apparat li jakkoppja l-istimulazzjoni tal-ilsien u tal-ħoss biex jgħin itaffi t-tinnitus. Il-kumpanija ssejjaħ din l-istimulazzjoni doppja "newromodulazzjoni bimodali."

F'Marzu, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim ta' dejn ta' riskju ta' €15-il miljun ma' Neuromod biex jgħinha tkompli tiżviluppa dan l-apparat u biex tibda tikkummerċjalizzah f'aktar pajjiżi Ewropej.

# TFITTXIJA GĦALL-KANĊER TAS-SIDER

## Ditta Pollakka tiżviluppa dijanjostika innovattiva għall-kanċer tas-sider li tipprovdi riżultati f'anqas minn siegħa

Magdalena Staniszewska u Marcin Staniszewski vvintaw apparat li huwa potenzjalment rivoluzzjonarju biex jinstab il-kanċer tas-sider. Iżda l-idea ma bdietx bil-kanċer tas-sider affattu. Bdiet bl-għajn … u n-NASA.

Magdalena, li hija mħarrġa fl-immunokimika u li għandha għal qalbha l-bijoloġija taċ-ċelloli, kienet qiegħda taħdem fil-Pierce Lab prestiġjuż fil-Harvard Medical School ta' Boston fl-2012, fejn għamlet riċerka fuq mard tal-għajnejn. Marcin kien għadu kif iggradwa mill-Akron University ta' Ohio b'lawrja masters fl-inġinerija. Huwa kien qiegħed jikkollabora man-NASA fuq proġett li juża materjali komposti ġodda għall-magni tal-inġenji tal-ispazju, u ħa interess fl-applikazzjonijiet possibbli tat-teknoloġiji tal-fibra ottika fl-ispazju. Id-diskussjonijiet ta' ħin l-ikel iffukaw fuq ix-xjenza. Il-koppja ħarġet bl-idea li tuża l-fotonika biex tiġi skoperta l-preżenza ta' markaturi għal bosta mard fil-ġisem mingħajr il-bżonn li jitneħħew ċelloli jew tessut. Minflok, il-fibra ottika tista' tintuża biex tkejjel markaturi tal-mard, bħal dawk li jkunu qegħdin iduru ġo tumur, ġewwa l-ġisem, dak il-ħin stess. "Dan huwa l-mod kif żviluppajna l-idea li noħolqu għodda dijanjostika ġdida biex inkejlu xi ħaġa f'tessut reali u ħaj," tiftakar Magdalena Staniszewska.

Il-kumpanija tagħhom, SDS Optic, qattgħet l-aħħar għaxar snin tiżviluppa għodda dijanjostika, inPROBE. Meta din tiddaħħal fil-ġisem, f'inqas minn siegħa tiskopri l-preżenza ta' tip aggressiv ta' kanċer tas-sider, li jissejjaħ HER2 pożittiv. Dan nistgħu nqabbluh mal-jiem jew ġimgħat li n-nisa jistennew għar-riżultati ta' bijopsija tradizzjonali. Id-dijanjożi bikrija ttejjeb is-suċċess ta' trattamenti żviluppati dan l-aħħar għall-kanċer HER2 pożittiv.

"Il-kanċer ġibed l-attenzjoni tagħna għaliex kien hemm bżonn kbir," tgħid Staniszewska, il-kap uffiċjal tax-xjenza fi ħdan il-kumpanija. Il-każijiet kienu qed jiżdiedu globalment, anke fost in-nisa żgħażagħ. "Kienet xi ħaġa tassew tal-biża', u għalija ovvjament, kienet xi ħaġa li kelli għal qalbi."

Is-sensur tal-fibra ta' daqs nano jinsab f'labra tal-bijopsija rqiqa ħafna li tiddaħħal fil-ġisem ħdejn it-tumur jew ċelloli li potenzjalment ikollhom il-kanċer. Is-sensur li huwa rqiq daqs xagħra jkejjel il-preżenza ta' bijomarkatur, li jagħmel il-proċess aktar sigur – u jikkawża ferm anqas uġigħ u huwa inqas invażiv minn bijopsija tradizzjonali. Id-*data* miġbura mis-sonda tiġi ttrasferita permezz tal-fibra ottika lejn apparat dijanjostiku li jiddetermina jekk hemmx kanċer mil-livelli ta' ċerti markaturi, bħall-proteina HER2.

Il-kanċer tas-sider huwa l-aktar kanċer komuni fost in-nisa, b'dijanjożi ta' madwar 2 miljun każ u aktar minn 650 000 mewt fis-sena, tgħid Rebecca Verdin-Pol, uffiċjal tal-investiment mat-taqsima tax-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija tal-Bank Ewropew tal-Investiment. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi lil SDS Optic b'finanzjament ta' dejn ta' riskju ta' €10 miljun, appoġġat minn garanzija ta' InvestEU**.

"Li nkunu nistgħu nagħmlu dijanjożi dak il-ħin stess bi preċiżjoni ferm għolja hija xi ħaġa tassew rivoluzzjonarja," tgħid Verdin-Pol.

# ENERĠIJA MIX-XEMX

## Kumpanija Spanjola tiżviluppa l-ewwel dron bla bdot li jieħu l-enerġija mix-xemx u jaħdem għalkollox bl-elettriku, li jiftaħ il-bieb għal forom ġodda ta' użu fl-oqsma tal-intelliġenza u s-sorveljanza

Robert Miller huwa veteran fl-industrija tal-ajruspazju li żviluppa u uża magni li jtiru għall-issensjar ġeospazjali, għall-komunikazzjoni u għall-istudju ambjentali. Huwa qatta' snin jirriċerka teknoloġiji għall-istħarriġ ta' żoni b'veġetazzjoni folta, bħal ġungli, foresti u fruntieri marittimi. Dik is-sorveljanza hija sinifikanti kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll ta' difiża. Iżda ambjenti differenti, bħall-veġetazzjoni folta, jistgħu jagħmluha diffiċli biex tinġabar, tinftiehem u tiġi analizzata l-informazzjoni.

Miller irrealizza li l-kombinament ta' informazzjoni minn bosta sensuri kien kruċjali biex tingħeleb din il-problema. Iżda dan kien jeħtieġ inġenji tal-ajru b'veloċità baxxa li kapaċi jagħmlu titjiriet twal u moviment sod, sabiex il-kameras u s-sensuri jkunu jistgħu jiġbru informazzjoni li tkun ħafna aktar dettaljata u utli permezz ta' xbihat b'fedeltà ogħla. Dik it-teknoloġija, madankollu, kienet għad trid tiġi żviluppata.

Kollox inbidel fl-2016 meta Bertrand Piccard u André Borschberg wettqu l-ewwel vjaġġ li qatt sar madwar id-dinja b'inġenju tal-ajru li jieħu l-enerġija mix-xemx. Dan l-inġenju tal-ajru kien eżattament dak li Miller kien qiegħed ifittex u huwa ra l-potenzjal tiegħu li jirrivoluzzjona l-industrija tad-difiża mill-ajru. Skydweller, kumpanija li ġiet imwaqqfa minn Miller u s-soċju tiegħu, John Parker, akkwistat l-inġenju tal-ajru żviluppat minn Piccard u Borschberg fl-2019, flimkien mal-assi relatati tal-proprjetà intellettwali. "L-inġenju tal-ajru huwa ħafif, għandu durabbiltà notevoli minħabba li jieħu l-enerġija mix-xemx, u jtir bil-mod peress li jaħdem bħal glider," jgħid Massimiliano Manfreda, li kien wieħed mill-aħħar disa' persuni li ngħaqdu ma' Skydweller meta ġiet imwaqqfa. "L-uniku limitu kien il-bdot. L-ewwel idea kbira tagħna kienet li nneħħu l-bdot u nittrasformaw l-inġenju tal-ajru f'sistema mingħajr bdot abbord."

> **" L-ewwel idea kbira tagħna kienet li ... nittrasformaw l-inġenju tal-ajru f'sistema mingħajr bdot "**

Skydweller, flimkien mas-soċju Taljan tagħha għat-teknoloġija, Leonardo, qed tippjana li tniedi d-dron kummerċjalment fl-2024. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa lil Skydweller b'self ta' dejn ta' riskju ta' €30 miljun, li ġie ffirmat f'Novembru 2023**. Il-finanzjament huwa appoġġat minn garanzija minn InvestEU. "L-ebda dron ieħor li jieħu l-enerġija mix-xemx ma jista' jġorr tagħbijiet utli simili," jgħid Björn Werner, ekonomist mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "Din il-vettura tal-ajru bla bdot, li taħdem b'taħlita ta' enerġija mix-xemx u mill-batteriji, tibqa' fl-ajru għal ġranet mingħajr il-bżonn li tinżel fuq l-art jew li tieħu l-fjuwil, u b'hekk tiżblokka possibiltajiet ġodda.

B'wisa' tal-ġwienaħ massiva ta' 72 metru, dan l-inġenju tal-ajru jeċċedi d-daqs ta' ajruplani tal-passiġġieri bħall-Airbus A330. Il-ġwienaħ huma miksija bi kważi 300 metru kwadrat ta' ċelloli fotovoltajċi biex juża enerġija rinnovabbli mix-xemx. L-inġenju tal-ajru għandu wkoll erba' batteriji li kapaċi jaħżnu 7 075 kilowatt-siegħa ta' enerġija, li huwa daqs il-batteriji ta' żewġ karozzi elettriċi ta' Tesla.

Id-droni li jieħdu l-enerġija mix-xemx jistgħu jirrivoluzzjonaw l-avjazzjoni billi jwittu t-triq għad-dekarbonizzazzjoni ta' titjiriet fit-tul. Peress li l-inġenji tal-ajru huma kapaċi jtiru għal perjodu ta' żmien estiż u jkopru aktar distanza, huma utli f'żoni remoti fejn is-sorsi tradizzjonali ta' enerġija jistgħu jkunu skarsi.

L-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment se jippermetti lill-kumpanija biex tkompli ttejjeb it-teknoloġija u tagħmel l-ingenju tal-ajru disponibbli kummerċjalment. "Se jgħin ukoll lill-kumpanija biex issir fornitur ewlieni tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot," jgħid Fabrizio Morgera, uffiċjal tal-investiment anzjan mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

# SABIĦ, TAJJEB U VELOĊI

## L-ewwel bank fl-Italja li huwa għalkollox diġitali u bbażat fuq il-cloud jiffinanzja lil negozji żgħar fil-Mezzogiorno – b'mod partikolari dawk li jiffukaw fuq l-azzjoni klimatika

Illimity, li huwa bank ibbażat fuq il-cloud li ġie stabbilit fl-2019 u huwa mmexxi minn Corrado Passera, eks-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku, kiber malajr u sar inkubatur ta' inizjattivi rivoluzzjonarji bħal b-ilty, l-ewwel programm ta' tislif online tal-Italja għan-negozji żgħar. "Aħna ridna li negħlbu r-restrizzjonijiet tal-banek korporattivi tradizzjonali u ngħinu biex jingħelbu wħud mill-ostakli ta' kuljum li bħalissa jiltaqgħu magħhom l-intraprendituri żgħar," jgħid Passera.

**Self ta' €100 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment li ġie ffirmat ma' illimity f'April** se jippermetti lil b-ilty biex jinvesti dak l-ammont f'negozji żgħar ibbażati fil-Mezzogiorno, in-Nofsinhar u l-gżejjer tal-Italja, u f'kumpaniji li jgħinu biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima. Din hija t-tieni darba li kumpanija innovattiva rrikorriet għand il-bank tal-UE għall-finanzjament, wara ftehim fl-2021 li kien imfassal biex jikkumbatti l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 fuq in-negozji żgħar.

Filwaqt li l-banek għall-konsumatur ħaddnu d-diġitalizzazzjoni xi żmien ilu, huwa issa biss li l-banek korporattivi qegħdin jindirizzaw is-servizzi diġitali. Il-pjattaforma tas-servizzi bankarji diġitali ta' b-ilty, li tnediet fi Frar 2022, tinkludi firxa sħiħa ta' servizzi għan-negozji żgħar, inklużi applikazzjonijiet simplifikati għas-self u fakultajiet ta' rendikonti u rapportar bla xkiel. Il-kumpaniji jistgħu jaraw b'mod sħiħ l-assi tagħhom kollha u jistgħu jaċċessaw il-metriċi finanzjarji tagħhom fi ftit sekondi.

"In-negozji ż-żgħar jistgħu jiffukaw fuq kompiti importanti li huma kritiċi għan-negozju, aktar milli fuq proċessi bankarji bbażati fuq il-karta li jieħdu ħafna ħin," jgħid Roberto Stasi, uffiċjal tas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehimiet ma' illimity.

Il-kundizzjonijiet favorevoli tas-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment lil b-ilty jingħaddew lin-negozji żgħar – 30% tar-riżorsi se jkunu ta' benefiċċju għall-kumpaniji żgħar fir-reġjuni ta' koeżjoni tal-UE, b'mod partikolari Molise, Campania, Puglia, Basilicata, Calabria, Sqallija, Sardenja, Abruzzo, Umbria u Marche.

"Għalina dan huwa mod eċċellenti kif ngħinu bank reġjonali Ewropew jikber u biex jitrawwem finanzjament aktar ekoloġiku għal proġetti iżgħar," tgħid Tatiana Bosteels, l-ekonomista tal-Bank Ewropew tal-Investiment li qed taħdem fuq il-ftehim. "Nixtieqa nimpenjaw ruħna f'relazzjoni fit-tul ma' b-ilty biex niffinanzjaw aktar proġetti ta' azzjoni klimatika u proġetti akbar fil-futur."

### Bank diġitali b'riżultat uman

Huwa kruċjali li nisfruttaw il-potenzjal enormi tan-negozji żgħar. Għalhekk illimity mhux sempliċement jisflihom il-flus, imma jipparteċipa b'mod attiv fl-istrateġiji ta' tkabbir tagħhom. b-ilty jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-miljun negozju żgħir fl-Italja li storikament ma kinux moqdijin tajjeb. b-ilty jista' jipprovdi appoġġ lil diversi negozji madwar l-Italja, mingħajr l-ispejjeż ġenerali li jinħolqu mill-fergħat fiżiċi. Il-pjattaforma tista' tanalizza malajr bosta indikaturi, u tagħti risposti ta' kreditu ċari lill-intraprendituri żgħar. Fi żmien ftit ġranet il-kumpanija tkun taf jekk hijiex intitolata għal self, u għaliex.

"Aħna nħobbu nagħmlu affarijiet sbieħ u tajbin, u nagħmluhom malajr," jgħid Passera.

# SOSPENSJONI TAL-EŻEKUZZJONI TAL-FLIELES

## Kumpanija Olandiża toffri lill-imfaqes mod veloċi u bi spejjeż baxxi biex isolvu l-problema tal-identifikazzjoni tal-flieles irġiel qabel ma joħorġu mill-bajd

Wouter Bruins kien qed ifittex problema tad-dinja reali biex isolvi. Għat-teżi tal-master tiegħu fil-bijoloġija taċ-ċelloli fl-Università ta' Leiden, huwa kellu bżonn joħroġ b'idea li setgħet potenzjalment tiżviluppa f'negozju ġdid. Bruins fittex l-ispirazzjoni fost il-bdiewa tar-reġjun nattiv tiegħu ta' Randstad fin-Netherlands. Jum fost l-oħrajn, bidwi kien qed juri lil Bruins il-gallinar tat-tiġieġ tiegħu meta waqaf u pponta lejn il-flieles. "Għal kull tiġieġa li tara hawnhekk, qtilna serduq zgħir, fellus raġel," il-bidwi qal lil Bruins. "U nobgħod il-fatt li qed nagħmlu hekk."

Il-bidwi kien qed jirreferi għas-6.5 biljun fellus raġel li huma stmati li jinqatlu globalment kull sena, normalment meta bilkemm ikollhom ġurnata. Il-produtturi tal-bajd, li wkoll irabbu t-tiġieġ tal-bajd, ma għandhomx mod rapidu u bi prezz baxx biex jiddeterminaw is-sess ta' embrijun qabel ma jfaqqas il-fellus. Meta l-flieles finalment ifaqqsu, l-impjegati tar-razzett jivverifikaw is-sess u jneħħu l-flieles nisa. Il-flieles irġiel jinqatlu fil-pront, jew billi jintremew fi shredder jew, jekk ikollhom xorti tajba, f'kamra tal-gass. "Mill-problemi kollha li ktibt min-nies li intervistajt, iddeċidejt li nagħżel dik tal-qtil tal-flieles," jgħid Bruins. "Dan huwa suġġett li jikkombina l-isfidi teknoloġiċi u tan-negozju, iżda wkoll l-etika. Meta tara dan, tħoss fl-istonku li dan mhuwiex sew."

> "Din hija waħda minn dawk il-problemi ovvji li jeħtieġ li jiġu solvuti"

Bruins ingħalaq fl-appartament tiegħu f'Leiden biex jaħdem fuq soluzzjoni. Huwa waqqaf In Ovo flimkien ma' kollega li kien student fix-xjenzi bijomediċi, Wil Stutterheim, u t-tnejn li huma ilhom jaħdmu għal dawn l-aħħar 12-il sena fuq mod veloċi u rħis għall-bdiewa biex jiddeterminaw is-sess ta' bajda fertilizzata tat-tiġieġ. Ir-riżultat huwa l-magna Ella, li tiddetermina s-sess ta' bajda mid-disa' jum tal-inkubazzjoni billi ttaqqab il-qoxra u toħroġ kampjun ċkejken ta' fluwidu. L-ewwel magna ġiet ittestjata b'suċċess fl-2020, u b'hekk 300 000 fellus setgħu ifaqqsu mingħajr ma nqatel fellus raġel wieħed. Issa In Ovo qed tespandi, u qed tippjana li jkollha għaxar magni jaħdmu fl-imfaqes tal-produtturi tal-bajd sa tmiem l-2024.

"Jekk inti bijologu u tifhem il-ġenetika, u għandek konnessjoni mas-settur agrikolu, din hija waħda minn dawk il-problemi ovvji li jeħtieġ li jiġu solvuti," jgħid Diogo Machado Mendes, ekonomista anzjan fit-taqsima tal-bijoekonomija tal-Bank Ewropew tal-Investiment. **Il-bank tal-UE qiegħed jappoġġa lil In Ovo b'investiment ta' dejn ta' riskju ta' €40 miljun li huwa appoġġat minn garanzija ta' InvestEU**.

### Testijiet rapidi u bi prezz baxx

Dan huwa kif il-magna tivverifika s-sess tal-flieles. Ittaqqab toqba ċkejkna fil-bajda permezz ta' labra u tneħħi ammont żgħir ta' likwidu mill-borża fejn l-embrijun jarmi l-ħmieġ. It-toqba mbagħad tingħalaq minnufih bil-kolla. Il-magna tiddetermina s-sess, f'madwar sekonda, billi tuża spettrometru tal-massa li jittestja l-kampjun għal bijomarkatur uniku li skopriet In Ovo. Imbagħad tissortja l-bajd skont is-sess. Il-bajd bi flieles nisa jitpoġġew lura fl-inkubatur sakemm ifaqqsu fil-21 jum. Il-bajd bil-flieles irġiel jintbagħtu lil kumpanija separata li tużahom bħala ingredjent għall-ikel tal-annimali domestiċi.

Mafqas tipiku jipproduċi madwar 20 miljun fellus fis-sena, jgħid Bruins. L-isfida ta' In Ovo kienet li t-testijiet isiru rħas u preċiżi biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu implimentati mill-imfaqas. Filwaqt li t-teknoloġija biex jiġi ddeterminat is-sess tal-embrijuni kienet disponibbli għaxar snin ilu, kienet għalja wisq biex tintuża. "Ħassejt kważi b'intuwizzjoni li din tista' tkun xi ħaġa pjuttost kbira," huwa jgħid. "Kienet xi ħaġa li stajt inqatta' ħafna ħin fuqha, biex nipprova nsolvi l-problema."

> "Dan huwa suġġett li jikkombina l-isfidi teknoloġiċi u tan-negozju, iżda wkoll l-etika"

In Ovo qed tipprova tiżviluppa t-teknoloġija aktar biex tkun tista' tittestja l-bajd fis-sitt jum, minflok fid-disa' jum. Minbarra li tiddetermina s-sess tal-embrijun, In Ovo timmonitorja wkoll s-saħħa tal-fellus matul il-perjodu tal-inkubazzjoni. Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment se jippermetti lill-kumpanija biex tkompli ttejjeb il-magna, toħroġ aktar magni u tappoġġa innovazzjonijiet ulterjuri fis-settur tat-tjur.

L-imfaqas jiffrankaw ammont sinifikanti ta' xogħol, ukoll, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-ittestjar tas-sess tal-flieles isir bl-idejn. Il-prezz tal-ittestjar ta' bajda fertilizzata huwa negliġibbli, li huwa importanti fin-negozju ta' volum għoli u profitti baxxi tal-produzzjoni tal-bajd għall-konsum. "Hija xi ħaġa kiefra ħafna li tara l-qtil tal-flieles," tgħid Céline Rottier, l-uffiċjal tas-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment li qed taħdem fuq dan il-proġett. "Iżda d-domanda hi, tista' tinstab soluzzjoni li l-bdiewa huma lesti li jimplimentaw? Jien naħseb li jista' jkun li rnexxielhom isolvu l-problema."

# PJANIJIET

## GĦAL EWROPA EKOLOĠIKA

"L-insigurtà tal-ikel, it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma fallimenti tas-suq globali. Dawn jiġġustifikaw attenzjoni msaħħa għall-investiment fis-settur tal-bijoekonomija mill-istituzzjonijiet ta' finanzjament pubbliku. Fl-2023, kien hemm pressjonijiet fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ikel u tal-bijomaterjali kkawżati minn avvenimenti estremi tat-temp u minn instabbiltà ġeopolitika. L-enfasi tagħna kienet fuq proġetti li jappoġġaw lill-bdiewa u lin-negozji ż-żgħar tul il-katina tal-valur agrikolu, kif ukoll fuq l-innovazzjoni dwar prattiki u teknoloġiji intelliġenti fil-klima, it-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-katina tal-valur tal-ikel, l-iżvilupp rurali sostenibbli u inklużiv, u fjuwils u materjal sostenibbli prodotti minn fdalijiet tal-ikel u tal-bijomassa. Flimkien ma' din il-ħidma, aħna kkontribwejna għar-rispons għall-qerda tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali min-nirien fil-foresti, fost affarijiet oħra, b'finanzjament sinifikanti kontinwu għall-forestrija u għall-kapital naturali."

**Felipe Ortega Schlingmann,** kap tal-bijoekonomija, BEI

"Il-BEI għandu rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ lill-bliet li qed jimplimentaw strateġiji integrati ambizzjużi għall-iżvilupp urban. Dan huwa kif l-ibliet isiru aktar reżiljenti għall-isfidi li jiffaċċjaw – il-flussi tal-popolazzjoni marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, id-diżastri naturali, il-kunflitti soċjali, il-fenomeni ambjentali, it-tibdil fil-klima, u l-effetti attwali tal-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi."

**Leonor Berriochoa,** inġinier ewlieni, żvilupp urban, BEI

"Morna lil hinn mill-miri tal-azzjoni klimatika u tas-sostenibbiltà ambjentali stabbiliti u operazzjonalizzati permezz tal-Pjan Direzzjonali tagħna għall-Bank Klimatiku qabel iż-żmien għat-tieni sena konsekuttiva. Dawn ir-riżultati jkomplu jiġu appoġġati u mtejba permezz ta' prodotti finanzjarji mfassla apposta u politika ta' ħsieb bil-quddiem, bħall-approċċ rivoluzzjonarju tal-BEI għat-tranżizzjoni ġusta fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Jiena kburi li jiena parti minn bank pubbliku li qed jagħmel differenza."

**Stephen O'Driscoll,** kap tal-politika ambjentali, klimatika u soċjali, BEI

**Kull aspett tal-ħajja attwali tagħna jinsab fid-dell tat-tibdil fil-klima u tat-theddida ambjentali. Il-proġetti u l-iżviluppi li darba kienu maħsuba li joperaw f'setturi jew f'industriji diskreti issa jridu jinkorporaw il-ħtieġa tal-effiċjenza enerġetika jew tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fil-funzjonament regolari tagħhom. Il-bliet, il-fabbriki u s-siti tal-kostruzzjoni tagħna jridu jkunu sostenibbli. Il-politiki tal-Bank Ewropew tal-Investiment ipoġġuna minn ta' quddiem nett fl-appoġġ ta' teknoloġiji nodfa u ekoloġiċi – u fil-promozzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji għal kull qasam ta' sforz uman.**

"L-ilma huwa l-faċilitatur inviżibbli għal tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Sal-2050, aktar minn 40% tal-popolazzjoni tad-dinja se tgħix f'baċiri ta' xmajjar taħt pressjoni qawwija tal-ilma. In-nuqqas ta' sigurtà tal-ilma x'aktarx li se jżid żidiet f'daqqa fil-prezzijiet tal-ikel u l-kunflitt. Hemm ħtieġa urġenti għal żieda fl-investiment pubbliku u privat fis-settur. Il-proġetti li niffinanzjaw jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u jtaffu d-disparitajiet fl-investiment, sabiex jintużaw riżorsi skarsi biex jinbnew sistemi tal-ilma reżiljenti għall-klima u jiġi mmassimizzat l-impatt fit-tul."

**Karine Measson,** kap tal-ġestjoni tal-ilma, BEI

# EKOLOĠIKA U UMANA

## Kraków qed ittejjeb l-infrastruttura urbana biex tagħmel belt aktar ekoloġika għar-residenti u tgħin lill-familji Ukreni

Għal żmien twil, it-tniġġis tal-arja kien jitfa' dell mimli trabijiet fuq is-sbuħija ta' Kraków, li jagħmel ħsara lill-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħha. Biex jinbidel dan, Kraków qed taħdem fuq pjan urban biex tinbidel f'metropoli newtrali għall-klima u intelliġenti. "Aħna nixtiequ li ħaddieħor iħares lejna bħala belt ta' innovazzjoni, ċentru xjentifiku u ta' riċerka u żvilupp, mexxejja fl-iżvilupp urban sostenibbli u fl-azzjoni klimatika," jgħid Andrzej Łazęcki, direttur tad-dipartiment tal-ġestjoni muniċipali u l-klima ta' Kraków.

Kraków qed tiffaċċja wkoll pressjoni infrastrutturali mhux mistennija minħabba li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja ġabet madwar 270 000 refuġjat lejn il-belt. Dawn il-wasliet ħolqu domanda akbar għall-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni. Minkejja l-gwerra f'pajjiż inqas minn 300 km 'il bogħod, Kraków ma ċedietx l-għanijiet ambizzjużi tagħha dwar il-klima. Minflok, hija trid tilħaq żewġ miri f'daqqa – tagħmel il-belt aktar ekoloġika u taġġorna u tirrinnova l-infrastruttura urbana ta' Kraków biex takkomoda l-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħha u tal-wasliet mill-Ukrajna. "Nistgħu nitgħallmu ħafna mill-approċċ ta' Kraków biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-kriżi umanitarja attwali," jgħid Leonor Berriochoa, inġinier anzjan mal-Bank Ewropew tal-Investiment, li ħadem fuq self ta' €130 miljun (PLN 585 miljun) lill-belt li ġie ffirmat fl-2023. "Dan jista' jispira ħafna bliet oħra biex jagħmlu l-istess."

Sabiex l-ibliet jirnexxu u jikbru, l-iżvilupp urban huwa meħtieġ. Dan jista' jgħin ukoll lill-bliet jadattaw u jindirizzaw kriżi umanitarja. "Kull belt tista' tospita ammont limitat ta' nies," tgħid Katerina Zisimopoulou, speċjalista urbana anzjana mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Għalhekk, meta jaslu eluf ta' persuni, l-edukazzjoni, it-trasport u infrastruttura eżistenti oħra ma jistgħux ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-għadd dejjem akbar ta' abitanti, u dan jikkawża kunflitt, nuqqas ta' riżorsi u deterjorament rapidu tas-servizzi pubbliċi u tal-infrastruttura."

Il-proġetti ta' żvilupp urban, li jibnu infrastruttura pubblika ġdida u jaġġornaw dawk eżistenti b'mod inklużiv u integrat, huma importanti biex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi.

### L-indirizzar ta' kriżi umanitarja

L-awtoritajiet lokali aġġustaw il-pjan ta' żvilupp urban tagħhom b'reazzjoni għall-ħtiġijiet dejjem akbar taċ-ċittadini ta' Kraków u tal-poplu tal-Ukrajna li stabbilew ħajja ġdida hawnhekk f'dawn l-aħħar snin. "Aħna ffukajna fuq l-integrazzjoni tal-popolazzjoni tal-Ukrajna li għadha kif waslet u l-inklużjoni tagħha fis-servizzi pubbliċi kollha, li jeħtieġ li tiġi estiża biex takkomoda l-persuni li jkunu għadhom kif waslu," tgħid Elżbieta Żurek-Kois, direttriċi tad-dipartiment tal-affarijiet soċjali u tas-saħħa fil-Muniċipalità ta' Kraków.

Il-bini ta' infrastruttura urbana ġdida u t-titjib tal-faċilitajiet eżistenti jeħtieġu investiment sinifikanti, ippjanar bir-reqqa, u ħin. Il-piż finanzjarju jiżdied bil-ħtieġa akbar għal servizzi essenzjali u infrastruttura biex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ta' refuġjati. Biex jappoġġa l-isforzi ta' Kraków, **il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self qafas ta' €334 miljun (PLN 1 500 miljun) – il-ftehim ta' €130 miljun iffirmat f'Awwissu kien l-ewwel porzjon**. Il-finanzjament huwa parti mill-Programm ta' Pakkett ta' Solidarjetà għall-Ukrajna, inizjattiva li għandha l-għan li tiffinanzja investimenti urbani u reġjonali fl-Istati Membri tal-UE b'rispons għall-gwerra tal-Ukrajna. "In-nies fi Kraków kienu qed jaħdmu bla heda biex jindirizzaw il-kriżi umanitarja iżda fl-istess ħin biex jibnu belt aktar ekoloġika," jgħid Marcin Futera, uffiċjal tas-self mal-Bank

> Dan jista' jispira ħafna bliet oħra biex jagħmlu l-istess

Ewropew tal-Investiment. "Bis-saħħa tas-self ta' qafas, nistgħu niffinanzjaw diversi proġetti ta' daqsijiet u tipi differenti madwar il-belt kollha."

### Nibnu Kraków aktar ekoloġika

Il-muniċipalità rrinnovat u tejbet b'mod sinifikanti l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet tagħha. Dan jinkludi, fost miżuri oħra, l-iżolament u s-sostituzzjoni tat-twieqi u tal-bibien u l-installazzjoni ta' tidwil LED, valvi termostatiċi u purifikaturi tal-arja. S'issa, 43% tat-323 binja pubblika ġestiti mill-belt ġew irrinnovati kompletament u 34% għaddew minn operazzjonijiet żgħar sa moderati ta' effiċjenza enerġetika u ta' rinnovazzjoni.

L-approċċ ta' Kraków huwa distint ukoll mill-inklużjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-muniċipalità organizzat żewġ panels taċ-ċittadini, li fihom ir-residenti u l-esperti setgħu jiddiskutu l-iżvilupp tat-trasport sostenibbli, kif ukoll it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-panel huma vinkolanti.

"Billi ninvolvu liċ-ċittadini kollha tagħna fil-proċess, aħna ngħinu biex nibnu kuxjenza ambjentali u nitgħallmu eżattament x'inhuma l-ħtiġijiet tagħhom," jgħid Łazęcki, il-maniġer muniċipali. "Nistgħu nagħmlu l-belt aktar inklużiva u komda biex tgħix fiha, u fl-istess ħin aktar reżiljenti għal sitwazzjonijiet imprevedibbli."

## SPTAR SOSTENIBBLI

### IR-RINNOVAZZJONI TA' SPTAR FIN-NETHERLANDS TNAQQAS L-EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU

Iċ-Ċentru Mediku ta' Haaglanden huwa wieħed mill-aqwa sptarijiet kliniċi fin-Netherlands. Imma ħafna mill-binjiet tiegħu jeħtieġu rinnovazzjoni biex tiġi żgurata kura tajba u biex tittejjeb l-impronta ambjentali tiegħu. L-isptar ta' The Hague, magħruf bħala HMC, iffirma self ta' €110 miljun f'Ġunju mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jagħmel xogħol ta' rinnovazzjoni fi tnejn mis-siti ewlenin tiegħu bl-aħħar apparat mediku u provvisti, kif ukoll sistemi ġodda ta' tisħin u tkessiħ. Il-mira hi li l-emissjonijiet tal-karbonju jitnaqqsu b'64%.

Minbarra l-iffrankar tal-enerġija, ix-xogħol se jżomm lir-residenti aktar b'saħħithom, naturalment. Iċ-ċentru għandu aktar minn 170 000 pazjent fis-sena li jiġu minn madwar in-Netherlands biex jiġu ttrattati mill-ispeċjalisti tat-trawma, tan-newroloġija jew tal-kanċer. Sadanittant, is-sempliċi qlib għal sistema ta' pompa tas-sħana fix-xitwa u tagħmir ibridu tat-tkessiħ fis-sajf se jagħmel differenza kbira fil-konsum tal-enerġija fl-isptar. "Billi ninvestu fil-pompi tas-sħana u tkessiħ ibridu biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jitnaqqsu l-ispejjeż," jgħid Martijn Wiesenekker, il-kap uffiċjal finanzjarju tal-isptar, "aħna nieħdu wkoll l-opportunità li nħarsu lejn l-impatt ambjentali tagħna."

# BLOKOK TAL-BINI LI JIEKLU L-KARBONJU

**Erba' kumpaniji mill-Belġju jingħaqdu fi proġett lokali tal-ekonomija ċirkolari bl-użu ta' prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-azzar biex joħolqu blokka tal-bini li tnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju**

Jekk qatt kien hemm prodott li biddel problema f'soluzzjoni, dan huwa l-blokka tal-bini innovattiva żviluppata minn erba' kumpaniji Belġjani. Il-biċċa l-kbira tal-blokok tal-konkrit isiru bis-siment, li jikkawża emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-blokka Belġjana innovattiva ssir bid-diossidu tal-karbonju miġbur minn proċessi industrijali oħra. Din tiekol id-diossidu tal-karbonju u teqilbu f'xi ħaġa utli.

Il-produzzjoni tas-siment hija s-sors ta' 2.4% tal-emissjonijiet globali tad-diossidu tal-karbonju minn sorsi industrijali u tal-enerġija. Għalhekk, l-erba' kumpaniji, li kollha għandhom faċilitajiet qrib Liège, flimkien qed jiżviluppaw prodott li jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-ġlieda kontra t-tisħin globali. "Il-proġett tagħna huwa ferm innovattiv," jgħid Antoine Gregoire, il-maniġer tal-iżvilupp ta' Prefer, waħda mill-erba' kumpaniji. "Huwa ċirkolari u lokali."

> "Il-proġett tagħna huwa innovattiv ħafna. Huwa ċirkolari u lokali"

Dan se jaħdem hekk. Meta waħda mill-kumpaniji, Lhoist, issaħħan il-ġebla biex tagħmel il-ġir, din toħloq id-diossidu tal-karbonju. Minflok ma tħalli d-diossidu tal-karbonju jaħrab, hija tgħaddi l-gass lejn pipeline mmexxi minn Fluxys, kumpanija li normalment taħdem fis-settur tat-trażmissjoni tal-gass naturali. Il-pipeline ta' 2 km jasal għand Prefer, li tagħmel materjali tal-konkrit. Orbix, li tiżviluppa materjali sostenibbli għas-setturi tal-kostruzzjoni u tal-azzar, tieħu l-gagazza li jifdal wara li l-ġir ta' Lhoist jintuża għall-produzzjoni tal-azzar minn kumpanija oħra. Hija tibgħat il-gagazza lil Prefer b'dgħajsa. Fl-aħħar nett, Prefer tgħaqqad il-gagazza u d-diossidu tal-karbonju flimkien biex tagħmel blokka. Speċifikament, id-diossidu tal-karbonju jintuża biex iwebbes il-blokka, li l-kumpaniji jsejħu CO2ncrEAT, għaliex effettivament tiekol is-$CO_2$.

Iżda l-iżvilupp ta' proġett industrijali innovattiv huwa għali ħafna. L-erba' kumpaniji stmaw l-ispiża għal €7.5 miljun. Għalhekk riedu jiksbu appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni, programm ta' finanzjament tal-Kummissjoni Ewropea għal teknoloġiji innovattivi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Huma ngħataw appoġġ minn esperti mit-tim tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Kellna nuru li l-proġett huwa ekonomikament vijabbli, filwaqt li titqies il-kontribuzzjoni tal-erba' membri kollha tal-konsorzju," jgħid Matthieu Banal, konsulent finanzjarju tal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem mal-kumpaniji.

Il-Kummissjoni Ewropea tibgħat l-applikazzjonijiet għall-proġetti lit-tim tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-BEI, li jikkonsisti f'esperti mis-Servizzi ta' Konsulenza tal-Bank u mid-Direttorat għall-Proġetti, għall-assistenza finanzjarja u teknika. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent għażlet dan il-proġett minn qabel għal għotja ta' €4 miljun taħt sejħa għal proġetti żgħar mill-Fond għall-Innovazzjoni. **Il-ftehim tal-għotja ġie ffirmat f'Mejju 2023 u l-proġett beda f'Ġunju**. "Mingħajr l-għotja, kien ikun għali wisq biex jiġi żviluppat il-proċess tal-manifattura għal dawn il-blokok," jgħid Gregoire. "Ir-riskji marbuta mal-innovazzjoni u n-nefqa kapitali meħtieġa għall-bini tal-fabbrika huma għoljin wisq."

# ĦIDMA MAN-NATURA, MHUX KONTRIHA

## Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni tal-għargħar fil-Greċja

Maltempati qawwija laqtu lil Tessalija fit-Tramuntana tal-Greċja u dan ikkawża għargħar qawwi mhux darba iżda darbtejn f'Settembru 2023. "Kellna xorti tajba li ħadd ma miet matul it-tieni maltempata, minħabba li l-ewwel waħda qerdet kompletament in-network tagħna ta' sensuri ta' twissija bikrija," jgħid Harry Kalliaras, konsulent għas-sindku ta' Trikala, belt ta' madwar 80 000 ruħ fil-Majjistral ta' Tessalija. Il-maltempati qerdu 150 dar u għamlu ħsara kbira lil aktar minn 1 000 dar fiċ-ċentru tal-belt u fl-irħula fil-qrib. Wara t-tieni maltempata, fil-belt ta' 3 000 sena l-ħajja waqfet għal ġranet sħaħ hekk kif l-awtoritajiet ordnaw lir-residenti biex jibqgħu ġewwa sabiex jispezzjonaw is-sikurezza tat-12-il pont tal-belt li jaqsmu x-xmara Lithaios. L-ispiża għar-reġjun, magħrufa bħala l-qoffa tal-ikel tal-Greċja, diġà hija stmata li tiswa l-biljuni.

Din mhijiex l-ewwel darba li t-Tessalija kienet milquta minn għargħar. Il-kostruzzjoni fuq skala kbira biex jinħolqu kanali għax-xmajjar billi jinbnew ċnut u digi tal-konkrit bdiet fis-snin tletin u bidliet kbar fil-pajsaġġ komplew sas-snin sebgħin bir-reklamazzjoni tal-art. Issa madankollu, il-falliment evidenti ta' dawn l-approċċi biex jipproteġu kontra avvenimenti estremi tat-temp li qed isiru dejjem aktar frekwenti u li huma kkawżati mit-tibdil fil-klima qed iwassal lir-reġjun biex iqis approċċ differenti b'mod drammatiku: li jitneħħa l-konkrit u li n-natura titħalla tagħmel xogħolha. "Niftakar li 40 sena ilu kien ikun hemm baċiri ħdejn ix-xmara li kienu jżommu l-ilma tal-għargħar," jgħid Kalliaras. "Minn dak iż-żmien, l-approċċ kien li wieħed jipprova jirrestrinġi x-xmara u sempliċiment jimblokka l-mogħdijiet naturali minn fejn jista' joħroġ l-ilma meta jkun hemm l-għargħar, u sar ħafna bini qrib ix-xmara. Li kieku dawn il-baċiri naturali kienu għadhom jeżistu, huwa ovvju li l-ħsara lill-belt kienet tkun inqas serja."

> "Kieku dawk il-baċiri naturali kienu għadhom hemm..."

**Dak l-approċċ naturali huwa r-rakkomandazzjoni ta' studju ffinanzjat mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mmexxi minn Global Infrastructure Basel u WWF Greece, li kien fil-qalba tad-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fl-2023**. "Jeħtieġ li naħdmu man-natura, mhux kontriha," tgħid Aimilia Pistrika, inġiniera anzjana speċjalizzata fl-ilma mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

### Studju jħeġġeġ soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-Greċja

Skont l-istudju pilota, approċċi bbażati fuq in-natura għall-immaniġġjar tal-għargħar fir-reġjun, bħat-twessigħ tax-xmajjar u l-konnessjoni tagħhom mal-pjanuri tal-għargħar tagħhom, il-ħolqien ta' foresti max-xtut tax-xmajjar u t-tneħħija ta' strutturi mibnija biex jikkontrollaw jew ifixklu l-fluss tax-xmajjar, ikunu ferm aktar effiċjenti milli wieħed jiddependi fuq infrastruttura "griża" ġdida jew riabilitata għall-protezzjoni kontra l-għargħar, bħad-digi. Skont ir-rapport, il-valur tal-ħżin tal-karbonju tal-approċċ ibbażat fuq in-natura waħdu, stmat għal €12.8 miljun, ikun akbar mill-kost tal-implimentazzjoni tiegħu (€6.8 miljun) u ta' approċċ ibridu (€9.3 miljun).

Madankollu, l-approċċi bbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni tal-għargħar jiffaċċjaw ċerti sfidi. "Il-proċess kollu jieħu ż-żmien," tgħid Catherine McSweeney, li taħdem fit-taqsima tas-soċjetà ċivili tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Issa ilna xi sentejn norganizzaw avvenimenti u laqgħat ta' sensibilizzazzjoni mal-awtoritajiet u mal-partijiet ikkonċernati. Iżda tgħallimna ħafna minn dan il-proġett u nemmnu li żviluppajna approċċ li jista' jiġi aċċellerat, estiż u rreplikat xi mkien ieħor."

# IDEA FRISKA

## Il-mudell ta' bejgħ dirett ta' CrowdFarming jippromwovi l-ikel frisk u l-agrikoltura sostenibbli li jnaqqsu l-emissjonijiet u jħallu profitti lill-bdiewa żgħar u organiċi

Meta l-aħwa Gabriel u Gonzalo Úrculo wirtu l-pjantaġġun tal-larinġ ta' nannuhom f'Valencia, Spanja, il-familja tagħhom tathom il-parir li jbigħu l-azjenda agrikola li kienet qed titlef il-flus. Iżda huma ddeċidew li jieħdu ċans ieħor. Huma bdew billi jbigħu lil intermedjarji bħal kooperattivi jew xerrejja kbar, kif kien dejjem għamel nannuhom. Iżda ma kinux qed jaqilgħu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tagħhom. Huma ddeċidew li joħolqu sit web, Naranjas del Carmen, biex ibigħu direttament lill-konsumaturi madwar l-Ewropa. Is-sit web kien ibigħ il-frott lil ħbieb fil-Ġermanja u fl-Awstrija, iżda kiber b'mod kostanti hekk kif il-kelma bdiet tinxtered. Meta Deutsche Welle, ix-xandar pubbliku Ġermaniż, għamel storja dwar il-masġar, l-ordnijiet żdiedu. Id-domanda kienet tant b'saħħitha li Naranjas del Carmen ma setgħux ilaħħqu mal-ordnijiet.

> "Aħna għandna impenn qawwi lejn il-kunċett ta' 'mir-razzett sal-medja'"

Il-bdiewa fl-istess żona ta' Spanja li raw dan is-suċċess ikkuntattjawhom għall-għajnuna biex jistabbilixxu sistema tal-bejgħ online għalihom stess. Gonzalo u Gabriel kien irnexxielhom jidentifikaw nuqqas kbir fis-suq: domanda kbira mill-konsumaturi u mill-bdiewa biex ikollhom kuntatt dirett. Fl-2017, l-aħwa Úrculo stabbilew CrowdFarming biex jipprovdu lill-bdiewa bis-servizzi – software, disinn tas-sit web, loġistika, servizzi għall-klijenti, kummerċjalizzazzjoni u appoġġ agronomiku – li Naranjas del Carmen kienet żviluppat matul is-snin biex tbigħ direttament lill-konsumaturi finali. "CrowdFarming twieldet bħala punt uniku ta' servizz għall-bdiewa li jridu joħolqu il-kanal ta' bejgħ dirett tagħhom stess," jgħid Román Martínez de Aragón, il-kap tal-istrateġija ta' CrowdFarming. "Aħna nieħdu ħsieb dik il-kumplessità, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jiffokaw fuq it-tkabbir, il-produzzjoni u l-ħsad tal-ikel tagħhom."

CrowdFarming qed tgħin biex jiġi diġitalizzat is-settur agrikolu fl-Ewropa, li huwa magħmul l-aktar minn produtturi żgħar li mhux neċessarjament għandhom il-mezzi jew l-għarfien espert biex ibigħu direttament lill-konsumaturi permezz ta' sit web. Is-sit jirrappreżenta 300 bidwi minn 15-il pajjiż, l-aktar fl-Ewropa. Il-klijenti għandhom l-għażla li jordnaw kaxxi tal-frott u ħxejjex jew prodotti bħall-għasel u l-ġobon. Jistgħu wkoll jadottaw siġra, biċċa art, jew annimal u jimpenjaw ruħhom li jirċievu l-prodott tagħhom. Biex jagħti spinta lill-ħidma tal-kumpanija fuq il-pjattaformi u s-software diġitali tagħha, **il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' dejn ta' riskju ta' €15-il miljun ma' CrowdFarming f'Settembru 2023, appoġġat mill-programm InvestEU**.

"Il-bdiewa, li normalment ikollhom jaċċettaw il-prezzijiet li joffrulhom is-supermarkets, issa għandhom is-saħħa li jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom stess, u dan joħloq bidla radikali fl-industrija," jgħid Jérôme Marcelino, l-uffiċjal anzjan tas-self responsabbli għall-investiment għall-Bank Ewropew tal-Investiment.

### Togħma bnina u tajjeb għall-pjaneta

CrowdFarming tirrappreżenta biss lil bdiewa li jipproduċu ikel organiku u bdiewa li qegħdin jeqilbu lejn il-produzzjoni organika. L-agronomi jagħżlu bir-reqqa l-bdiewa li jbigħu fuq il-pjattaforma, filwaqt li jiżguraw li japplikaw l-ogħla standards ta' sostenibbiltà, kwalità u produzzjoni. María Martínez Hijano, li hija minn Málaga, ikkonvinċiet lill-familja tagħha biex jikkonvertu r-razzett tagħhom tar-raba' ġenerazzjoni biex jipproduċu prodotti organiċi meta ħaditu taħt idejha fl-2017. Hija bdiet tbiegħ il-mango permezz tal-pjattaforma CrowdFarming fl-2020, b'suċċess kbir. "Irnexxielna nikbru u ninnovaw lejn stil ta' biedja li huwa dejjem aktar integrat mal-ambjent," tgħid Hijano.

> Punt uniku ta' servizz għall-bdiewa li jridu joħolqu il-kanal ta' bejgħ dirett tagħhom stess

B'differenza minn xi supermarkets, CrowdFarming ma taħżinx il-prodotti tagħha għal ġimgħat u lanqas ma tbexxixhom b'kimiċi kontra l-fungi biex jibqgħu tajbin għal żmien itwal. Il-frott u l-ħxejjex mibjugħa fuq is-sit web jinqatgħu skont l-ordnijiet tal-klijenti, u l-frott u l-ħxejjex jitħallew fuq is-siġar jew fuq l-arbuxelli sakemm ikunu saru biżżejjed biex jiġu ttrasportati. Fil-biedja konvenzjonali, l-ikel jinħasad meta jkun konvenjenti għal intermedjarju, bħas-supermarket, u l-prodotti jistgħu jgħaddu xhur fil-kmamar għas-sajran jew fil-friġġijiet industrijali.

Filwaqt li l-approċċ ta' CrowdFarming jgħin biex jiġi żgurat li l-prodotti tagħha jkollhom togħma bnina, dan joħloq xogħol għall-bdiewa, li qabel kienu jaħsdu l-għelejjel darba fis-sena u mbagħad jittrasportawhom lejn intermedjarji jew supermarkets. Permezz ta' CrowdFarming, il-bdiewa jridu jippjanaw aktar minn ħsad wieħed.

Il-bdiewa huma lesti li jagħmlu dan ix-xogħol addizzjonali, minħabba l-benefiċċji tal-bejgħ dirett. Huma jistgħu jantiċipaw d-dħul tagħhom xhur bil-quddiem, u l-marġnijiet tagħhom huma ogħla milli fin-networks ta' bejgħ tradizzjonali. Bil-frott taċ-ċitru, pereżempju, jista' jaqalgħu bejn id-doppju u erba' darbiet aktar minn dak li jirċievu fil-ħwienet konvenzjonali. Għall-konsumatur, il-prezzijiet huma l-istess bħal dawk f'supermarkets organiċi f'pajjiżi Ewropej tal-Punent u tat-Tramuntana.

"Aħna għandna impenn qawwi lejn il-kunċett ta' "mir-razzett sal-mejda"," tgħid Cristina Domecq, il-kap tas-sostenibbiltà u l-impatt ma' CrowdFarming. "Hekk kif tordna, CrowdFarming u l-bdiewa jibdew jaħdmu mill-ewwel, billi jiġbru, jippakkjaw u jittrasportaw l-aktar prodotti organiċi friski direttament lejn l-għatba tiegħek. Il-punt kollu huwa li nwasslu freskezza reali u mhux minsusa."

### Tfixkil tal-katina tal-ikel

Fl-2022, CrowdFarming wettqet studju biex tikkwantifika l-impatt li l-mudell tagħha kellu fuq l-emissjonijiet tal-karbonju u l-iskart tal-ikel. L-istudju qabbel il-vjaġġ tal-laring mill-irziezet direttament lejn id-djar tal-konsumaturi mad-distribuzzjoni klassika tas-supermarkets. L-istudju sab li l-bejgħ dirett irriżulta f'emissjonijiet aktar baxxi b'20% milli fil-mudell tas-supermarkets. Wera wkoll li 3% biss tal-ikel intrema fil-katina tal-provvista, meta mqabbel ma' 22% fil-mudell tas-supermarkets.

CrowdFarming għandha tim ta' madwar 200 persuna, l-aktar żviluppaturi tas-software, li jaħdmu biex itejbu l-pjattaforma. Għandha wkoll software tal-loġistika intern bl-isem "CrowdSender," li jippermetti lill-kumpanija timmaniġġja l-ordinijiet b'mod effiċjenti, billi tiġborhom skont ir-reġjun u tiżgura li t-trakkijiet ikunu mgħobbijin totalment, sabiex il-konsenji jsiru bl-aktar mod kosteffiċjenti u b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Bis-saħħa tal-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment, il-kumpanija se tkun tista' tkompli tkun innovattiva fil-mudell tan-negozju, fil-proċessi, fl-applikazzjonijiet diġitali u fis-software tagħha, jgħid Alejandro Raboso Campos, konsulent mal-Bank Ewropew tal-Investiment. U dan jippromwovi produzzjoni tal-ikel aktar sostenibbli u ġusta.

"Huwa rari li wieħed jiltaqa' ma' proġett b'riżultati daqshekk diretti u tanġibbli fil-prattika," jgħid Raboso Campos. "Huwa tajjeb għall-bdiewa, għall-konsumaturi, u għall-ambjent."

# GIGAWATT FUQ IL-BEJT

## Il-kumpanija tal-loġistika CTP teqleb il-bjut tal-faċilitajiet tagħha fir-Repubblika Ċeka u fi bnadi oħra f'impjanti enormi tal-enerġija mix-xemx, u b'hekk taqta' l-ispejjeż u l-emissjonijiet għall-inkwilini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ il-profitti tagħha stess

L-enerġija rinnovabbli tista' teqleb anke lis-sid ta' dar żgħira f'kumpanija tal-elettriku – kemm tpoġġi xi pannelli solari fuq il-bejt tiegħek u tbigħ l-enerġija li ma tużax lill-kumpanija tal-elettriku lokali tiegħek. Għal kumpanija bi bjut ta' 11-il miljun metru kwadrat, dan huwa prospett ferm attraenti. CTP, li hija l-akbar sid u amministratriċi ta' proprjetà tal-loġistika elenkata fl-Ewropa, qiegħda tiksi l-bjut tal-binjiet tagħha bil-pannelli solari, sabiex l-enerġija rinnovabbli ssir parti sostanzjali tan-negozju tal-kumpanija, flimkien mal-iżvilupp ta' binjiet ġodda u t-tħaddim ta' parks kummerjċali. Il-pass li jmiss fil-mossa ta' CTP fis-settur tal-enerġija huwa li tpoġġi l-pannelli solari fuq is-soqfa tal-binjiet tagħha f'kull pajjiż fejn topera. Dan huwa pass sinifikanti minħabba li, għalkemm l-ishma ta' CTP huma elenkati fil-Euronext Amsterdam, il-biċċa l-kbira tan-negozju tagħha jinsab f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant bħar-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija. "Aħna naraw l-enerġija bħala t-tielet unità ta' negozju fi ħdan il-kumpanija," jgħid Maarten Otte, li jmexxi r-relazzjonijiet mal-investituri mill-uffiċċju ta' CTP fi Praga. "L-enerġija mix-xemx hija l-ewwel pass f'din id-direzzjoni, iżda l-pjanijiet tagħna jmorru ferm lil hinn, u jinkludu li nipprovdu stazzjonijiet għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi għall-inkwilini tagħna, il-ġestjoni tal-enerġija u l-ħżin tal-enerġija."

> **"Qed tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa"**

Il-kumpanija tipproġetta li sa tmiem l-2026 se jkollha sa 400 MWp ta' kapaċità fuq il-binjiet tagħha. MWp tfisser "megawatt peak," li huwa kejl tal-output ta' enerġija minn sors li jista' jvarja, bħad-dawl tax-xemx. U bil-pjanijiet li tirdoppja l-portafoll tagħha, u għalhekk, l-ispazju tal-bjut effettiv tagħha fis-snin li ġejjin, CTP tista' tiġġenera 1 GWp f'dawn il-pajjiżi sa tmiem id-deċennju. Dan huwa pass kbir lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-pajjiżi fejn l-emissjonijiet għadhom għoljin.

### Awtonomija strateġika Ewropea u awtonomija solari fuq il-bjut

Il-proprjetajiet ta' CTP, li jintużaw bħala ċentri tal-loġistika u minn xi klijenti tal-industrija ħafifa bħala postijiet għall-produzzjoni, jipprovdu wkoll siti Ewropej għal kumpaniji li altrimenti kienu jkunu mġiegħla jfittxu spazju, pereżempju, fl-Asja, biex b'hekk industriji importanti jkunu jistgħu jinżammu fl-Ewropa u l-katini tal-provvista jkunu jistgħu jiqsaru. "CTP qed iġġib il-kumpaniji lura mill-Asja," jgħid Jan Morawiec, uffiċjal tas-self għall-Bank Ewropew tal-Investiment. "Qed tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa."

Wara t-tfixkil fil-provvista industrijali kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-iskarsezza tal-enerġija wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, din l-awtonomija strateġika hija kruċjali għall-futur tal-Ewropa. Il-kontribuzzjoni strateġika hija waħda mir-raġunijiet li l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €200 miljun ma' CTP f'Settembru 2023 biex jiffinanzja l-proġett solari prinċipalment fl-erba' pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, bħala parti mill-kontribuzzjoni ta' €45 biljun tal-Bank Ewropew tal-Investiment għar-REPowerEU.

Il-pannelli solari huma tajbin għall-klima. Jagħmlu wkoll sens finanzjarju – għal CTP u għall-inkwilini tagħha. "Dan jagħtihom vantaġġ kompetittiv fuq kumpaniji oħra tal-loġistika li ma jintegrawx il-provvista tal-enerġija fil-kuntratti tal-kiri tagħhom," jgħid David Gonzanales García, inġinier ewlieni għall-programmi ta' tranżizzjoni tal-enerġija fil-Bank Ewropew tal-Investiment.

# ENERĠIJA ĠDIDA GĦALL-EWROPA

## Tliet proġetti Spanjoli tal-enerġija rinnovabbli jsaħħu l-awtonomija enerġetika tal-Ewropa billi jibnu l-kapaċità solari u eolika, u networks ta' trażmissjoni

Jaime Celaya dejjem ried jaħdem fis-suq tal-enerġija rinnovabbli, minħabba l-impatt tiegħu fuq is-soċjetà. Għalhekk, wara l-istudji tiegħu u xi esperjenza professjonali bikrija, issieħeb ma' Iberdrola, l-akbar kumpanija tal-enerġija fl-Ewropa skont il-kapitalizzazzjoni tas-suq u mexxejja fl-enerġija rinnovabbli. Fir-rwol tiegħu bħala żviluppatur tan-negozju, huwa jevalwa, jagħżel u jimplimenta proġetti ġodda tal-enerġija li se jgħinu lill-Iberdrola tilħaq l-għan tagħha ta' emissjonijiet żero sal-2040.

"Dan huwa settur dinamiku u attiv ħafna, b'teknoloġiji ġodda, mekkaniżmi ġodda u tekniki ġodda li jidhru minn jum għal ieħor," huwa jgħid. "Kuljum, nitgħallem xi ħaġa ġdida u nikseb aktar għarfien."

Fis-snin li ġejjin, Celaya se jkun qed jaħdem fuq il-pjan ambizzjuż ta' Iberdrola li tibni network estensiv ta' 19-il impjant tal-enerġija fotovoltajka solari u tliet parks eoliċi fuq l-art fi Spanja, fil-Portugall u fil-Ġermanja. "Għandna abbundanza ta' dawl tax-xemx, ilma u riħ, li huma l-komponenti essenzjali għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli," huwa jgħid. "L-investiment f'dawn ir-riżorsi u f'sorsi rinnovabbli huwa kruċjali għall-pajjiżi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra."

> "L-investiment f'dawn ir-riżorsi u f'sorsi rinnovabbli huwa kruċjali għall-pajjiżi biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra"

B'kapaċità ta' kważi 2.2 gigawatt, l-installazzjonijiet il-ġodda se jkollhom il-potenzjal li jiġġeneraw sa 4 sigħat-terawatt ta' elettriku. Dan huwa daqs il-konsum annwali medju tal-enerġija ta' aktar minn miljun unità domestika. 70% tal-impjanti se jkunu jinsabu f'żoni rurali affettwati mit-tranżizzjoni industrijali lejn emissjonijiet żero netti, u f'reġjuni fejn id-dħul *per capita* huwa aktar baxx mill-medja tal-UE.

"Aħna noffru taħriġ lin-nies f'dawn ir-reġjuni, nagħtuhom l-għarfien u l-ħiliet biex joperaw, jibnu u jaħdmu f'impjanti tal-enerġija solari u f'parks eoliċi," jgħid Celaya. "Il-proġetti l-ġodda se jrawmu t-tkabbir u l-impjiegi f'dawn l-oqsma, u b'hekk jagħmluha possibbli għalihom li jiżviluppaw aktar proġetti."

### Tiġi żgurata provvista stabbli ta' enerġija

L-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilji tagħna hija diffiċli minħabba li ma tiġġenerax l-elettriku b'mod konsistenti. B'differenza mill-impjanti tal-fjuwils fossili jew tal-enerġija idroelettrika li jiġġeneraw l-elettriku meta dan jintalab, il-pannelli solari u t-turbini tar-riħ jiddependu fuq il-kundizzjonijiet tat-temp u l-post. Dan ifisser li dawn jipproduċu ammonti ta' elettriku li jvarjaw u li huma parzjalment prevedibbli, u għaldaqstant huwa diffiċli għall-grilji tal-enerġija tagħna biex iżommu provvista stabbli u konsistenti. Din hija l'hekk imsejħa sfida għall-integrazzjoni tas-sorsi rinnovabbli.

Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, uħud mill-proġetti fotovoltajċi ta' Iberdrola se jinkludu l-ibridizzazzjoni b'sistema tal-batteriji – li tgħaqqad żewġ sorsi differenti, bħar-riħ u x-xemx, mal-ħżin tal-enerġija biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija aktar stabbli u affidabbli.

"Bis-sistemi ibridi, nibnu impjanti fotovoltajċi qrib park eoliku," jgħid Celaya. "Meta ma jkun hemm l-ebda dawl tax-xemx, nistgħu niġġeneraw l-enerġija mir-riħ. Barra minn hekk, meta ma jkunx hemm riħ, nistgħu niġġeneraw l-enerġija mix-xemx. B'dan il-mod, nużaw l-istess infrastruttura u nevitaw il-ħtieġa għal kostruzzjoni addizzjonali. Bl-użu tal-batteriji, nistgħu naħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx u npoġġuha fis-suq meta ma jkun hemm l-ebda riħ jew xemx jew meta ma jkunux qed jiġġeneraw l-enerġija."

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi self ta' €1 biljun lil Iberdrola** biex jikkofinanzja l-kostruzzjoni tat-22 impjant tal-enerġija rinnovabbli fi Spanja, fil-Portugall u fil-Ġermanja, fi ftehim iffirmat f'Ġunju 2023. Imsejjaħ "self ta' qafas," dan jista' jiffinanzja firxa ta' proġetti.

"Dan it-tip ta' finanzjament joffri stabbiltà, flessibbiltà, u finanzjament fit-tul għal operazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'diversi proġetti," jgħid Luis Cañete, uffiċjal anzjan tas-self li ħadem fuq il-ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-operazzjoni hija parti mill-pakkett ta' finanzjament tal-bank tal-UE b'appoġġ għal REPowerEU, pjan tal-Kummissjoni Ewropea żviluppat b'rispons għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja li għandu l-għan li jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili u jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika.

### Mod innovattiv għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija

Red Eléctrica de España hija kumpanija oħra li se tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ta' Spanja fil-qasam tal-enerġija. Hija qed tippjana li tespandi u ssaħħaħ in-network ta' trażmissjoni tagħha, li jittrasporta l-elettriku minn impjanti tal-enerġija lejn id-djar, in-negozji u l-industriji. Dawn l-investimenti huma parti mill-Pjan ta' Żvilupp tan-Network ta' Trażmissjoni 2021-2026 ta' Spain u ta' Red Eléctrica li għandu l-mira li:

- jintegra faċilitajiet futuri li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli, li jippermetti lil Spanja tilħaq il-mira tagħha ta' 74% ta' enerġija rinnovabbli sal-2030
- itejjeb l-affidabbiltà tan-networks ta' 220 u 66 kilovolt
- isaħħaħ l-interkonnessjonijiet bejn il-Portugall u Franza
- itejjeb il-kosteffiċjenza u l-affidabbiltà tal-provvista fis-sistema tal-enerġija Spanjola, inklużi l-Gżejjer Baleariċi u l-Gżejjer Kanarji

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jappoġġa lil Red Eléctrica billi jakkwista bonds privileġġati ekoloġiċi u bonds ibridi ekoloġiċi li jiswew €500 miljun maħruġa mill-kumpanija taħt il-Qafas Finanzjarju Ekoloġiku ta' Red Eléctrica. F'Jannar 2023, il-Bank akkwista €41.5 miljun mill-bonds ibridi ekoloġiċi inawgurali**. Din it-tranżazzjoni, taħt il-programm InvestEU, kienet l-ewwel tranżazzjoni pubblika taħt il-programm ta' xiri ta' bonds ekoloġiċi tal-Bank.

"Il-bonds ekoloġiċi u l-bonds ibridi ekoloġiċi jistgħu jimlew id-distakk fil-finanzjament għall-klima, filwaqt li jippromwovu l-użu tas-swieq kapitali," tgħid Raquel Cuervo Salvador, uffiċjal tal-finanzjament permezz ta' bonds mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Dawn jipprovdu għadd kbir ta' benefiċċji għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-espansjoni tal-bażi tal-investituri, it-tnaqqis tar-riskju tal-eżekuzzjoni, iż-żieda fid-disponibbiltà tal-finanzjament, u t-timbru tagħna tal-approvazzjoni u l-effett ta' sinjalar."

**"Nistgħu naħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx u npoġġuha fis-suq meta ma jkun hemm l-ebda riħ jew xemx jew meta ma jkunux qed jiġġeneraw l-enerġija"**

> **Il-bonds ekoloġiċi u l-bonds ibridi ekoloġiċi jistgħu jimlew id-distakk fil-finanzjament għall-klima**

Il-proġett huwa mistenni li jgħin fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u joħloq opportunitajiet ta' impjieg f'reġjuni inqas żviluppati ta' Spanja.

### Sors ġdid ta' enerġija rinnovabbli għal Spanja

L-impjanti tal-enerġija mix-xemx se jkollhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Dawn jaqbdu enerġija abbundanti mix-xemx biex jiġġeneraw l-elettriku mingħajr ma jarmu gassijiet serra, li huwa essenzjali biex innaqqsu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili.

**Bl-appoġġ tal-programm InvestEU, il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi self ta' qafas sa €1.7 biljun lil Solaria** biex jappoġġa l-kostruzzjoni ta' 120 impjant tal-enerġija fotovoltajka solari fi Spanja, fl-Italja u fil-Portugall, fi ftehim iffirmat f'Settembru 2023.

Il-kumpanija Spanjola, li ġiet stabbilita fl-2002, qed timmira għal 5.6 gigawatt ta' kapaċità meta l-impjanti jaħdmu bis-sħiħ, li jammontaw għal 9.3 sigħat-terawatt fis-sena. Dan huwa daqs l-użu ta' enerġija ta' 2.5 miljun unità domestika. Din l-enerġija nadifa se tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi 3 miljun tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena.

"L-iżvilupp ta' pipeline ta' 5.6 gigawatt ta' enerġija rinnovabbli madwar Spanja, l-Italja u l-Portugall se jkollu impatt fuq dawn il-pajjiżi u fuq l-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex tindirizza t-tibdil fil-klima, filwaqt li żżid is-sigurtà tal-enerġija," tgħid Elena Cuadros, inġiniera tal-enerġija rinnovabbli mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "B'aktar minn terz tal-impjanti tal-enerġija mix-xemx f'reġjuni inqas żviluppati, il-proġett se jsaħħaħ ukoll l-impjiegi fejn huwa l-aktar meħtieġ."

# PJANIJIET

## GĦAL MEKKANIŻMU TA' UGWALJANZA

"L-edukazzjoni u t-taħriġ huma fundamentali għat-tisħiħ tal-potenzjal innovattiv tal-Unjoni Ewropea u tal-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tagħha. Fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali huwa aktar importanti minn qatt qabel li jkun hemm is-sett it-tajjeb ta' ħiliet. Il-Bank għalhekk irawwem l-investiment f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità – biex iħejji lil niesna u lill-iskejjel tagħna għall-isfidi tal-futur."

**Patricia Castellarnau,** il-kap għall-edukazzjoni u r-riċerka pubblika, BEI

"Is-Servizz tal-Konsulenza tal-BEI jsarraf l-għanijiet ta' politika kumplessi fir-realtà tas-suq. Fl-2023, is-Servizz ta' Konsulenza tal-BEI appoġġa lil nofs l-operazzjonijiet ta' tislif tal-BEI u xi inizjattivi trasversali ewlenin fil-Fond Ewropew tal-Investiment, bħall-isforz biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-industriji Ewropej tal-kapital ta' riskju u tal-ekwità privata. Għenna lill-klijenti jlaħħqu mat-tranżizzjoni tal-enerġija, mal-iżviluppi fl-akkomodazzjoni soċjali, mal-computing kwantistiku u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u mal-bini tas-suq spazjali Ewropew il-ġdid."

**Hristo Stoykov,** direttur, is-Servizzi ta' Konsulenza, BEI

"L-attività prinċipali tagħna hija x-xogħol konsultattiv downstream fuq proġetti klimatiċi. Nagħtu pariri lill-kumpaniji dwar kif isawru l-proposti tan-negozju biex isiru operazzjonijiet bankabbli ekonomikament vijabbli u teknikament fattibbli, li jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jaċċessaw il-finanzjament mill-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, is-suq – jew it-tlieta li huma. Inwettqu wkoll studji tematiċi upstream li jidentifikaw ineffiċjenzi fis-suq u distakki fil-finanzjament. U norganizzaw inizjattivi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet bħal konsultazzjonijiet settorjali u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni biex nippromwovu s-servizzi tal-konsulenza u l-prodotti tal-BEI."

**Juliet Dow-Madu,** kap tal-manifattura, l-enerġija u t-trasport, is-Servizzi ta' Konsulenza, BEI

**Qed inħejju ruħna għal dinja li fiha l-bidla ma turi l-ebda sinjal li se tonqos fir-ritmu. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jaħdem biex ilkoll nippreparaw biex inkampaw – u nirnexxu – fid-dinja kif se ssir. Uliedna jeħtieġu skejjel aħjar, u dawk l-iskejjel għandhom jikkontribwixxu għal ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Irridu nagħmluha konvenjenti għal kulħadd biex imur minn post għal ieħor mingħajr emissjonijiet ta' sħab kbar tal-karbonju. U dan irridu nagħmluh billi nibnu sistemi tat-trasport u industriji tal-mobilità b'bażi tajba, ħalli n-nies li jimpjegaw jistagħnew, anki bit-turbulenza tal-bidla.**

"Il-finanzjament tal-proġetti kkontribwixxa fost l-aktar stejjer ta' suċċess ikoniċi tal-BEI, bħall-awtostradi u l-binarji ferrovjarji li eliminaw il-konġestjonijiet fin-Networks Trans-Ewropej u li attiraw kapital privat biex jitħaffew l-investimenti kritiċi. Il-mandat tagħna evolva f'setturi bħall-enerġija rinnovabbli, fejn għamilna kontribut sinifikanti għall-feġġ tal-industrija Ewropea offshore tal-enerġija mir-riħ. Dan l-aħħar, ir-rwol tagħna bħala l-bank klimatiku tal-UE daħħalna fil-qasam tal-interkonnetturi tal-enerġija, il-manifattura tal-batteriji għall-mobilità ekoloġika, u t-tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi diffiċli biex jitrażżnu bħall-azzar u l-fertilizzanti. Uħud minn dawn il-proġetti huma innovattivi ta' veru fit-triq tal-Ewropa lejn il-kompetittività sostenibbli."

**Matthias Woitok,** kap tal-finanzjament (Ilvant), BEI

# NAGĦTU SPINTA LIT-TAGĦLIM, NIFFRANKAW L-ENERĠIJA

## Permezz tar-rinnovazzjoni, aktar minn 200 skola f'Ruma se jsiru aktar effiċjenti fl-enerġija, iżda l-ewwel il-belt kellha bżonn l-għajnuna biex tippjana dan il-proġett vast

Ruma hija belt mimlija storja. Il-bini tal-patrimonju tagħha huwa tabilħaqq teżor kemm għal min iħobb l-arti kif ukoll għat-turisti, iżda mhux daqstant għall-istudenti. Ħafna tfal tal-iskola f'Ruma jattendu skejjel f'bini li nbena fis-seklu dsatax. Uħud minn dawn l-iskejjel qodma qegħdin juru l-effetti taż-żmien, l-iżolament tagħhom mhuwiex tajjeb, u mhumiex mgħammra tajjeb biex jiffaċċjaw it-theddid ta' klima li qed tinbidel. Huwa għalhekk li l-belt se tibda l-akbar investiment tagħha f'ħafna għexieren ta' snin fir-rinnovazzjoni tal-edukazzjoni, bil-għan li tagħmel aktar minn 200 skola aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u sostenibbli.

Iżda r-rinnovazzjonijiet fl-eqdem binjiet huma ħafna aktar diffiċli. "It-titjib kumpless huwa partikolarment diffiċli," skont Linda D'Amico, perit fl-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Infrastruttura tal-Belt ta' Ruma, għax il-bini antik irid jiġi protett u ppreservat.

Il-Belt ta' Ruma hija responsabbli għal għadd kbir ta' binjiet edukattivi. Għandha 1 144 nursery, kindergarten, skola primarja u sekondarja tal-ewwel livell. Dawn l-iskejjel huma bil-bosta l-akbar konsumaturi tal-enerġija fost il-bini pubbliku f'Ruma, u huma responsabbli għal sa 95% tal-konsum totali tal-enerġija muniċipali. Programm effettiv tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jista' jiffranka l-flus u jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju. "Il-binjiet tal-iskejjel jikkunsmaw ammont enormi ta' enerġija," tgħid D'Amico.

### Il-parir it-tajjeb fil-ħin it-tajjeb

**Ir-rinnovazzjoni hija appoġġata minn għotjiet mill-gvern Taljan, fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-pjan nazzjonali Taljan għall-bliet metropolitani, li huwa magħruf bħala PON Metro, u linja ta' kreditu ta' €150 miljun approvata mill-Bank Ewropew tal-Investiment fi Frar 2023**. Il-belt talbet għajnuna konsultattiva mill-bank tal-UE biex tfassal pjan u tagħmel l-aħjar użu minn dawn ir-riżorsi. "Is-sett komprensiv tagħna ta' servizzi ta' konsulenza teknika, finanzjarja u metodoloġika se jgħin lill-Belt ta' Ruma timplimenta u timmonitorja dan il-proġett fil-ħin," jgħid Alexander Linke, konsulent anzjan fil-BEI li ħadem fuq il-proġett.

Bħalma fil-bidu tas-sena skolastika ħafna tfal tal-iskola jingħataw ħwejjeġ ġodda, uħud mill-iskejjel f'Ruma se jingħataw "kowtijiet" ġodda ta' iżolament termali ġodda, b'effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija. L-iskejjel kollha magħżula se jingħataw twieqi, bibien, tidwil, u sistemi tat-tisħin aġġornati ġodda. Il-bini aktar modern se jiġi mgħammar ukoll b'sistemi fotovoltajċi u pompi tas-sħana. "Dan huwa l-akbar investiment fil-bini edukattiv f'għexieren ta' snin. Is-sħubija tagħna mal-bank tal-UE tgħin lill-Belt ta' Ruma żżid l-azzjoni klimatika tagħha biex tikseb tranżizzjoni ekoloġika li ġġib magħha opportunitajiet ġodda għall-bliet," jgħid Roberto Gualtieri, is-sindku ta' Ruma.

B'dan il-proġett, Ruma qed timmira li tnaqqas l-ispejjeż u l-emissjonijiet fi triqitha biex ikollha emissjonijiet żero netti sal-2030. "L-investiment mhux biss se jkollu impatt ambjentali qawwi," jgħid Andrea Durante, li ħadem fuq il-linja tal-kreditu għall-Bank Ewropew tal-Investiment, "iżda wkoll impatt soċjali tanġibbli, billi se jtejjeb l-iskejjel mis-subborgi sal-qalba tal-belt."

D'Amico, il-perit tal-belt, tenfasizza l-importanza tal-proġett fil-ħajja tat-tfal. "Irridu nibagħtulhom sinjal qawwi li huma relevanti," tgħid hi.

# SKEJJEL GĦAS-SUBBORGI

## Madrid tibni skejjel fis-subborgi l-ġodda tagħha, tnaqqas l-inugwaljanzi soċjali fl-edukazzjoni u tgħin lill-belt issir aktar ekoloġika

Belt hija bħal familja – meta tikber tkun teħtieġ aktar spazju biex takkomoda lil kulħadd. U, bħal familja, teħtieġ ukoll xi mkien biex tibgħat lit-tfal l-iskola.

Il-belt kapitali ta' Spanja hija waħda mill-bliet li qed jikbru l-aktar malajr fl-Ewropa. Il-popolazzjoni ta' Madrid qiegħda tikber b'rata ta' aktar mid-doppju dik tal-bqija ta' Spanja, li jagħmilha l-aktar reġjun b'densità tal-popolazzjoni għolja fil-pajjiż. Fil-periferija tal-belt qegħdin jitfaċċaw dejjem aktar inħawi kompletament ġodda. It-tfal f'dawn l-inħawi l-ġodda jeħtieġu skejjel, għalhekk il-Comunidad de Madrid qed jippjana li jibni skejjel ġodda u jagħti nifs ġdid lil dawk qodma biex jipprovdu edukazzjoni pubblika ta' kwalità lil madwar 58 000 student. "L-edukazzjoni hija pilastru tas-soċjetà tagħna," jgħid Rodrigo Robledo Tobar, direttur ġenerali tal-politika finanzjarja u tat-teżor tar-reġjun ta' Madrid. "Dan se jkun investiment fil-ġenerazzjonijiet li jmiss, fil-futur tagħna."

### Edukazzjoni biex tissodisfa d-domanda

Fi Spanja, l-edukazzjoni pubblika hija b'xejn, u għandha rati għoljin ta' użu fin-nurseries, l-edukazzjoni primarja u l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell. Iżda ladarba l-istudenti jaslu fl-iskola sekondarja tat-tieni livell, il-fatturi demografiċi għandhom rwol kbir fid-determinazzjoni ta' liema studenti jkomplu l-edukazzjoni tagħhom. L-istudenti huma aktar probabbli li jieqfu mill-iskola jekk ikunu ġejjin minn familji bi status soċjoekonomiku aktar baxx li jgħixu fi nħawi ifqar b'vjaġġi itwal lejn l-iskola u lura d-dar.

> "Dawn in-nies jeħtieġu aċċess għal skejjel qrib il-post fejn jgħixu"

L-investiment fl-infrastruttura tal-edukazzjoni se jgħin biex tiġi ssodisfata d-domanda attwali għal aktar skejjel – u l-ħtieġa futura tar-reġjun ta' Madrid għal individwi bil-ħiliet meħtieġa, li huma l-pedament ta' kull ekonomija. "Dawn in-nies jeħtieġu aċċess għal skejjel qrib il-post fejn jgħixu," jgħid Robledo Tobar. "M'għandhomx ikollhom għalfejn jivvjaġġaw nofs siegħa jew siegħa biex iwasslu lit-tfal tagħhom l-iskola fiċ-ċentru tal-belt."

Is-subborgi qegħdin jikbru minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni. Iżda n-nies qegħdin imorru jgħixu hemm ukoll minħabba li l-appartamenti huma aktar affordabbli. "Iż-żoni fejn se tkun tinsab il-biċċa l-kbira tal-infrastruttura l-ġdida jinsabu fis-subborgi li qed jikbru l-aktar," tgħid Silvia Guallar Artal, ekonomista fit-taqsima tal-edukazzjoni u r-riċerka pubblika tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Dawn huma l-aktar żoni ġodda u barra minn hekk mhux daqstant sinjuri."

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa l-proġett ta' Madrid b'self ta' €250 miljun, li ġie ffirmat f'Marzu 2023.** "Bis-saħħa ta' dan is-self, nistgħu nipprovdu servizzi edukattivi lill-familji li qed jgħixu fis-subborgi," jgħid Robledo Tobar. "Mhux se jkollhom għalfejn jibqgħu jmorru jgħixu fiċ-ċentru tal-belt, li huwa għali, u dan se jkompli jnaqqas l-inugwaljanzi bejn in-nies."

# BINARJI FERROVJARJI ĠODDA, LINJI ĠODDA, TEKNOLOĠIJA ĠDIDA

## Minn Munich sa Monopoli, is-soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi għall-ferroviji jiġġeneraw inqas emissjonijiet u ħinijiet tal-ivvjaġġar, kif ukoll manutenzjoni ta' teknoloġija avvanzata fil-Ġermanja u fl-Italja

Bħal żewġ terzi tal-passiġġieri tal-ferroviji reġjonali kollha fil-Bavarja, Christine spiss taqbad l-S-Bahn ta' Munich, in-network reġjonali tal-ferroviji tat-tielet l-akbar belt fil-Ġermanja. Il-vjaġġ mid-dar tagħha f'Pasing, 10 km 'il bogħod mill-Marienplatz fiċ-ċentru tal-belt, madankollu, jista' jkun imprevedibbli. "Ikun ippakkjat nies u jittardja spiss," tgħid hi. "Normalment għandu jieħu biss bejn 20 u 25 minuta, imma kultant jeħodli anki sa siegħa."

Christine mhix waħedha. Madwar il-Ġermanja kważi passiġġier wieħed minn kull tlieta tal-ferroviji wasal fid-destinazzjoni tiegħu kwarta jew aktar tard fl-2022. In-network ferrovjarju tal-S-Bahn ta' Munich jittardja spiss għax kull ferrovija tal-S-Bahn li tidħol jew toħroġ miċ-ċentru ta' Munich trid tgħaddi minn linja waħda ċentrali, is-Stammstrecke, waħda mill-aktar li jgħaddu ferroviji minnha fl-Ewropa kollha. Dan jesponi lin-network għal konġestjonijiet u ttardjar. Ix-xogħol fuq it-tieni linja ċentrali jinsab għaddej. Għalkemm se jieħu s-snin biex jitlesta, il-ferroviji ta' ġenerazzjoni ġdida li ġew ordnati riċentement jippromettu xi titjib rapidu.

**Akkwistati bis-saħħa ta' arranġament ta' kiri innovattiv ta' €2 biljun iffinanzjat mill-Bank Ewropew tal-Investiment** u minn UniCredit b'garanzija mill-Istat Ħieles tal-Bavarja, il-ferroviji l-ġodda ta' 200 metru, li huma tal-istess tul bħall-ferroviji tal-InterCity ta' kapaċità għolja tal-Ġermanja, se jkunu l-itwal ferroviji reġjonali fil-pajjiż. Effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, id-90 ferrovija elettrika ġdida, mibnija minn Siemens Mobility, se jkollhom bibien wesgħin ħafna għal aċċess faċli u aktar malajr u strixxa tal-informazzjoni tal-LED tul it-tul kollu tal-ferrovija. "Nittamaw li dawn il-ferroviji aktar komdi u affidabbli jgħinu jikkonvinċu lin-nies li jgħixu fil-periferija ta' Munich biex iħallu l-karozzi tagħhom id-dar u jaqbdu l-ferrovija," jgħid Alexander Gerum, il-maniġer tal-proġett tal-S-Bahn ta' Munich f'Bayerische Eisenbahngesellschaft, li tippjana, tiffinanzja u timmaniġġja t-trasport ferrovjarju reġjonali tal-passiġġieri fil-Bavarja.

### Finanzjament uniku għall-ferroviji tal-Italja

Pajjiżi oħra fl-Ewropa wkoll qegħdin jagħtu prijorità lit-trasport ferrovjarju bħala parti importanti mill-istrateġiji ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom. F'Marzu 2023, **il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma arranġament ta' finanzjament innovattiv li jammonta għal total ta' €3.4 biljun** għall-modernizzazzjoni tal-binarju ferrovjarju bejn Palermo u Catania fi Sqallija, li se jnaqqas b'terz il-ħinijiet tal-ivvjaġġar attwali bejn iż-żewġt ibliet. Il-pakkett tal-finanzjament jinkludi kontrogaranzija unika ta' 50% ta' €1.3 biljun appoġġata minn InvestEU. Dan jiggarantixxi l'hekk imsejħa bonds bil-quddiem u tal-prestazzjoni li l-kuntratturi jridu jiksbu mill-banek biex iserraħ ras l-iżviluppaturi li se jkunu protetti f'każ ta' inadempjenza.

"Din hija l-ewwel darba fi kwalunkwe post li pprovdejna kontrogaranziji ta' dan it-tip u issa qed nimmiraw li nirreplikaw din l-inizjattiva fi proġetti differenti u f'pajjiżi oħra," jgħid Giovanni Inglisa, uffiċjal anzjan tas-self fil-Bank Ewropew tal-Investiment li jieħu ħsieb l-istituzzjonijiet finanzjarji.

> **Nittamaw li dawn il-ferroviji aktar komdi u affidabbli jgħinu jikkonvinċu lin-nies ... iħallu l-karozzi tagħhom id-dar u jaqbdu l-ferrovija**

Taħt dan l-arranġament uniku ta' finanzjament, żviluppat flimkien mal-Ferrovie dello Stato Italiane, il-kumpanija azzjonarja tal-ferroviji nazzjonali tal-Istat tal-Italja, il-kontrogaranzija se tiġġenera garanziji minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra li jirriżultaw f'total ta' €2.6 biljun biex jiġu implimentati kuntratti ta' kostruzzjoni u sussegwentement jinbeda x-xogħol. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment se jsellef ukoll €800 miljun direttament lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi tal-Italja.

### Trasformazzjoni diġitali fit-teknoloġija ferrovjarja tal-Italja

Il-finanzjament ta' ferroviji ġodda u t-titjib tan-networks ferrovjarji huma biss parti mill-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment għas-settur ferrovjarju u għall-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-għan li tirdoppja t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tittrippla l-attività ferrovjarja ta' veloċità għolja sal-2050. F'Settembru 2023, **il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €20 miljun (€10 miljun oħra ġew approvati u se jiġu ffirmati fix-xhur li ġejjin) għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp f'MerMec**, ditta Taljana li tispeċjalizza fit-teknoloġiji avvanzati għat-trasport ferrovjarju (is-sinjalar, il-kejl tal-ferroviji u s-sistemi, it-trazzjoni elettrika u t-telekomunikazzjoni), fil-mobilità elettrika urbana, u fl-applikazzjonijiet industrijali. "It-trasformazzjoni diġitali tas-settur ferrovjarju hija faċilitatur ewlieni għal effiċjenza u sikurezza aħjar," jgħid Matteo Fusari, inġinier ewlieni mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Iżda din ma tinvolvix biss il-ġbir tad-*data* permezz ta' sensuri remoti. Tinvolvi l-ipproċessar tad-*data* malajr u l-provvista ta' għarfien li abbażi tiegħu tista' tittieħed azzjoni."

Waħda mit-teknoloġiji l-aktar promettenti li qed tiġi żviluppata minn MerMec hija vagun ferrovjarju li jidentifika l-post fejn iseħħu d-difetti tal-linja ferrovjarja u jirrapportahom, filwaqt li jivvjaġġa b'veloċità għolja. Dan juża taħlita ta' immaġnijiet viżivi u tar-reżonanza manjetika, u d-*data* tiġi rreġistrata u pproċessata fuq il-vagun ferrovjarju qabel ma tiġi ttrasferita lill-maniġers li jimmonitorjaw in-network mill-bogħod.

Is-self mill-Bank Ewropew tal-Investiment se jappoġġa l-operazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp ta' MerMec f'Monopoli, reġjun relattivament inqas żviluppat tal-Puglia, li jibbenefika mill-finanzjament tal-koeżjoni tal-UE. Is-self se jappoġġa impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet fir-riċerka u l-iżvilupp, inklużi 280 kariga full-time kull sena matul id-durata tiegħu ta' erba' snin u 400 impjieg permanenti ġdid.

# L-IĊĊARĠJAR

## Gigafabbrika għall-batteriji tal-joni tal-litju fi Franza se toħloq l-impjiegi u tagħti spinta lill-industrija Ewropea tal-batteriji biex tixpruna mobilità aktar nadifa

Anastasia Walch-Guinebert minn dejjem kienet tħobb issolvi l-problemi. Kienet ukoll issib l-innovazzjoni kontinwa fil-qasam tat-tranżizzjoni enerġetika bħala xi ħaġa affaxxinanti. Għalhekk taħdem bħala inġinier tal-proċess fl-Automotive Energy Supply Corporation (AESC) li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Ġappun. F'din il-kumpanija internazzjonali l-kbira tal-batteriji, hija ttejjeb il-produzzjoni tal-batteriji għall-vetturi elettriċi biex tiżgura li dawn ikunu sikuri, ta' kwalità għolja, effettivi u ambjentalment sostenibbli. "Dan ix-xogħol jippermettili nħalli impatt pożittiv fuq l-ambjent," tgħid hi, "u d-dinja ta' madwari."

Mal-AESC tippjana li topera gigafabbrika tal-batteriji f'Douai, fir-reġjun tal-Hauts-de-France, sal-2025, ir-rwol tagħha se jikseb importanza saħansitra akbar. Il-fabbrika se tipproduċi batteriji tal-joni tal-litju avvanzati għall-ECHO 5 ta' Renault (il-verżjoni elettrika l-ġdida tal-R5, il-mudell ikoniku tal-bliet ta' Renault mis-snin sebgħin u tmenin) u l-vettura ta' utilità crossover tagħha, il-4Ever. Fil-fażi inizjali tagħha, se jkollha kapaċità kkombinata ta' sa 9 sigħat-gigawatt, bl-abbiltà li tħaddem 200 000 karozza elettrika fis-sena. Sal-2030, il-faċilità hija mistennija li tipproduċi batteriji għall-vetturi elettriċi b'kapaċità annwali ta' bejn 24 u 30 siegħa-gigawatt.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jiffinanzja l-investiment tal-AESC permezz ta' €337.2 miljun f'self dirett lill-proġett, u sa €112.8 miljun f'self indirett lill-banek kummerċjali parteċipanti, iffirmati f'Settembru 2023**. "AESC qed iġġib l-għarfien tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tagħha lejn Franza biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-batteriji fl-Ewropa," jgħid Olivier Kueny, uffiċjal anzjan tas-self fil-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "Il-proġett se jappoġġa wkoll l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tar-reġjun tal-Hauts-de-France, magħruf bħala "Wied il-Batteriji" l-ġdid, u se jakkumpanja t-tranżizzjoni strateġika ta' Renault." L-investiment tal-AESC qiegħed isir taħt InvestEU, programm tal-Kummissjoni Ewropea li għandu l-għan li jattiva aktar minn €372 biljun f'investiment addizzjonali fl-Ewropa mill-2021 sal-2027.

### X'inhi gigafabbrika?

Il-gigafabbriki huma ċentri ta' manifattura kolossali, fejn il-kumpaniji normalment jipproduċu batteriji ta' vetturi elettriċi, soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, u teknoloġiji relatati. Jispeċjalizzaw fil-produzzjoni ta' prodott wieħed popolari fuq skala kbira, għall-kuntrarju ta' fabbriki regolari li huma iżgħar u jistgħu jaqdu varjetà ta' ħtiġijiet tal-manifattura. F'Douai, il-gigafabbrika tal-AESC se tiffoka fuq il-produzzjoni tal-massa ta' batteriji tal-jon tal-litju għall-vetturi elettriċi.

Il-batteriji huma indispensabbli fid-dinja moderna tagħna. Joffru enerġija li tista' tinġarr. Jaħżnu u jwasslu l-enerġija rinnovabbli, jiċċarġjaw l-apparati elettroniċi tagħna, u jmexxu t-tranżizzjoni tagħna lejn in-newtralità klimatika. Id-domanda globali għall-batteriji qed tiżdied malajr ħafna u hija mistennija li tiżdied b'14-il darba sal-2030.

U l-Ewropa se jkollha bżonn is-sorsi tagħha stess ta' batteriji f'każ li kriżi internazzjonali kbira tfixkel il-ktajjen tal-provvista globali, kif ġara bil-COVID-19. "L-Ewropa se jkollha żżid il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tagħha biex tilħaq il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika," jgħid Christian Schepens, inġinier ewlieni fl-unità tal-industriji sostenibbli u diġitali tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

> "L-Ewropa se jkollha żżid il-kapaċità tal-produzzjoni tal-batteriji tagħha biex tilħaq il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika"

# MERĦBA LIR-ROBOTS

## Kumpanija Olandiża temmen li l-iċċarġjar robotiku jista' jagħmel il-mobilità elettrika ħafna aktar attraenti. Dan huwa kif Rocsys tadatta t-teknoloġija medika biex tħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika

Għal ħafna snin, Crijn Bouman qatt ma fehem għaliex il-kumpaniji investew tant ħin biex jagħmlu l-karozzi elettriċi, filwaqt li ħadd ma għamel tant biex itejjeb il-proċess tal-iċċarġjar. Ispirat minn passjoni għall-mobilità elettrika, iddeċieda li jagħmel xi ħaġa dwar dan. "Naħseb li l-mobilità elettrika qed tibda ssir il-mainstream," jgħid Bouman. "Issa, kollha kemm aħna qed nintalbu nużaw l-enerġija rinnovabbli."

Biex jindirizzaw in-nuqqas ta' inġenwità fis-sistemi tal-iċċarġjar, Bouman u żewġ esperti tar-robotika ħolqu Rocsys fl-2019 f'Rijswijk, fin-Netherlands. Il-kumpanija qed tiżviluppa tagħmir ta' driegħ robotiku li jqabbad il-kejbils tal-iċċarġjar mal-vetturi bl-użu ta' sensuri tal-mess biex jimita l-azzjonijiet tal-bnedmin. Il-prodott tal-ewwel ġenerazzjoni tiegħu, ROC-1, issa qiegħed jintuża fil-portijiet, f'operazzjonijiet loġistiċi u fi flotot professjonali.

> **"Dawn il-biljuni kollha ta' euro f'investimenti li saru sal-lum mhumiex bla skop"**

Hija teknoloġija li tista' tagħmel ħafna biex tħajjar lis-sewwieqa jaqilbu minn karozzi tal-fjuwils fossili għal vetturi elettriċi – id-diffikultajiet fl-iċċarġjar spiss jissemmew bħala raġunijiet għaliex in-nies għadhom ma qalbux għal vetturi elettriċi f'numri akbar. Rocsys tittama li s-sistemi tal-iċċarġjar robotiċi tagħha jagħmlu l-iċċarġjar aktar konvenjenti, u jħeġġu lil aktar nies jużaw il-mobilità elettrika. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikanti għat-tibdil fil-klima għax l-emissjonijiet tal-karbonju bħalissa qegħdin jiżdiedu fis-settur tat-trasport madwar id-dinja, eżatt meta jeħtieġ li jitnaqqsu.

Biex tiffinanzja l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġija tagħha, **Rocsys iffirmat self ta' €18-il miljun f'Lulju 2023 mal-Bank Ewropew tal-Investiment**. Is-self huwa parti mill-programm InvestEU tal-Kummissjoni Ewropea, li għandu l-għan li jagħti spinta lill-investimenti fl-innovazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi.

### Il-mobilità elettrika ssir mainstream bl-iċċarġjar robotiku

Rocsys kellha sfida inizjali waħda – dik li r-robotika tinvolvi spiża għolja ħafna. L-ROC-1 hija soluzzjoni kosteffettiva għar-robots ta' prezz għoli. Hija ispirata mir-robotika li tintlibes fil-qasam mediku, speċifikament l-eżoskeletri, li huma apparati li jaħdmu bl-enerġija li jeħlu ma' ġisem uman u fihom attwaturi li jgħinu l-moviment. Is-sensuri tal-mess tal-prodott jgħinu lid-driegħ mekkaniku jinnaviga madwar is-sistemi tal-iċċarġjar u jipprevjenu l-korriment mill-kuntatt fiżiku. Il-prodott joffri alternattiva aktar sikura għar-robotika tradizzjonali, li tista' tkun riġida u potenzjalment perikoluża. Il-kumpanija issa għandha l-għan li tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss tal-ROC, li se tkun iżgħar u bi spiża aktar baxxa, bis-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

"Wieħed mill-benefiċċji l-kbar," jgħid Bouman, "huwa li tista' ttejjeb ċarġer eżistenti billi taqilbu f'ċarġer awtomatiku. Dawn il-biljuni kollha ta' euro f'investimenti li saru sal-lum mhumiex bla skop. Jistgħu jittejbu għall-għaxar sa 15-il sena li ġejjin biex jilqgħu l-vetturi elettriċi u awtomatizzati."

Rocsys għaddejja bid-diskussjonijiet mal-manifatturi tal-karozzi Ewropej biex tgħinhom jagħmlu s-sistemi tal-iċċarġjar disponibbli b'mod mifrux għall-pubbliku. "Naħseb li jkun riskju tassew kbir għall-Ewropa li ma taħtafx avvanzi teknoloġiċi bħal dawn," jgħid Bouman. "Verament nirriskjaw li naqgħu ferm lura. Għandi fiduċja għall-futur, iżda nispera li m'aħniex tard wisq."

# KULĦADD IMIDD IDEJH

## Il-portijiet fil-Bulgarija u fil-Portugall qegħdin jimmodernizzaw l-infrastruttura biex inaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet tal-karbonju

Il-portijiet tal-Bulgarija huma punti ta' waqfien dejjem aktar importanti tul ir-rotta tal-provvista tal-ikel mill-Ukrajna lejn il-bqija tad-dinja. Iżda l-konġestjonijiet madwar il-portijiet iwasslu għal emissjonijiet tas-$CO_2$ żejda u għal spejjeż żejda għat-trasportaturi bil-baħar, l-operaturi tat-trasport, in-negozji – u fl-aħħar mill-aħħar għall-konsumaturi. Huwa għalhekk li waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-pajjiż tal-kummerċ u l-ipproċessar tal-qmuħ, Buildcom Group, qiegħda tibni terminal tal-port ġdid maġġuri f'Varna fuq il-kosta tal-Baħar l-Iswed. "L-infrastruttura marittima fil-Bulgarija hija skaduta u għandha kapaċità ta' pproċessar baxxa, speċjalment f'Varna," tgħid Tsvetelina Gancheva, direttriċi tar-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji għal Oliva, l-akbar produttur Bulgaru taż-żejt tal-ġirasol u sussidjarja ewlenija ta' Buildcom. "Il-fond massimu tal-portijiet f'Varna jillimita l-fluss ta' bastimenti ta' volum kbir, u l-kapaċità għall-immaniġġjar tal-merkanzija ġenerali mill-portijiet reġjonali hija limitata ħafna."

**Buildcom Group se tirranġa din is-sitwazzjoni b'self ta' €50 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment** lis-sussidjarja tagħha, il-Logistic Centre Varna. It-terminal il-ġdid se jippermetti t-trasferiment ta' xi operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-portijiet mill-post attwali qrib iċ-ċentru tal-belt lejn post aktar remot fil-Lag Beloslav ħdejn Varna. Is-self huwa sostnut mill-programm InvestEU.

### Iż-żieda ta' terminal ġdid u l-fond fil-port ta' Varna

In-nuqqas ta' infrastruttura fil-portijiet Bulgari sar kwistjoni ta' urġenza meta r-Russja invadiet l-Ukrajna fl-2022. Il-port ta' Constanta fir-Rumanija spiċċa mgħobbi żżejjed minn żieda fil-qmuħ Ukreni, iżda l-merkanzija ma setgħetx tiġi ttrasferita lejn Varna peress li dan ma kienx mgħammar biex ikampa ma' aktar bastimenti u merkanzija. Il-proġett il-ġdid se jimmodernizza l-port ta' Varna, jappoġġa s-sigurtà tal-ikel, jippromwovi trasport marittimu aktar ekoloġiku, u jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku fir-reġjun billi jtejjeb l-aċċess għas-suq tal-esportazzjoni għall-produtturi agrikoli lokali. Il-proġett se "jsaħħaħ l-integrazzjoni vertikali u l-aċċess għas-suq tal-esportazzjoni għall-Buildcom Group," tgħid Venera Gandzhova, l-uffiċjal tas-self inkarigata mill-operazzjoni tas-self tal-BEI.

It-terminal il-ġdid se jwitti t-triq għal aktar bastimenti u għal bastimenti akbar billi jżid il-fond fil-mollijiet għal 13.5 metri. Se jkollu wkoll sistema moderna għall-ħżin u t-trasport tal-qmuħ, kif ukoll tagħmir ġdid għat-tqandil, aċċess għal binarji ferrovjarji u toroq ġodda, networks tal-utilità, u bini tekniku u amministrattiv. L-espansjoni tal-port fl-aħħar mill-aħħar se tnaqqas it-trasport bit-triq, u tittrasferixxi l-merkanzija għal trasport marittimu inqas intensiv fl-emissjonijiet tal-karbonju. "Dan il-proġett se jottimizza r-rotot tat-trasport fuq l-art u fil-baħar, u b'hekk itejjeb l-impronta tas-$CO_2$," tgħid Gancheva minn Oliva. "Għandu approċċ integrat li jiggarantixxi l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jqis ukoll il-ġestjoni tal-kosta u l-prevenzjoni tal-għargħar."

Fl-istess ħin, il-merkanzija li tgħaddi miċ-ċentru ta' Varna se titnaqqas b'mod sinifikanti – benefiċċju għall-popolazzjoni tal-belt. "Tradizzjonalment, il-port ta' Varna kien eqreb tal-baħar," jgħid José Rino, inġinier ċivili li ħadem fuq il-proġett fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Iżda l-fatt li jinsab qrib iċ-ċentru tal-belt kellu impatt negattiv fuq il-popolazzjoni ġenerali, bit-tniġġis akustiku u tal-arja tagħha. Wieħed mill-passi ewlenin f'dan il-proġett kien li jiġi żgurat li l-infrastruttura l-ġdida tal-port titmexxa lejn il-parti interna tal-Lag Varna, 'il bogħod miż-żona popolata."

> **Jiggarantixxi l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jqis ukoll il-ġestjoni tal-kosta u l-prevenzjoni tal-għargħar**

### It-titjib tal-aċċessibbiltà marittima f'Leixões

Peress li madwar 74% tal-merkanzija tidħol jew toħroġ mill-Ewropa bil-baħar, huwa kruċjali li jsir investiment f'infrastruttura marittima moderna kemm għall-impriżi agrikoli kif ukoll għall-merkanzija industrijali. Proġett fil-port ta' Leixões, l-aktar port marittimu importanti fit-Tramuntana tal-Portugall u t-tieni l-akbar fil-pajjiż għall-merkanzija u l-kontejners, jippermetti li jidħlu bastimenti akbar fil-port. Jindirizza l-konġestjoni tal-port, billi jtejjeb l-effiċjenza u l-prestazzjoni ambjentali tal-katina tal-provvista marittima.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €60 miljun mal-Administração dos Portos do Douro, Leixões e Viana Do Castelo biex jiffinanzja t-titjib fl-aċċessibbiltà marittima f'Leixões**, billi l-fond tal-kanal ta' aċċess jiżdied bi 15.5 metri u l-breakwater eżistenti jitwessa' bi 300 metru. "Fl-aħħar ftit snin, il-bastimenti kibru, biex jiksbu ekonomiji ta' skala billi jittrasportaw aktar merkanzija u jivvjaġġaw distanzi akbar," jgħid Rino, l-inġinier ċivili tal-Bank Ewropew tal-Investiment li wkoll ħadem fuq dan il-proġett. "L-infrastruttura tal-port attwali jeħtieġ li tiġi adattata biex dawn il-bastimenti akbar jidħlu fil-port. Dan huwa kruċjali jekk il-Portugall trid tibqa' kompetittiva fis-settur tal-kummerċ marittimu."

# L-AWTOSTRADI TAN-NATURA

**Pjan biex tingħata ħajja ġdid lill-passaġġi fuq l-ilmijiet interni tal-Litwanja bi braken elettriċi jista' jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju billi jelimina 48 000 vjaġġ bit-trakkijiet fis-sena**

L-inġenwità tal-bniedem tista' ssolvi kull xorta ta' problema kumplessa u ssib soluzzjonijiet biex jingħeleb kull tip ta' ostaklu. Imma kultant in-natura tagħti l-aħjar tweġiba. Biex nittrasportaw oġġetti tqal u goffi lejn il-baħar, pereżempju, nistgħu nibnu toroq, pontijiet u trakkijiet li jaħdmu bil-petrol li jemettu s-$CO_2$ li qiegħed jibdel il-klima. Jew nistgħu sempliċement ngħadduhom minn fuq ix-xmajjar, l-awtostradi naturali tan-natura.

Ix-xmara Nemunas tgħaddi tul kważi elf kilometru mill-muntanji tal-Belarussja, minn ġol-artijiet mistagħdra tal-Litwanja, qabel ma titbattal fil-Baħar Baltiku. Fil-Litwanja, il-baċin tan-Nemunas, li fih aktar minn 20 000 xmara u xmajra, ikopri kważi tliet kwarti tat-territorju tal-pajjiż. Ix-xmara kienet tintuża ħafna għat-trasport tal-merkanzija fis-seklu dsatax u anki matul iż-żminijiet Sovjetiċi, meta sa 3 miljun tunnellata fis-sena kienu jintbagħtu fuq il-passaġġ fuq l-ilma ewlieni tal-pajjiż.

Iżda l-flotta kollha tal-merkanzija tax-xmajjar tal-Litwanja żżarmat fil-jiem bikrin tal-privatizzazzjoni wara li waqgħet l-Unjoni Sovjetika u n-network tal-passaġġi fuq l-ilmijiet interni tal-pajjiż ma baqax jintuża.

Issa, l-Awtorità tal-Passaġġi fuq l-Ilmijiet Interni tal-Litwanja qiegħda taħdem fuq pjan biex terġa' tagħti ħajja lit-trasport tal-merkanzija fuq in-Nemunas. Il-flotta ta' bastimenti elettriċi tagħha se tkopri d-distanza ta' 260 km bejn iċ-ċentru industrijali u tat-trasport ta' Kaunas fiċ-ċentru tal-pajjiż u l-port ta' Klaipėda fuq il-kosta tal-Baħar Baltiku. "Il-Litwanja timporta l-biċċa l-kbira tal-materja prima u l-prodotti bażiċi tagħha, u tesporta ħafna qmuħ – madwar 5 miljun tunnellata fis-sena," jgħid Vladimiras Vinokurovas, kap eżekuttiv tal-Awtorità tal-Passaġġi fuq l-Ilma. "Il-passaġġi fuq l-ilma huma perfetti għat-trasport ta' dawn it-tipi ta' merkanzija tqila u ta' daqs eċċessiv, u Kaunas huwa ċentru tal-produzzjoni kbir f'post mill-aqwa proprju f'nofs il-Litwanja."

**L-awtorità ilha taħdem mas-servizzi ta' konsulenza tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex tiżviluppa mudell kummerċjali prattiku**. Is-servizzi ta' konsulenza tal-Bank identifikaw disinn ta' barkun elettriku li jaħdem tajjeb fl-ilmijiet baxxi tan-Nemunas u għenu fit-twettiq ta' studju tal-fattibbiltà li ta lill-awtorità stampa sħiħa tal-proġett. Dan għen lill-uffiċjali tal-gvern jieħdu deċiżjoni infurmata u jmexxu l-proġett 'il quddiem. L-esperti tal-Bank spjegaw fid-dettall kif il-passaġġi fuq l-ilma jistgħu jgħinu lill-ekonomija Litwana u lill-ambjent, u identifikaw modi kif jitnaqqsu l-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja, jitnaqqsu l-konġestjoni u l-inċidenti fit-toroq, jitnaqqas it-tniġġis akustiku u tittejjeb il-bijodiversità. "It-trasport tal-merkanzija fuq il-passaġġ fuq l-ilma se jkun aħjar għall-ambjent," jgħid Brendan McDonagh, konsulent tal-proġett fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Aħna nistmaw li kull vjaġġ minn waħda mill-braken jista' jelimina aktar minn 100 vjaġġ bit-trakk biex jiġi u jmur. Ladarba l-proġett jilħaq il-kapaċità sħiħa, dan se jkun ifisser aktar minn 48 000 inqas vjaġġ bit-trakk fis-sena u tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' aktar minn 14 000 tunnellata fis-sena."

> **"Il-passaġġi fuq l-ilma huma perfetti għat-trasport ... ta' merkanzija tqila u ta' daqs eċċessiv"**

# NIBDLU T-TRIQ FEJN JIDĦOL IL-FASTIDJU

## Il-kumpanija tat-trasport pubbliku ta' Barċellona TMB tkompli bi pjan għall-prevenzjoni tal-fastidju sesswali

Meta l-kumpanija tat-trasport pubbliku ta' Barċellona, Transports Metropolitans de Barcelona, jew TMB, kienet qed titkellem mal-Bank Ewropew tal-Investiment dwar self biex iġġedded il-vetturi ferrovjarji tagħha u takkwista karozzi tal-linja elettriċi u infrastruttura tal-iċċarġjar għal Barċellona, irriżulta li kien hemm problema oħra li kellha tissolva. Fl-iżvilupp tal-politiki tar-responsabbiltà soċjali u tal-opportunitajiet indaqs tagħha, il-kumpanija, bħal ħafna oħrajn fit-trasport, kellha tindirizza l-kwistjoni ta' kif tipprevjeni l-fastidju sesswali u d-diskriminazzjoni fuq in-networks tagħha. "Il-pjan oriġinali tagħna kien jinvolvi biss miżuri għall-prevenzjoni tal-fastidju indirizzati speċifikament lejn in-nisa," tgħid Raquel Diaz, id-direttriċi ta' TMB għar-responsabbiltà soċjali, in-nisa u d-diversità. "Dak il-pjan evolva, u inkorpora miżuri speċifiċi biex tiġi miġġielda l-fobija fil-konfront tal-LGBTIQ+."

**B'finanzjament miċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU, l-esperti tas-Servizz ta' Konsulenza tal-BEI u tim ta' esperti tal-mobilità u tal-ġeneru minn Spanja, il-Portugall u l-Ġermanja ġew biex jgħinu lil TMB tagħti spinta fl-implimentazzjoni tal-pjan u tiddefinixxi indikaturi biex tkejjel l-impatt tiegħu**. "TMB diġà kienet ippubblikat pjan għall-prevenzjoni tal-fobija fil-konfront tal-LGBTIQ+ u l-fastidju sesswali," jgħid Manuel Pastor de Elizalde, espert tal-mobilità urbana fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Kienu avvanzati ħafna, iżda l-pjan kien għadu fl-istadji bikrija tiegħu."

### It-tfassil ta' mekkaniżmu għall-ilmenti fdat

Il-gvern tal-Katalunja wettaq stħarriġ fl-2020 li żvela li 17% tal-atti kriminali kollha fiż-żona jseħħu fuq it-trasport pubbliku, u li 60% tal-vittmi huma nisa. Fost in-nisa bejn l-etajiet ta' 16 u 25 sena, 91.6% qalu li ġew iffastidjati fuq it-trasport pubbliku. "Kulħadd jaf li dan qed jiġri," tgħid Carmen Niethammer, speċjalista anzjana tal-ġeneru fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Il-mistoqsija hija, kif nistgħu ntejbu l-fiduċja fil-mekkaniżmu tal-ilmenti?" Is-Servizz ta' Konsulenza tal-BEI wettaq stħarriġ li tlesta fl-2023, li eżamina l-kwistjoni.

"Meta naħsbu dwar l-aċċessibbiltà għat-trasport," tgħid Floridea Di Ciommo, il-mexxejja tat-tim ta' konsulenza estern li ħadem fuq il-proġett, "dejjem naħsbu li din tirreferi għall-iffrankar tal-ħin tal-ivvjaġġar, jew għall-aċċessibbiltà fiżika, jew għal jekk tistax tasal f'waqfa ta' tal-linja fi ftit minuti. Dawn huma kriterji viżibbli. Imma jekk persuna tiġi attakkata, jew jekk ikun hemm min jiċċassa lejn mara żagħżugħa jew jinkiha jew saħansitra jmissha, ovvjament din se tevita li tuża t-trasport pubbliku jekk tista'."

> "Kulħadd jaf li dan qed jiġri"

Ix-xogħol imwettaq mill-konsulenti kkonferma dak li TMB fehmet kmieni fil-proċess: il-prevenzjoni tal-fastidju sesswali mhijiex biss kwistjoni ta' responsabbiltà soċjali; tkun ukoll ta' benefiċċju ekonomiku għall-komunità.

TMB u l-bank tal-UE jittamaw li l-pjan għall-prevenzjoni tal-fastidju abbażi tal-ġeneru se jservi bħala mudell għal reġjuni, bliet u kumpaniji tat-trasport oħra. "Il-viżjoni hija li nagħtu prominenza lil Barċellona bħala l-aqwa fil-kategorija," tgħid Niethammer. "Li nuru li pjan għall-prevenzjoni tal-fastidju bbażat fuq il-ġeneru huwa investiment fil-komunità, b'benefiċċji ekonomiċi u kummerċjali tanġibbli, u li l-proġetti kollha tagħna fl-Unjoni Ewropea jsegwu dak il-mudell."

# PJANIJIET
## GĦAL MAPPA TAD-DINJA LI HIJA ĠUSTA U EKOLOĠIKA

"Aħna allinjati bis-sħiħ mal-prijoritajiet tal-UE u qegħdin fuq quddiem nett fl-appoġġ ta' inizjattivi ewlenin tal-UE, bħal Global Gateway. B'għarfien espert tekniku qawwi, aħna nmexxu inizjattivi ta' Tim Ewropa kkoordinati u li jħallu impatt f'għadd kbir ta' pajjiżi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba tagħna. Qed inżidu l-persunal fuq il-post u qed niżviluppaw prodotti u karatteristiċi addizzjonali tal-prodott aġġustati għall-kuntesti ta' partijiet differenti tad-dinja u l-piż tad-dejn ogħla f'ħafna postijiet. Niżguraw li r-riżorsi tagħna għat-taħlit u s-servizzi ta' konsulenza jintużaw b'mod immirat fejn jagħmlu l-akbar differenza. U nsegwu u nirrappurtaw b'mod sistematiku dwar ir-riżultati u l-kontribut tagħna għall-SDGs, mill-valutazzjoni sal-għeluq tal-proġetti, bl-użu tal-qafas ta' addizzjonalità u kejl tal-impatt mill-aktar avvanzat tagħna u l-immappjar rigoruż tal-SDGs."

**Markus Berndt,** deputat direttur maniġerjali, BEI Globali

"L-iżvilupp sostenibbli huwa t-triq għall-futur. Bil-finanzjament tal-infrastruttura tal-ilma u soċjali fil-Ġordan u t-Tuneżija, jew ir-riforestazzjoni tal-parks nazzjonali fil-Marokk u t-tindif mit-tniġġis industrijali fl-Eġittu, il-BEI Globali taħdem ma' Tim Ewropa biex twitti t-triq għat-tkabbir fl-impjiegi, l-ekonomija u l-kapital uman, kif ukoll il-kompassjoni għall-ambjent."

**Kristina Kanapinskaite,** kap tas-settur pubbliku għall-Viċinat tan-Nofsinhar, BEI Globali

"Il-Bank ta appoġġ essenzjali lill-Ukrajna minn meta bdiet l-invażjoni Russa, billi mmobilizza aktar minn €2 biljun biex jiffinanzja l-isforzi ta' rkupru. Fl-2023, nedejna l-inizjattiva l-UE għall-Ukrajna biex nimmobilizzaw il-finanzjament addizzjonali u l-appoġġ konsultattiv biex terġa' tinbena l-infrastruttura kritika, jiġu ffinanzjati l-investimenti ta' prijorità u tingħata spinta lir-reżiljenza tan-negozji u s-soċjetà. Il-bank tal-UE se jkompli jaqdi rwol ewlieni fl-Ukrajna. L-għarfien espert uniku u l-kapaċità ta' finanzjament tagħna se jsostnu l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea."

**Lionel Rapaille,** direttur għall-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat, BEI Globali

Lil hinn mill-Unjoni Ewropea, id-dinja hija inqas stabbli milli forsi ħsibna ftit snin ilu biss. Il-fergħa tal-iżvilupp tagħna, BEI Globali, issarraf f'azzjoni konkreta madwar id-dinja l-miri tas-sostenibbiltà, l-iżvilupp, l-azzjoni klimatika u d-diġitalizzazzjoni stabbiliti fl-għanijiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea. Il-proġetti tal-BEI Globali li jibnu mill-ġdid skejjel u sptarijiet li ġarrbu l-ħsara mill-gwerra fl-Ukrajna jew li jappoġġaw is-sigurtà tal-ikel fl-Afrika kollha għandhom l-istess għan – li jippromwovu l-libertà, id-dinjità tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Għax meta l-ġid jingħaqad ma' dawk il-valuri, allura l-prosperità anki lil hinn mill-fruntieri tagħna hija tkabbir uman komuni li jibbenefika lil kull wieħed minna.

"Is-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw spiss ma jkollhomx ir-riżorsi pubbliċi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tagħhom. BEI Globali għandha rwol ewlieni x'taqdi fit-tnaqqis tar-riskju ta' proġetti u biex tattira investituri privati ħalli titmexxa 'l quddiem l-aġenda tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Inżidu l-iskala ta' proġetti b'impatt għal livell li kieku ma jkunx jista' jinkiseb, billi niżguraw il-konformità mal-aħjar prattiki ambjentali, soċjali u ta' governanza, u nippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u responsabbli."

**Milena Messori,** aġent direttriċi, finanzjament korporattiv u attivitajiet globali, BEI Globali

# MUDELL EKOLOĠIKU FL-AFRIKA

## Il-Kenja tesporta t-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli, timmodernizza t-trasport, u tixpruna l-innovazzjoni

Bilwieqfa fuq pont għall-mixi 'l fuq minn waħda mit-toroq l-aktar użati ta' Nairobi, Ann Masiga tara nixxiegħa ta' minibuses privati jġorru lin-nies lura lejn djarhom mix-xogħol madwar il-belt. Anki ftit metri 'l fuq mit-traffiku, l-arja hija tqila bid-duħħan tal-petrol u tad-diżil. Masiga qed taħdem qatigħ mal-gvern Kenjan biex tirranġa s-servizz ta' tranżitu diżorganizzat u ttejjeb il-kwalità tal-arja. "Trasport aħjar, ilma u enerġija – dawn huma kollha affarijiet kbar għal dan il-pajjiż," tgħid Masiga, uffiċjal tas-self f'Nairobi għall-Bank Ewropew tal-Investiment. "L-infrastruttura fqira jew sistemi tat-trasport foqra huma impediment għal kollox – it-twassil tat-tfal l-iskola, is-sejba ta' impjieg, il-kisba tal-ikel, li tasal l-isptar. Ma negħjiex niffoka fuq dawn il-kwistjonijiet għax xogħli għandu impatt pożittiv fuq ħafna Kenjani ta' kuljum."

Wieħed mill-akbar proġetti ta' Masiga fl-2023 huwa network ta' tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja ġdid għall-belt kapitali. Attwalment mingħajr ebda sistema ta' trasport formali, Nairobi dalwaqt se jkollha terminals moderni tal-karozzi tal-linja, pjattaformi biex titla' u tinżel faċilment mill-karozzi tal-linja, waqfiet ta' tal-linja mdawla sew, mogħdijiet għall-persuni mexjin u bir-rota, u korsiji apposta għall-karozzi tal-linja fuq l-awtostradi ffullati żżejjed. Il-proġett jinkludi waħda mill-ewwel linji tal-karozzi tal-linja totalment elettrika fl-Afrika tal-Lvant. **Masiga kienet parti ewlenija mit-tim tal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħejja self ta' €201 miljun għal-linja elettrika. Il-ftehim, iffirmat f'Ottubru 2023, jinkludi għotja ta' €32 miljun mill-Unjoni Ewropea**. "Verament se nagħmlu differenza fis-sistema tas-servizz pubbliku ta' Nairobi," tgħid Masiga, li l-karriera tagħha bħala impjegata taċ-ċivil hija ispirata minn ommha, Elizabeth Semo Masiga, pijuniera għall-edukazzjoni tan-nisa fil-Kenja u l-ewwel segretarja permanenti mara fil-Ministeru tal-Edukazzjoni. "Dan se jkollu riperkussjonijiet li jistgħu jibdlu s-sistemi tat-trasport madwar il-pajjiż kollu."

### L-irbit tal-klima u l-innovazzjoni fil-Kenja

Il-linja tal-karozza tal-linja elettrika l-ġdida hija kejl ta' kemm il-futur tal-Kenja huwa marbut mill-qrib mal-azzjoni klimatika u t-teknoloġiji innovattivi. Bħala mexxej fl-enerġija rinnovabbli, il-pajjiż qiegħed iżid l-investiment tiegħu fit-teknoloġija ekoloġika, kif ukoll iħeġġeġ lin-negozji jkunu innovattivi u aktar lesti li jfittxu l-opportunitajiet u t-tkabbir madwar il-kontinent. Il-pajjiż qiegħed jiżviluppa inizjattivi biex jagħti spinta lill-provvista tal-ikel, jappoġġa azjendi agrikoli żgħar, itejjeb l-esportazzjonijiet, u jkun aktar inklużiv għal partijiet żvantaġġati tas-soċjetà. Il-karozza tal-linja elettrika hija arterja ewlenija fil-ġisem ta' din il-Kenja li tħares 'il quddiem. Kenja fejn il-bdiewa tal-qamħirrum jimxu fl-għelieqi b'għajnejnhom fuq apps tal-mowbajl biex itejbu r-rendimenti. Fejn il-produtturi tal-mango jużaw teknoloġija ta' ħżin fil-kesħa tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jippreservaw l-għelejjel. U l-impjanti ġeotermali avvanzati tal-pajjiż huma l-mudell għall-programmi tal-enerġija rinnovabbli replikati madwar l-Afrika kollha.

> "Mingħajr l-enerġija ġeotermali, ikun diffiċli ħafna għal dan il-pajjiż li jissodisfa d-domanda għall-enerġija tiegħu"

Din hija l-Kenja innovattiva li sabet imsieħeb fil-Bank Ewropew tal-Investiment. Nairobi hija ċ-ċentru reġjonali tal-bank tal-UE, bi kważi 30 membru tal-persunal jaħdmu għall-fergħa tal-iżvilupp tiegħu BEI Globali. Iċ-ċentru tal-Afrika tal-Lvant jaqdi lill-Kenja, l-Etjopja, is-Sudan, is-Sudan t'Isfel, l-Uganda, ir-Rwanda, il-Burundi, it-Tanzanija, l-Eritrea, il-Djibouti u s-Somalja. Il-Bank Ewropew tal-Investiment investa aktar minn €1.5 biljun

# DETTALJI DWAR IL-KENJA

fil-Kenja sa minn nofs is-snin sebgħin fl-enerġija rinnovabbli, l-aċċess għall-ilma nadif, l-iżvilupp urban, l-inklużjoni finanzjarja u n-negozji ż-żgħar. Il-ħolqien taċ-ċentru fl-2021 u tal-BEI Globali fl-2022 qed jagħti spinta akbar lill-preżenza u l-impatt tal-Bank fir-reġjun.

### L-innovazzjoni għall-Kenja biex taqbeż l-istadju tat-tniġġis tal-klima

Biex jiġi żgurat futur sabiħ, l-azzjoni klimatika u l-innovazzjoni t-tnejn huma ta' importanza essenzjali, fl-Ewropa u madwar id-dinja. Iżda l-Afrika tinsab f'riskju kbir mit-tisħin globali. Il-kontinent jeħtieġ triljuni ta' dollari f'investiment ekoloġiku – u l-Kenja qed timmira li tkun fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni. Il-Kenja hija ppożizzjonata biex taqbeż l-istadju industrijali ta' tkabbir li jniġġes ħafna, u tgħaddi għal soċjetà aktar sostenibbli. Fl-2008, il-pajjiż ħoloq il-programm ta' żvilupp Vision 2030, bil-għan li juża 100% enerġija rinnovabbli sal-2030. **Is-sorsi rinnovabbli diġà jipprovdu aktar minn 90% tal-elettriku tal-Kenja. Il-pajjiż investa ħafna fl-enerġija idroelettrika u l-parks solari, iżda speċjalment fl-enerġija ġeotermali**. L-operazzjonijiet ġeotermali jipproduċu aktar minn 40% tal-enerġija tal-Kenja.

Sa mis-snin ħamsin, "il-Kenja hija l-pijuniera tal-progress ġeotermali fl-Afrika," jgħid Peketsa Mangi, bilwieqfa f'nofs għalqa għammiela fil-Wied tal-Qasma l-Kbira tal-Kenja b'duħħan ta' fwar oħxon, abjad u storbjuż jinbeżaq mill-art warajh. Għalkemm kiber fil-Kenja rurali mingħajr elettriku f'dar imdawla bil-fanali jdaħħnu, Mangi issa huwa l-maniġer ġenerali tal-iżvilupp ġeotermali fis-sit ta' Olkaria, waħda mill-akbar operazzjonijiet ġeotermali fid-dinja. Il-kumpless jinsab madwar 120 kilometru fit-Tramuntana ta' Nairobi, prinċipalment fil-Park Nazzjonali Hell's Gate. Il-park huwa magħruf għall-irdumijiet għoljiet tiegħu, il-widien, it-torrijiet tal-blat, l-ispas naturali u d-dħaħen tal-fwar li jisparaw 'il fuq minn fond taħt l-art. L-enerġija ġeotermali toħroġ minn linji twal ta' qasma fil-qoxra tad-dinja li jaqsmu l-Afrika tal-Lvant u jġibu s-sħana tal-magma tal-pjaneta eqreb lejn il-wiċċ.

Imdawra fuq in-naħat kollha mir-ranches u l-irziezet tal-fjuri, l-impjanti ġeotermali ta' Olkaria jiksbu l-enerġija tad-dinja billi jħaffru diversi eluf ta' metri 'l isfel fl-art, imbagħad jaqbdu l-fwar u jittrasportawh permezz ta' pajpijiet biex iħaddem it-turbini li joħolqu l-elettriku. Il-pajpijiet bojod kbar iġorru l-ilma jew il-fwar madwar il-kumpless ta' Olkaria, li jkopri madwar 70 kilometru kwadru. Il-pajpijiet jistrieħu fuq arbli biex iħallu lill-annimali jgħaddu taħthom, u saħansitra għandhom ħoloq li jippermettu lill-ġiraffi twal jimirħu liberament. Filgħodu, il-ġiraffi jieklu fost is-siġar qrib il-bini ġeotermali. "Mingħajr l-enerġija ġeotermali, ikun diffiċli ħafna għal dan il-pajjiż li jissodisfa d-domanda għall-enerġija tiegħu," jgħid Mangi.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa wieħed mill-akbar sostenituri tal-operazzjonijiet ġeotermali tal-Kenja, wara li għamel diversi investimenti kbar mis-snin tmenin 'l hawn**. Aktar reċentement iffinanzja aktar bjar u sistemi ta' ġbir tal-fwar f'Olkaria fl-2017. Il-Bank appoġġa wkoll l-akbar park eoliku fl-Afrika f'parti sħuna u xotta tat-Tramuntana tal-Kenja ħdejn il-Lag Turkana. **Fl-2014 iffirma self ta' €225 miljun għal dan il-park eoliku, li ta spinta kbira fil-finanzjament u l-fiduċja lill-proġett ta' għaxar snin. L-Unjoni Ewropea kkontribwixxiet €25 miljun għall-proġett mill-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika**. Iż-żona issa għandha aktar minn 300 turbina eolika u tipprovdi l-elettriku lil aktar minn miljun dar.

Anna Mwangi, ġeofiżiċista fis-sit ta' Olkaria u mentor attiva għan-nisa żgħażagħ fis-settur tal-enerġija, tara din l-industrija bħala għażla tajba għan-nisa biex jimxu 'l quddiem. L-inklużjoni hija suġġett kbir fis-soċjetà u l-industrija tal-Kenja, tgħid hi, hekk kif aktar nisa issa qed jisħqu favur it-trattament ugwali u l-impjiegi ugwali. Mwangi ilha kważi 15-il sena taħdem mal-Kenya Electricity Generating Co., l-utilità tal-enerġija mmexxija mill-gvern. L-attitudnijiet lejn il-ġeneru nbidlu matul dan iż-żmien u għadhom qed jevolvu. "Il-Kenja ħadet rwol ewlieni mhux biss fis-settur tal-enerġija," tgħid hi, "iżda wkoll fl-għoti tas-setgħa lin-nisa f'dan il-qasam u fir-rikonoxximent tar-riżorsi tan-nisa."

## Innovazzjoni biex jinkiseb aċċess għall-ikel

Ħafna kumpaniji ġodda fil-Kenja qed jadottaw politiki għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri – u jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' miżuri soċjali u ambjentali oħra. Cold Chain, impjant ta' ħażna fil-kesħa avvanzat li nfetaħ f'Awwissu 2023 f'Tatu, madwar 40 kilometru 'l barra minn Nairobi, għandu politika ta' enerġija ekoloġika moderna u pjan soċjali biex tingħata s-setgħa lin-nisa. Il-kumpanija tinkoraġġixxi lin-nisa jsegwu karriera fi kwalunkwe parti tal-operazzjoni. Tippromwovi wkoll l-impjiegi għal setturi żvantaġġati tas-soċjetà. Is-sit nadif tazza nbena b'materjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija u huwa l-akbar faċilità ta' maħżen fil-kesħa tat-tip tiegħu fil-kontinent, barra mill-Afrika t'Isfel.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma investiment ta' ekwità ta' €15-il miljun fl-2021 ma' fond li bena l-impjant ta' Tatu**. Il-fond, imsejjaħ ARCH Cold Chain Solutions East Africa, qed jibni operazzjonijiet ta' ħażna fil-kesħa madwar din il-parti tal-kontinent. Dan il-fond tal-Afrika tal-Lvant kien sostnut minn faċilità ta' investiment iffinanzjata mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Din l-operazzjoni hija wkoll parti importanti mill-isforz tal-Kenja biex jappoġġa wieħed mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti – it-tmiem tal-ġuħ. F'xi partijiet tal-Afrika, aktar minn 50% tal-ikel jitħassar qabel ma jkun jista' jittiekel, minħabba nuqqas ta' refriġerazzjoni. Meta jkun kompletament operazzjonali, il-Cold Chain se jaħżen il-banana, it-tuffieħ, l-avokado, it-tjur u oġġetti oħra tal-konsum li jitħassru. Se jipproteġi l-prodotti għar-restoranti u jgħin lill-kumpaniji farmaċewtiċi, speċjalment dawk li jaħżnu l-vaċċini tal-COVID-19.

> **"Jien tassew kburi li jien parti minn dan l-impatt"**

"In-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel joħloq ħafna problemi fis-soċjetà, u hemm diskrepanza kbira fil-ħażna kiesħa," jgħid Geoffrey Emungat, maniġer tal-faċilitajiet fis-sit ta' Tatu, hu u jimxi madwar il-maħżen enormi. "Il-gvern u s-settur privat verament qed jippruvaw jaħdmu ħafna biex jeliminaw ir-riskji tal-ħażna u t-trasport tal-ikel, iżda din il-faċilità trid ukoll li jkollha influwenza tajba fuq is-soċjetà u l-klima. Jien tassew kburi li jien parti minn dan l-impatt."

## Innovazzjonijiet li jinkoraġġixxu soċjetajiet inklużivi

Vert, kumpanija tal-ipproċessar tal-mango f'Machakos, madwar siegħa sewqan 'il bogħod minn Nairobi, hija operazzjoni oħra li qed tespandi filwaqt li tħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà. Vert irċeviet self mingħand Equity Bank, sellief Kenjan li huwa wieħed mis-sostenituri ewlenin tal-azjendi agrikoli żgħar. **Equity Bank iffirma ftehim ta' €25 miljun fl-2019 mal-Bank Ewropew tal-Investiment u ftehim ieħor ta' €25 miljun fl-2020**. Il-ftehimiet kienu jinkludu għotjiet mill-Unjoni Ewropea u kienu parti mill-Faċilità tal-Katina tal-Valur tal-Agrikoltura. Dan il-programm, appoġġat mill-Unjoni Ewropea, jgħin lill-kumpaniji agrikoli jimmodernizzaw, itejbu l-operazzjonijiet tal-bdiewa żgħar, jinkoraġġixxu soċjetajiet inklużivi, u jgħinu liż-żgħażagħ.

Vert tforni lill-produtturi l-kbar tal-juices bħal Coca-Cola u tbigħ varjetà ta' frott imqadded. Taħdem ma' aktar minn 5 000 azjenda agrikola żgħira. Biex tkun ekoloġika, tuża ż-żrieragħ u l-qxur tal-mango biex tħaddem il-kaldaruni tal-impjant, kif ukoll il-pannelli solari biex tnaqqas id-dipendenza fuq il-grilja tal-elettriku nazzjonali. Il-kumpanija tagħti prijorità lill-impjieg tan-nisa u lill-ħidma ma' azjendi agrikoli mmexxija min-nisa. "Il-Kenja qed toħloq ambjent li huwa tajjeb għan-nisa biex jinvolvu ruħhom aktar fl-ekonomija u juru x'jistgħu jagħmlu," tgħid Jane Maina, direttriċi maniġerjali ta' Vert.

## Assigurazzjoni innovattiva għall-iżgħar bdiewa

Kumpanija waħda li qiegħda tipprova tikber billi tkun aktar innovattiva u ssolvi wħud mill-aktar problemi importanti fis-soċjetà hija Pula, li toffri prodotti tal-assigurazzjoni għall-iżgħar azjendi agrikoli. Is-sidien ta' azjendi agrikoli żgħar spiss ma jkollhom l-ebda sistema ta' appoġġ u jħabbtu wiċċhom max-xita, is-sħana u n-nixfiet imprevedibbli kkawżati mit-tibdil fil-klima. "Qegħdin inħarsu lejn dawk li qed jaħdmu fl-għelieqi għall-għajxien, għall-konsum tagħhom ta' kuljum, u forsi jbigħu wħud mill-prodotti tagħhom biex ikunu jistgħu jiġġeneraw dħul biex jonfquh fuq il-miżati tal-iskola jew it-tmexxija ta' kuljum tad-djar tagħhom," tgħid

# DETTALJI DWAR IL-KENJA

Faith Kinuthia, direttriċi tal-operazzjonijiet fuq il-post f'Pula. "L-assigurazzjoni tgħin tipproteġi lil dawn il-bdiewa minn ħafna riskji, bħan-nuqqas ta' xita jew il-pesti u l-mard. Jekk il-pesti jidħlu f'razzett u jeqirdu l-għelejjel, il-bidwi jispiċċa b'xejn. Qed jesperjenzaw ħafna bidliet ikkawżati mit-tibdil fil-klima."

Il-bdiewa żgħar fil-Kenja jirrappreżentaw waħda mill-akbar porzjonijiet tal-forza tax-xogħol. U l-agrikoltura hija s-sors ewlieni tal-attività ekonomika, l-impjiegi u l-esportazzjonijiet. L-agrikoltura timpjega lil aktar minn 40% tal-popolazzjoni, inkluż 70% tal-popolazzjoni rurali, u tikkostitwixxi aktar minn 30% tal-prodott domestiku gross tal-Kenja. Dominick Wanyoike jmexxi azjenda agrikola żgħira tal-qamħirrum fil-Kontea ta' Nakuru, żona li prinċipalment tikkonsisti minn bdiewa żgħar li jgħixu f'inqas minn ħames ettari kull wieħed. "Iddeċidejna li nġibu l-assigurazzjoni wara sena riċenti meta konna qed nistennew li x-xita tagħmel bħas-soltu, iżda qatt ma waslet," tgħid Wanyoike. "Il-ħsad reali kien baxx ħafna, ħajjitna kienet qiegħda ssir aktar diffiċli, u n-nixfiet dejjem jiżdiedu kienu qegħdin jagħmlu l-ħajja diffiċli."

Pula nediet il-prodotti tal-assigurazzjoni tagħha għall-azjendi agrikoli żgħar fil-Kenja fl-2015 u qiegħda tespandi għal pajjiżi oħra fir-reġjun. Il-kumpanija tinkorpora l-assigurazzjoni fl-ispejjeż taż-żerriegħa u l-fertilizzant jew toffri l-assigurazzjoni permezz ta' sussidji tal-gvern. Dan iżomm l-ispiża tal-assigurazzjoni baxxa għall-bdiewa. Il-bdiewa jiġu kkumpensati jekk ir-rendimenti tagħhom ikunu taħt ċertu livell. **Pula rċeviet appoġġ mill-Fond għall-Afrika tad-ditta tal-kapital ta' riskju TLcom, li jiffoka fuq kumpaniji tat-teknoloġija fl-istadji tal-espansjoni. Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa investitur ewlieni f'TLcom. Il-Bank iffirma investiment ta' €10 miljun fl-2016, u qiegħed jikkunsidra investiment ieħor biex jgħin lil aktar negozji Afrikani ġodda. Dan l-investiment huwa parti mill-faċilità Spinta għall-Afrika, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea**.

### Ispirata l-bidla fit-trasport madwar il-Kenja

It-tibdil fil-klima, li għandu effett tant negattiv fuq il-bdiewa ż-żgħar, huwa wkoll fattur kbir fil-ħsieb wara l-proġett urban ewlieni tal-pajjiż – is-sistema l-ġdida tal-karozzi tal-linja u l-linja elettrika kompletament elettrika tagħha. It-toroq ta' Nairobi spiss ikunu ppakkjati u t-traffiku jimxi qisu nemla fl-agħar ħinijiet. Ftit hemm karozzi tal-linja fil-bliet m'hemmx trammijiet jew ferroviji taħt l-art, u s-servizz ferrovjarju huwa skeletali, għalhekk il-biċċa l-kbira tan-nies jaqbdu minivans jew karozzi tal-linja privati msejħa matatus, jew jużaw il-karozzi tagħhom stess biex jivvjaġġaw. Hekk kif il-popolazzjoni tal-belt qed tikber, il-konġestjoni, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar, l-istorbju u t-tniġġis tal-arja qed jiżdiedu wkoll. "Il-gvern tassew qiegħed iħares 'il quddiem bil-ħerqa biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-karozzi tal-linja," jgħid Joseph Kochalle, inġinier tat-toroq mal-Awtorità tat-Trasport taż-Żona Metropolitana ta' Nairobi. "Huwa diffiċli ħafna biex tasal id-dar f'Nairobi jew tippjana l-vjaġġ tiegħek."

Lejla waħda fiċ-ċentru ta' Nairobi, Carolyne Omondi qiegħda bilwieqfa b'seba' għajnejn maġenb awtostrada mimlija karozzi, tistenna biex tibda l-mixja twila tagħha lejn id-dar fl-inħawi informali ta' Kibera wara ġurnata sħiħa xogħol. Il-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet u t-trakkijiet tal-merkanzija tqila jgħaddu qrib saqajha, hi u tfittex karozza tal-linja. Bħall-biċċa l-kbira ta' dawk li jivvjaġġaw, Omondi tistenna fi kjuwijiet twal u f'kundizzjonijiet perikolużi biex taqbad matatu, li spiss ikun qadim, xejn sod u skomdu. "Karozzi tal-linja u trasport aħjar," tgħid hi, "ikun pass kbir ta' għajnuna f'ħajti."

> "Iddeċidejna li nġibu l-assigurazzjoni wara sena riċenti meta konna qed nistennew li x-xita tagħmel bħas-soltu, iżda qatt ma waslet"

# QATT M'AĦNA SE NABBANDUNAWHOM

## Mill-isptarijiet għat-trasport, l-appoġġ tal-banek tal-UE jgħin lill-bliet tal-Ukrajna fil-ġlieda biex iżommu l-aċċess għall-ilma, l-elettriku, it-tisħin u l-kura tas-saħħa

Meta ġiet mistoqsija tniżżel l-affarijiet diffiċli li jinvolvi x-xogħol fi sptar Ukren matul il-gwerra, Maria Bobkova ma kinitx taf minn fejn tibda. "Kellna problemi kullimkien, mid-daħla tal-isptar fis-sular t'isfel sas-saqaf," tgħid Bobkova, ta' 71 sena, li hija t-tabiba ewlenija fi Sptar Nru 8 f'Odesa. "Aħna sptar kbir b'ħafna bini, u kollha kemm huma kellhom bżonn tiswijiet."

Fil-kosta tan-Nofsinhar tal-Ukrajna, Odesa kienet waħda mill-ewwel żoni li ġew ibbumbardjati meta r-Russja invadiet fi Frar 2022. L-isptarijiet f'Odesa sabuha bi tqila biex iżommu l-elettriku għaddej u jżommu l-provvisti u l-persunal mediku. Anki qabel il-gwerra, sptarijiet bħal dak Nru 8, li nbena fl-1964 u qatt ma ġie rrinnovat, kienu jeħtieġu ħafna tiswijiet. Biex jgħin lil Bobkova u lill-persunal tagħha jimlew il-lakuni, **BEI Globali, il-fergħa tal-iżvilupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, żborżat self ta' €600 000 għar-rinnovazzjoni tal-parti tal-poliklinika tal-Isptar Nru 8**, li hija magħrufa sew għall-ispeċjalisti bi kwalifiki għoljin tagħha. Bħala riżultat, l-isptar lesta t-tiswijiet ewlenin tiegħu f'Lulju 2023, xtara għamara ġdida, sewwa l-pedamenti, żied kmamar speċjalizzati, provvisti ġodda tal-elettriku, iżolament fil-ħitan u saqaf ġdid biex jitwaqqfu t-tnixxijiet. Ġew installati ġeneraturi qawwija biex jipprovdu l-elettriku matul il-blackouts ikkawżati mill-gwerra. "Issa għandna sptar kompletament differenti," tgħid Bobkova. "Ħafna nies ma kinux jemmnu li bidliet bħal dawn kienu possibbli matul il-gwerra."

### Il-provvisti huma prekarji f'ħafna bliet

Il-Bank Ewropew tal-Investiment ilu japprova finanzjament ta' emerġenza kull xahar madwar l-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra, b'enfasi fuq infrastruttura bħal linji tal-elettriku, sistemi tat-tisħin, provvisti tal-ilma, sptarijiet, skejjel, toroq, ferroviji, trammijiet, pontijiet u ċentri tal-komunità. Il-gwerra kienet ta' dannu serju għall-aċċess tar-residenti għall-ilma, l-elettriku, it-tisħin, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali. F'ħafna bliet fil-Lvant, fejn il-ġlied huwa intensiv, l-ilma, it-tisħin u l-provvisti tal-elettriku huma prekarji.

"Dejjem diffiċli li titkellem mas-sindki, għax qatt ma nkun naf kemm hi gravi s-sitwazzjoni," tgħid Violaine Silvestro von Kameke, uffiċjal anzjan tas-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment li taħdem fuq proġetti Ukreni, li tkun f'kuntatt regolari ma' ħafna sindki. "Meta s-sindki jitkellmu miegħi, ħafna drabi jkunu f'xelter jew iħarsu biex jiżguraw li ma jkunux qrib tieqa. Kultant ikunu qed jiċċekkjaw biex jiżguraw li l-familji tagħhom mhumiex fil-periklu. Meta nkunu qed nitkellmu, kultant idoqq allarm, u jkollhom iħaffu biex imorru f'xelter. Ngħid lis-sindki li nammira r-reżiljenza tagħhom u li qatt m'aħna se nabbandunawhom."

### Fond ta' investiment ġdid għas-setturi prijoritarji

L-aħħar assistenza tal-Bank Ewropew tal-Investiment tiċċentra fuq mezz ta' investiment speċjalizzat imsejjaħ il-Fond tal-UE għall-Ukrajna. Dan jipprovdi għajnuna fis-setturi kollha, inkluż investiment ta' kapital ta' riskju għas-settur privat. **L-Istat Membri tal-UE wiegħdu aktar minn €400 miljun lil dan il-fond tal-BEI Globali** għal setturi bħas-saħħa, it-trasport, l-edukazzjoni, is-sigurtà ċibernetika, l-infrastruttura soċjali kritika u s-settur privat. Assistenza oħra tal-Bank Ewropew tal-Investiment lill-Ukrajna tinkludi: pakkett ta' garanzija ta'

> **Ħafna nies ma kinux jemmnu li bidliet bħal dawn kienu possibbli matul il-gwerra**

self fl-2023 li jippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment jipprovdi **€100 miljun f'finanzjament ġdid; €100 miljun f'assistenza teknika** biex tgħin lill-Ukrajna tħejji proġetti ta' rkupru; **l-ewwel pakkett ta' rkupru fil-bidu tal-2022 b'valur ta' kważi €700 miljun** għal assistenza immedjata lill-Ukrajna, sostnut minn garanzija tal-Unjoni Ewropea; **€1.6 biljun fl-aħħar tal-2022**, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, għal tiswijiet ta' emerġenza fil-binarji ferrovjarji, it-toroq, il-pontijiet u firxa wiesgħa ta' bini u akkomodazzjoni fl-ibliet; u **€4 biljun biex jgħinu lil aktar minn 6 miljun Ukren sfurzati jgħixu f'pajjiżi Ewropej oħra matul il-gwerra**.

"Aħna qegħdin kontinwament nirċievu talbiet mill-bliet dwar x'hemm bżonn jinxtara u nippruvaw nifhmu kif il-proġetti jistgħu jinbdew u x'inhu l-aktar importanti," jgħid István Heinczinger, speċjalista anzjan tat-trasport fil-Bank Ewropew tal-Investiment li qed jgħin lill-bliet Ukreni jimmodernizzaw il-flotot tagħhom ta' trammijiet, metros, trolleybuses u karozzi tal-linja. Mill-2007 'l hawn, il-Bank investa aktar minn €2.7 biljun fi proġetti tat-trasport fl-Ukrajna, u dan l-ammont qed jiżdied matul il-gwerra.

### Kuntatt ta' kuljum ma' esperti tan-Nazzjonijiet Uniti

Biex iwettaq dan ix-xogħol, il-Bank Ewropew tal-Investiment jinsab f'kuntatt mill-qrib mal-maniġers tal-proġetti tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti li qegħdin jaħdmu madwar l-Ukrajna, bħal Igor Kistenyov-Kavkazkii. L-uffiċjali tas-self jew l-inġiniera tal-BEI jinsabu f'kuntatt ta' kull ġimgħa jew xi kultant ta' kuljum ma' esperti bħal Kistenyov-Kavkazkii. "Dan ix-xogħol ta' rkupru li qed nagħmlu huwa kruċjali għall-istabbiltà tal-istat u għall-appoġġ tal-poplu fi żmien daqshekk diffiċli," jgħid Kistenyov-Kavkazkii, li t-tim ta' koordinazzjoni teknika tan-NU tiegħu huwa bbażat parzjalment f'Kramatorsk fir-reġjun tad-Donbas fil-Lvant tal-Ukrajna, waħda miż-żoni ewlenin fejn bdiet l-invażjoni Russa. "Hemm bżonn urġenti ta' bini mill-ġdid."

L-iskejjel u t-tfal huma tnejn mill-prijoritajiet għar-rikostruzzjoni u l-irkupru. Self ta' €1 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment għen isewwi l-iskola primarja V.I. Vernadskyi f'Shyshaky fil-Lvant tal-Ukrajna Ċentrali. L-iskola reġgħet fetħet il-bibien tagħha f'Settembru 2023 għal 466 student, inklużi tfal minn familji li kellhom jitbiegħdu mill-ġlied qrib il-fruntiera tal-Lvant. "Irid ikollna paċenzja," tgħid Inna Hamchuck, għalliema tal-istorja fi skola oħra li ssewwiet bil-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "It-tfal kollha fl-Ukrajna għandhom id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, iżda bħalissa dan diffiċli."

# NEGOZJI ŻGĦAR QRIB IX-XMARA L-KBIRA

## L-Eġittu jimmira lejn miljun intraprenditur ġdid ta' negozji żgħar, inqas konġestjoni fil-bliet il-kbar, u aktar trasport elettriku – kif ukoll użu aħjar tal-ilma li jinġarr 'l isfel tul in-Nil

Il-ħbieb u l-qraba ta' Rasha Mohamed wissewha li kien wisq riskjuż li tiftaħ ħanut tal-ħwejjeġ fi żmien ta' problemi ekonomiċi. Imma kienet ilha tippjana din il-mossa għal bosta snin. Għalhekk, meta s-self tan-negozju tagħha ġie approvat, ma ħasbithiex darbtejn. "Ħafna nies oħra bħali fl-Eġittu jridu jagħmlu l-istess ħaġa," tgħid Mohamed, li fl-2022 issellfet 100 000 lira Eġizzjana (€3 000) biex tiftaħ ħanut madwar 40 kilometru fil-Punent taċ-Ċentru tal-Kajr, fejn tbigħ lbiesi moderni, ħwejjeġ tat-tfal u abayas, l-ilbiesi twal li jilbsu n-nisa Eġizzjani u ispirati minn disinji kulturali tradizzjonali. "In-nies sempliċement qed jistennew dan it-tip ta' appoġġ. Mingħajr l-għajnuna finanzjarja, huwa diffiċli wisq li tagħmel xi ħaġa bħal din, speċjalment meta ż-żminijiet ikunu diffiċli."

L-impjiegi f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju jikkontribwixxu kważi 75% tal-impjiegi totali tal-Eġittu, għalhekk meta jkun hemm problemi ekonomiċi, l-għajxien ta' ħafna nies jispiċċa mhedded. Il-pajjiż fl-2023 tħabat maż-żieda fid-dejn, l-inflazzjoni, u d-devalutazzjoni tal-munita tiegħu. **It-tweġiba kienet li l-assistenza tiġi ffukata fuq kumpaniji żgħar. L-Eġittu jimmira li joħloq miljun intraprenditur ġdid, irġiel u nisa, f'dan id-deċennju billi joffri taħriġ u pariri finanzjarji liż-żgħażagħ**. Din l-għajnuna hija aktar urġenti wara li għadd kbir ta' nies tilfu l-impjieg tagħhom matul il-pandemija tal-COVID-19.

L-art ta' Cleopatra, Tutankhamen u l-Piramida l-Kbira qed tiffaċċja l-isfidi kollha ta' pajjiż kbir li qed jiżviluppa, mis-sejba ta' impjieg għal popolazzjoni żagħżugħa li qed tikber, sal-indirizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima u t-tniġġis li jikkawżah. L-Eġittu qed jiffaċċja dawn l-ostakli b'investiment fin-negozji ż-żgħar, kif ukoll proġetti kbar ta' infrastruttura li jtejbu l-ilma, is-sanità, l-irrigazzjoni u l-agrikoltura u jnaqqsu l-emissjonijiet minn fabbriki u sistemi tat-trasport qodma żżejjed.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment appoġġa dawn il-proġetti b'aktar minn €15-il biljun f'investimenti mill-1979 'l hawn, ħafna minnhom assistiti minn għotjiet tal-Unjoni Ewropea jew garanziji ta' self**. F'Ottubru 2023, l-uffiċċju tal-Kajr tal-bank tal-UE sar ċentru reġjonali, li jservi lill-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani. L-uffiċċju huwa fergħa ewlenija tal-fergħa tal-BEI Globali tal-Bank, li tieħu ħsieb l-operazzjonijiet lil hinn mill-Unjoni Ewropea. L-investimenti tal-Bank ivarjaw minn sistemi kbar tal-ilma għal self li l-banek Eġizzjani mbagħad isellfu mill-ġdid lil sidien ta' negozji żgħar, bħal Rasha Mohamed, li l-ħanut tagħha huwa appoġġat minn self ferm akbar li l-Bank Ewropew tal-Investiment ipprovda lil speċjalista tal-mikrofinanzjament, Banque du Caire.

### Il-firda tat-trasport mit-tniġġis

Is-setturi pubbliċi u privati tal-Eġittu qed jinvestu wkoll fit-tranżizzjoni ekoloġika, l-ekonomija ċirkolari, is-sorsi rinnovabbli u l-prattiki agrikoli moderni. Il-kontenituri tar-riċiklaġġ issa huma komuni f'partijiet tal-akbar bliet tal-Eġittu. Anki l-magni tal-flus jitolbu lill-utenti biex ma jipprintjawx l-irċevuta, għall-ġid tal-pjaneta. "Fl-aħħar mill-aħħar, aħna lkoll ngħixu fuq din il-pjaneta, għalhekk irridu nuru lill-bqija tad-dinja li aħna jimpurtana," jgħid Mohamed Wael Nasser, il-kap tal-iżvilupp tal-prodotti f'kumpanija kbira Eġizzjana tal-istampar, Roto House, li għamlet investiment kbir biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-solvents fl-impjant tagħha qrib il-Kajr

# DETTALJI DWAR L-EĠITTU

bl-appoġġ ta' self ta' €2.5 miljun mill-Bank of Alexandria fl-2020. Il-finanzjament ta' Roto House kien possibbli għax **il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self qafas ta' €20 miljun lill-Bank of Alexandria fl-2018 biex jgħin lin-negozji ż-żgħar u appoġġa self simili ta' €15-il miljun fl-2023**. "Dan it-tip ta' investiment huwa għali ħafna, iżda huwa ta' benefiċċju għal kulħadd," jgħid Nasser. "Jgħin lin-negozju tagħna meta l-klijenti jkunu jafu li jimpurtana mill-ambjent, u jgħin fit-tibdil fil-klima. Illum, m'aħniex qed nagħmlu l-ħsara lis-saff tal-ożonu."

It-tibdil fil-klima u l-ambjent huma suġġetti importanti fi bliet Eġizzjani kbar bħall-Kajr. Hemm ippjanati proġetti infrastrutturali biex jiġu miġġielda l-konġestjoni u t-tniġġis madwar il-belt u l-pajjiż, inklużi aktar linji tal-metro li jaħdmu bl-elettriku, waħda mill-itwal linji tal-monorail elettriċi fid-dinja, ferrovija elettrika ta' veloċità għolja, u sistema ġdida ta' karozzi tal-linja fil-belt. L-għan: li miljuni ta' vjaġġaturi jaqilbu mill-karozzi għat-trasport pubbliku. "Frankament, il-metro huwa wieħed mill-aħjar proġetti fl-Eġittu," jgħid Walid Al-Arif Billah, kowċ tal-għawm li reċentement ggradwa mill-università b'lawrja fis-sistemi tal-informazzjoni, waqt li kien qed jistenna biex jirkeb fuq il-linja tal-metro 3 tal-Kajr. **Din il-linja hija l-aktar parti moderna tan-network u ġiet iffinanzjata minn self ta' €600 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment.** "Il-metro saret sempliċi ħafna, sikura u faċli għal kulħadd. Imbagħad għandek il-prezzijiet. Il-prezzijiet tal-biljetti għadhom raġonevoli għall-biċċa l-kbira tan-nies."

> "Illum fil-Kajr, ħafna nies ma jistgħux jimmaġinaw li ma jkollhomx metro"

Is-sistema tal-metro tal-Kajr infetħet fl-1987 u kienet waħda mill-ewwel ta' dan it-tip fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani. Diversi linji tal-metro jġorru miljuni ta' passiġġieri kuljum. Il-Bank Ewropew tal-Investiment għen fl-espansjoni ta' ħafna partijiet tal-metro u ilu jassisti proġetti kbar oħra tat-trasport għal aktar minn erba' deċennji. **Fl-2021, il-Bank ħabbar li se jinvesti aktar minn €1 biljun fi proġetti tal-metro u tat-trammijiet fil-Kajr u f'Lixandra fuq ħames snin**. Il-Linja 3 hija moderna daqs kull servizz tal-metro fid-dinja, b'arja kkundizzjonata, sigurtà u dawl, xatbiet tal-biljetti moderni u vaguni separati għan-nisa. Fl-2023, il-Bank qed jaħdem fuq investiment ġdid għall-espansjoni u l-modernizzazzjoni tal-Linja 1 tal-metro tal-Kajr. "Illum fil-Kajr, ħafna nies ma jistgħux jimmaġinaw li ma jkollhomx metro," jgħid Ahmed Beltagui, inġinier li jaħdem fuq l-enerġija u t-trasport fl-uffiċċju tal-Kajr tal-Unjoni Ewropea. "Mil-lat ekonomiku, il-metro huwa importanti ħafna biex inaqqas il-konġestjoni u jgħin lin-nies jaslu x-xogħol. Iżda jiffranka wkoll ħafna ħin lin-nies. Fil-Kajr diffiċli tuża l-karozza tal-linja."

## Soluzzjonijiet għal Lixandra

Lixandra għandha problemi simili ta' konġestjoni u tniġġis. Ħafna toroq f'Lixandra huma dojoq u mimlijin karozzi, rickshaws bi tliet roti, u taksis Ladas Russi sofor u suwed. Il-linji tal-ferrovija u n-network tat-trammijiet huma qodma u qed jiddeterjoraw. Din il-belt ta' madwar 5 miljun ruħ spiss tkun mimlija turisti, u b'hekk il-mobilità ssir iktar diffiċli. "Mhuwiex faċli li tmur minn post għal ieħor, speċjalment fl-istaġun turistiku, għax il-karozzi ssibhom kullimkien," jgħid Walid Maneb, bugħaddas professjonali f'Lixandra li kien qed jieħu te f'restorant qrib il-Bajja ta' Shatby, waħda mill-ħafna meded twal tal-kosta ramlija dehbija tal-belt. "Ferroviji u trammijiet aħjar f'din il-belt kieku jgħinu ħafna lil kulħadd."

**F'Settembru 2023, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' €750 miljun għar-riabilitazzjoni ta' kważi 22 kilometru ta' linji tal-ferroviji tal-passiġġieri f'Lixandra**, biż-żieda ta' vaguni ġodda, it-titjib tal-istazzjonijiet, l-installazzjoni ta' binarji ġodda u l-konverżjoni tal-magni tad-diżil għal sistemi mħaddma bl-elettriku. Dan isegwi self fl-2020 ta' €138 miljun biex tittejjeb linja tat-tramm elettrika ta' 13.8 kilometru

f'Lixandra li kienet tinkludi vaguni u magni ġodda. Il-belt għandha aktar minn 30 kilometru ta' linji tat-tramm li jmorru lura għaż-żmien tal-1860, u ħafna partijiet minn din is-sistema jeħtieġ li jiġu mmodernizzati. "Irridu nnaqqsu t-traffiku tal-karozzi f'Lixandra, iżda rridu wkoll nindirizzaw il-problemi minn ħafna angoli differenti," tgħid Fatma Rashad, direttriċi ġenerali tal-ippjanar ekonomiku fl-Awtorità għall-Ippjanar tat-Trasport tal-Eġittu, li kienet qed twassal lil grupp ta' msieħba tal-iżvilupp globali f'ferrovija qadima tad-diżil fuq linja tal-ivvjaġġar li qed tiqdiem u mħarbta li se tiġi sostitwita fid-diversi snin li ġejjin. "Għad fadlilna ħafna x'nagħmlu, iżda jiena ottimista li fil-futur qrib se naraw tnaqqis kbir fit-traffiku u t-tniġġis."

## Ir-rigal tan-Nil

Kwistjoni infrastrutturali kbira oħra f'Lixandra u madwar il-pajjiż hija l-ilma. It-tkabbir tal-popolazzjoni, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-tilwim reġjonali huma ta' dannu għall-provvista tal-ilma. L-Eġizzjani jiddependu fuq ix-Xmara Nil għal 90% tal-ilma tax-xorb u tat-tisqija. Il-pajjiż xi kultant jissejjaħ "ir-rigal tan-Nil", għax mingħajr din ix-xmara, il-biċċa l-kbira tal-art kienet tkun deżert. Illum, l-Eġittu huwa wieħed mill-iktar pajjiżi b'ilma skars fid-dinja, b'livell ta' riżorsi tal-ilma għal kull persuna ferm taħt il-medja globali.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa wieħed mill-akbar investituri fil-proġetti tal-ilma madwar id-dinja, u sellef aktar minn €1 biljun f'dan is-settur fl-Eġittu biss. **Fl-2018, l-Unjoni Ewropea approvat għotja ta' €25 miljun u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €214-il miljun mal-Eġittu biex jitnaqqas it-tniġġis fid-Delta tan-Nil u** jittejbu l-ilma, is-sanità u t-trattament tal-iskart. Dan l-investiment huwa magħruf bħala l-proġett tat-tindif taż-Żona tal-Iskular ta' Kitchener. Iż-żona tal-iskular, waħda mill-aktar imniġġsa fl-Eġittu, tikkostitwixxi sensiela twila ta' impjanti għat-trattament tal-ilma mormi tul madwar 70 kilometru li jgħaddu minn irħula mhux 'il bogħod mill-Baħar Mediterran. Il-pjan biex titnaddaf din iż-żona tal-iskular u jiġi evitat li t-tniġġis jitbattal fil-baħar huwa parti minn programm tal-Unjoni Ewropea li jtejjeb l-ilma f'ħafna pajjiżi tal-Mediterran. "L-ilma huwa importanti għal kulħadd iżda speċjalment f'Lixandra," jgħid Maneb, il-bugħaddas. "Agħti titwila madwarek – l-ilma nadif jagħtina l-impjiegi, jitmagħna u jattira miljuni ta' turisti."

## "Irridu ninvestu fil-pjaneta"

Nasser, il-maniġer tal-iżvilupp tal-prodotti fil-kumpanija tal-istampar Roto House, li tinsab f'żona industrijali ta' Giża, madwar 40 kilometru fil-Punent tal-Kajr, jgħid li kultant il-kollegi tiegħu jegħjew b'kemm jitkellem dwar l-importanza tal-ilma nadif fl-Eġittu, jew dwar l-ambjent u l-ġlieda kontra t-tisħin globali. Nasser kien ir-rappreżentant tal-kumpanija fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-2022. Huwa jara li l-kwalità tal-ilma fin-Nil ġiet ittraskurata, li l-pajjiż jimporta l-biċċa l-kbira tal-ikel tiegħu, u li l-ekonomija u l-agrikoltura tiegħu jinsabu f'riskju minħabba t-tibdil fil-klima aktar milli huma fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra. "It-tama tiegħi hija li kumpaniji oħra jsegwu l-passi klimatiċi tagħna u li oħrajn jemmnu fil-protezzjoni ta' din il-pjaneta wkoll," jgħid Nasser, li l-kumpanija tiegħu hija waħda mill-akbar kumpaniji tat-tikkettar u l-istampar tal-pakketti fl-Eġittu. "Irridu ninvestu fil-pjaneta wkoll. Irridu niżguraw li l-pjaneta tkun kollox sew."

Nasser ippakkja s-saqaf tal-fabbrika ta' Roto House b'ringieli ta' pannelli solari biex jipprovdu aktar minn 10% tal-elettriku tal-kumpanija. Is-sistema l-ġdida tal-kumpanija ta' għorik tat-tankijiet u t-tubi u l-pajpijiet tal-ventilazzjoni tneħħi d-dħaħen kimiċi ta' ħsara qabel ma jiġu rilaxxati. Is-sistema tnaqqas ukoll ir-riħa tas-sustanzi kimiċi fl-impjant u tgħin biex jiġu evitati problemi respiratorji.

**L-aħħar self lill-Bank of Alexandria, operazzjoni ta' finanzjament ta' €15-il miljun fl-2023, huwa simili għal dak li appoġġa t-titjib ambjentali kollu ta' Roto House**. Sar taħt il-Faċilità ta' Finanzjament tal-Ekonomija Ekoloġika biex jgħin lin-negozji Eġizzjani jħaddnu l-enerġija ekoloġika. Iż-żewġ operazzjonijiet ta' self lill-Bank of Alexandria inkludew għotjiet ta' assistenza teknika mill-Unjoni Ewropea biex jitħaffu l-investimenti ekoloġiċi.

# DETTALJI DWAR L-EĠITTU

### Il-promozzjoni tal-inklużjoni u l-mikrofinanzjament

Il-Banque du Caire, wieħed mill-akbar fornituri tal-mikrofinanzjament fil-pajjiż, jippromwovi l-inklużjoni, l-iżvilupp tal-komunità u l-għoti tas-setgħa lill-intraprendituri. Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €70 miljun mal-Banque du Caire fi Frar 2023 biex jgħin lid-ditta tipprovdi aktar self lil intraprendituri iżgħar f'żoni tal-Kajr u Lixandra li jsibuha diffiċli biex jiksbu finanzjament. Kultant, self ta' mikrofinanzjament jiġi approvat, anki meta l-applikant ma jkunx ikkwalifikat kompletament, sakemm l-uffiċjal tal-każ japprova l-kuntratt. L-uffiċjali tal-każ jivverifikaw il-kwalità tal-applikanti billi jitkellmu ma' ħbieb u ġirien u jirrevedu ħafna dokumenti.

Sherif Sayed issellef 70 000 lira Eġizzjana (€2 100) mill-Banque du Caire f'Jannar 2023 biex jiftaħ kafetterija akbar. Din tinsab fil-Belt Is-Sitta ta' Ottubru, belt ġdida fid-deżert li hija d-dar ta' studenti, adulti żgħażagħ u persuni ġodda li ġew minn pajjiżi bħas-Sirja jew l-Iraq. In-negozju l-ġdid ta' Sayed jismu l-Kafetterija tal-Ilpup tal-Muntanji (Zeaab El-Gabal), imsemmi għal serje televiżiva famuża Eġizzjana li turi l-ħajja u t-tradizzjonijiet fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Eġittu fejn trabba Sayed. Huwa diffiċli għall-Eġizzjani minn dan ir-reġjun tal-Eġittu ta' Fuq li jiksbu self, minħabba li huma meqjusa aktar ta' riskju min-nies minn bliet akbar bħall-Kajr jew Lixandra. Dan is-self huwa t-tieni wieħed ta' Sayed mill-Banque du Caire. Il-kafetterija l-ġdida tiegħu għandha erba' impjegati u postijiet għal madwar ħames tużżani nies. "Proġetti żgħar bħal tiegħi huma ż-żerriegħa ta' negozji kbar," jgħid Sayed. "Jekk il-kumpaniji żgħar ikunu jistgħu jsibu finanzjament, eventwalment isiru kbar, xi darba. Kollha kemm aħna nibdew mix-xejn. Ħadd ma jibda kbir."

> "L-ilma nadif jagħtina l-impjiegi, jitmagħna u jattira miljuni ta' turisti"

# IL-FATTUR X EKOLOĠIKU

## Finanzjament kbir għall-modernizzazzjoni tal-linja ferrovjarja Belgrad-Niš jagħti spinta lill-konnessjonijiet reġjonali, il-kummerċ, it-tkabbir u l-integrazzjoni tal-UE

Il-ħolma qadima li jkun hemm ferroviji jaħdmu bla xkiel fil-Balkani tal-Punent dalwaqt tista' ssir realtà. **Pakkett finanzjarju tal-UE ta' €2.2 biljun għas-sezzjoni Belgrad-Niš tal-linja ferrovjarja tal-Kuritur X fis-Serbja juri li r-reġjun jinsab fit-triq it-tajba**. Bis-saħħa ta' dawn il-fondi, l-ivvjaġġar bil-ferrovija bejn dawn iż-żewġ bliet Serbi se jieħu inqas minn sagħtejn b'veloċitajiet ta' sa 200 km/h. Bħalissa, tieħu mill-inqas sitt sigħat bil-ferrovija, jew madwar tliet sigħat bil-karozza. "Meta l-binarju ferrovjarju nbena fl-1884, kont tieħu tmien sigħat biex tivvjaġġa u issa tieħu sitt sigħat u nofs," qal il-President Serb Aleksandar Vučić fil-preżentazzjoni tal-finanzjament tal-UE f'Belgrad fi Frar 2023. "Ma nbidel xejn f'130 sena. Issa qed nibdlu lis-Serbja, bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea."

**L-ewwel għotja ta' investiment ta' €82.8 miljun ġiet ikkonfermata bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Ministeru Serb għall-Kostruzzjoni, it-Trasport u l-Infrastruttura fuq ferrovija minn Belgrad** lejn Niš, fil-preżenza ta' uffiċjali mill-gvern Serb, l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. L-Unjoni Ewropea se tipprovdi sa €598 miljun f'għotjiet, li jagħmluha l-akbar donazzjoni tal-UE għal proġett wieħed fis-Serbja sal-lum. **Il-pakkett jinkludi wkoll self mill-Bank Ewropew tal-Investiment ta' €1.1 biljun**, kif ukoll self ta' €550 miljun mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

"Għażilna dan il-proġett minħabba li jista' jbiddel ir-realtà fil-prattika għall-poplu tas-Serbja, għall-poplu tan-Nofsinhar tas-Serbja, u b'hekk, ukoll għar-reġjun kollu," qal Olivér Várhelyi, il-Kummissarju Ewropew għan-Negozjati għat-Tkabbir. "Minħabba li din il-ferrovija għandha ġġib tkabbir u impjiegi," żied jgħid Várhelyi, "din il-ferrovija għandha ġġib investimenti f'żoni fejn dan huwa l-aktar meħtieġ – fin-Nofsinhar tas-Serbja. Iżda għandha ġġib ukoll Serbja ġdida u reġjun ġdid."

### Appoġġ sostenibbli għall-imsieħba lokali u l-proġetti ekoloġiċi

Meta jitlesta, il-binarju ferrovjarju l-ġdid huwa mistenni li jibbenefika lil aktar minn 2.3 miljun passiġġier fis-sena u li jġorr 9.4 miljun tunnellata ta' merkanzija, u b'hekk joħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju u impjieg.

BEI Globali, il-fergħa tal-bank tal-UE għal operazzjonijiet lil hinn mill-Unjoni Ewropea, approvat €1.1 biljun għal dan l-investiment fuq skala kbira, li jagħti ħajja ġdida lir-rabta ċentrali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Balkani tal-Punent, u jgħaqqad l-Ewropa Ċentrali ma' Tessalonika, il-Greċja, u Sofia, il-Bulgarija. Huwa parti mill-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-Unjoni Ewropea għall-Balkani tal-Punent ta' €30 biljun, li għandu l-għan li jimmobilizza l-investiment fit-trasport, l-enerġija, u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, biex jinħolqu tkabbir sostenibbli u impjiegi ekwivalenti għal terz tal-PDG tar-reġjun.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment investa aktar minn €1.2 biljun fis-settur ferrovjarju, u b'hekk sar wieħed mill-akbar finanzjaturi tas-settur tat-trasport fir-reġjun u appoġġa l-kooperazzjoni ekonomika u l-konnettività.

> **“Issa qed nibdlu lis-Serbja, bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea”**

## Ivvjaġġar aktar sikur, ekoloġiku u effiċjenti fis-Serbja

Ir-riabilitazzjoni tal-linja ferrovjarja Belgrad-Niš se ttejjeb il-konnessjonijiet tas-Serbja ma' networks ferrovjarji Ewropej oħra. Se tiffaċilita t-trasport tal-merkanzija aktar malajr u tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħin tal-ivvjaġġar. Peress li l-ferrovija hija mezz ta' trasport nadif, il-modernizzazzjoni tas-sistema ferrovjarja tikkontribwixxi wkoll għal ambjent aktar nadif. “Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u li t-trasport ferrovjarju jsir aktar sikur u effiċjenti hija waħda mill-prijoritajiet tagħna fil-Balkani tal-Punent u faċilitatur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun,” qal Matteo Colangeli, id-direttur tal-BERŻ għall-Balkani tal-Punent. “Għandna impenn fit-tul favur is-settur ferrovjarju Serb, u bi pjaċir ningħaqdu mal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment fuq dan il-proġett essenzjali.”

Il-proġetti tat-trasport iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fis-Serbja għandhom l-għan li jtejbu l-konnessjonijiet u, għalhekk, li jagħtu spinta lill-integrazzjoni ekonomika – għas-Serbja fir-reġjun, u għar-reġjun fl-Unjoni Ewropea. Jikkontribwixxu għar-riforma ferrovjarja u għall-introduzzjoni ta' infrastruttura tat-toroq moderna u kosteffettiva.

# WARA T-TERREMOT

## Il-Marokk jinvesti f'infrastruttura edukattiva ġdida u jindirizza l-inugwaljanza soċjali fiż-żoni rurali meqruda minn terremot

Fil-bidu ta' Settembru 2023, terremot ta' forza 6.8 heżżeż ir-reġjun ta' Al Haouz fil-Marokk, qered 50 000 dar u għamel ħsara serja lil 1 000 skola, li ħafna minnhom kellhom jitwaqqgħu. L-għalliema u l-istudenti fiż-żoni rurali l-aktar affettwati mid-diżastru tilfu djarhom u kienu mġiegħla jorqdu fil-bini tal-iskola bi ħsarat kbar, li diġà kienu serjament deterjorati saħansitra qabel ma seħħ it-terremot. Filwaqt li l-Marokk jonfoq madwar 5% tal-prodott domestiku gross tiegħu fuq l-edukazzjoni, ir-riżorsi attwali mhumiex biżżejjed għall-manutenzjoni, it-titjib u l-espansjoni tan-network ta' 8 022 skola primarja, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

Il-Marokk diġà kien qed jippjana li jibni infrastruttura ġdida bħala parti minn sforz nazzjonali biex itejjeb l-edukazzjoni f'żoni remoti, bħall-Muntanji Atlas, li waqqgħu lura meta mqabbla mal-bqija tal-pajjiż fil-prestazzjoni akkademika. Wara t-terremot, il-Ministeru tal-Edukazzjoni qed iħaffef l-applikazzjonijiet għall-permessi tal-bini, sabiex ir-rikostruzzjoni tkun tista' tibda sa tmiem l-2023. "Dan il-proġett jibdel kollox għall-edukazzjoni fil-Marokk," jgħid Didier Bosman, perit anzjan li qed jaħdem fuq il-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-proġett. "Huwa prijorità ewlenija għall-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Marokk, biex jitnaqqas id-distakk bejn iż-żoni urbani u rurali."

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment sellef €102.5 miljun lill-Marokk biex jibni 150 skola komunitarja** u biex jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa bħat-tagħmir tal-iskola, il-faċilitajiet tal-akkomadazzjoni fl-iskola u t-trasport. **Ir-riżorsi kollha issa se jiġu mċaqalqa lejn iż-żoni l-aktar milquta mit-terremot. F'Ottubru 2023, il-Bank Ewropew tal-Investiment wiegħed €1 biljun matul it-tliet snin li ġejjin għall-programm ta' rikostruzzjoni ta' wara t-terremot tal-Marokk.**

Biex jgħin fl-ippjanar tal-investimenti, **il-Marokk irċieva wkoll għotja addizzjonali ta' €650 000 taħt l-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika tal-BEI**, fond li jappoġġa t-tkabbir reżiljenti u inklużiv fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Ewropa u fil-Balkani tal-Punent. Din se tħallas għall-assistenza teknika fl-ippjanar tal-proġett, li jinkludi studju dettaljat tal-ħtiġijiet u l-isfidi tal-iskejjel rurali. L-istudju se jservi bħala mudell għal proġetti edukattivi futuri fil-pajjiż.

### L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-edukazzjoni

Qabel ma bdiet il-kostruzzjoni, tim ta' assistenza teknika tal-BEI żar aktar minn 30 skola tal-komunità, bħall-iskola Eghrem N'ougdal f'Ouarzazate u l-École Vivante fil-wied Ait Bouguemez fil-Muntanji Atlas, biex jifhem aħjar l-isfidi. Il-Marokk irċieva wkoll self addizzjonali ta' €9 miljun mill-Pjattaforma ta' Investiment tal-Viċinat għar-riżorsi edukattivi u biex itejjeb il-prattiki tat-tagħlim. "Filwaqt li għad fadal ħafna xi jsir fl-edukazzjoni fil-Marokk, hemm xi eżempji tajbin ukoll," jgħid hu. "Fir-reġjun muntanjuż, mara waqqfet skola primarja bi klassijiet adattati għal tfal b'diżabbiltà, iffinanzjata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Tant irnexxiet li ħolqot kulleġġ sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom. Dan huwa dak li rridu naraw mal-pajjiż kollu."

# MINN FEJN JIĠU L-FLUS

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment, l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, ġabar €49.8 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2023, bi €14.6 biljun minnhom f'bonds ekoloġiċi jew bonds ta' sostenibbiltà. Il-ħruġ ta' bonds mill-Bank jilħaq investituri li tipikament forsi ma jinvestux fl-Ewropa, iżda li jikkontribwixxu indirettament fi proġetti Ewropej billi jinvestu f'bonds tal-BEI.**

**Il-Bank ħareġ bonds f'16-il munita,** bil-maġġoranza miġbura fil-muniti essenzjali tal-euro u d-dollaru Amerikan. Is-sorsi u l-perjodi ta' maturità diversifikati joffru flessibbiltà għall-istrateġija ta' finanzjament tal-Bank. Bl-approċċ b'diversi muniti, il-BEI jkun jista' wkoll jaċċessa xi muniti lokali għal ħlasijiet.

## ĦRUĠ SKONT IL-MUNITA






## L-EKOLOĠIZZAZZJONI TAL-BLOCKCHAIN

Il-Bank Ewropew tal-Investiment ħa pass ieħor fl-iżvilupp ta' swieq kapitali sostenibbli meta nieda l-ewwel **Bond għal Kuxjenza dwar il-Klima għall-blockchain**. Il-ħruġ għal sentejn ta' SEK 1 biljun (€87 miljun) juża teknoloġija unika tal-blockchain żviluppata mill-fergħa tas-servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment ta' Crédit Agricole u ta' Skandinaviska Enskilda Banken ibbażata fi Stokkolma. Il-pjattaforma tal-bonds hija bbażata fuq il-protokoll tal-Prova ta' Kuxjenza dwar il-Klima. Skont dan il-protokoll, tintuża inqas enerġija milli f'sistemi kumparabbli jew mhux tal-blockchain. Dan jipprovdi wkoll inċentiv għall-parteċipanti biex itejbu l-impronta ambjentali tal-infrastruttura tan-negozjar tagħhom.

"It-teknoloġija tal-blockchain tista' toffri ħafna benefiċċji potenzjali għas-swieq tal-bonds," jgħid Xavier Leroy, uffiċjal anzjan tal-finanzjament fil-Bank Ewropew tal-Investiment. "Normalment, kull pagament ta' kupun jinvolvi ħafna kalkoli duplikati mill-emittenti, l-investituri u l-intermedjarji u kull pagament jista' jkun is-suġġett ta' ħafna ħin meħud mid-diskussjoni. Fuq blockchain, dan il-proċess kollu huwa trasparenti u jsir ħafna aktar malajr."

It-tranżazzjoni ssegwi tliet kwistjonijiet innovattivi preċedenti tal-blockchain mill-Bank Ewropew tal-Investiment, inkluż l-ewwel bond diġitali fuq blockchain pubblika fl-2021, l-ewwel bond diġitali fuq blockchain privata fl-2022, u l-ewwel wieħed fil-Lira Sterlina maħruġ aktar kmieni fl-2023.



# PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP 2024-2026

- **It-tranżizzjoni ekoloġika u l-irkupru tal-Ukrajna**
- **Aktar sħubijiet madwar id-dinja**
- **Ir-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġija u l-enerġija**
- **Fokus akbar fuq il-ħiliet u t-taħriġ**
- **Aktar diġitalizzazzjoni biex jiġu mmodernizzati l-prattiki bankarji**
- **Il-livelli massimi stmati ta' investiment: €95 biljun fl-2024, €93 biljun fl-2025, u €85 biljun fl-2026**

Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-prijoritajiet tagħna mill-2024 sal-2026 se jkunu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reġjuni ta' koeżjoni, u l-pajjiżi l-aktar affettwati mill-invażjoni tal-Ukrajna, inklużi l-miljuni ta' Ukreni mġiegħla jgħixu f'pajjiżi oħra matul il-gwerra.

Barra mill-Unjoni Ewropea, BEI Globali se żżid l-attività tagħha biex tgħin lill-Ukrajna ssewwi l-ħsara kkawżata mill-gwerra bl-użu tal-fond l-UE għall-Ukrajna, akkumpanjat minn €100 miljun f'assistenza teknika. BEI Globali se ssegwi aktar sħubijiet madwar id-dinja biex iżżid l-impatt u se tinvesti fit-teknoloġija diġitali, l-azzjoni klimatika, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Bl-importanza dejjem tikber tas-sigurtà ekonomika u l-indipendenza strateġika, se nagħmlu pressjoni qawwija fuq ir-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġija u l-effiċjenza enerġetika. Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jassumi riskju akbar biex jiżgura l-appoġġ għal setturi u proġetti innovattivi li għandhom valur għoli. Nistennew li se ninvestu €45 biljun mill-2023 sal-2027 biex ngħinu lill-proġetti tar-REPowerEU. Dan il-programm ta' investiment huwa mfassal biex jagħmel lill-Ewropa indipendenti miż-żejt u l-gass Russi.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment, li joffri finanzjament lil kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u attivitajiet ta' infrastruttura, se jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'fokus dejjem akbar fuq il-ħiliet u t-taħriġ.

Is-servizzi ta' konsulenza, li jrawmu s-suq għal teknoloġiji emerġenti u jtejbu r-riżerva ta' proġetti tagħna, se jsiru aktar allinjati mal-attività ta' finanzjament tagħna, u jgħinu lill-Bank isib aktar negozju.

Il-livelli għoljin ta' attività finanzjarja tal-Grupp tal-BEI se jgħinu biex jistabbilizzaw u jkabbru l-karta tal-bilanċ. Il-bilanċ pożittiv nett tal-Bank huwa mistenni li jiżdied gradwalment mill-2024, mgħolli minn rati tal-imgħax għoljin.

Il-Bank qed jaħdem biex isir aktar effiċjenti u jnaqqas il-ħin meħtieġ biex jitlesta l-finanzjament għall-klijenti. Qed jiġu esplorati modi kif isir aktar veloċi u aktar effettiv. Id-diġitalizzazzjoni se tkun parti importanti minn dan il-proċess.

Il-Grupp tal-BEI jistenna li l-finanzjament massimu fl-2024 se jkun ta' €95 biljun, b'madwar €93 biljun fl-2025 u €85 biljun fl-2026. Dawn il-livelli għoljin ta' investiment se jippermettulna nsaħħu l-ekonomija tal-UE u nilqgħu sfidi globali dejjem akbar relatati mat-tibdil fil-klima.

**Aqra l-Pjan tal-Operat sħiħ għall-2024-2026 fuq www.eib.org/en/publications**

# GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli.

**Il-Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u darba fis-sena japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-Unjoni Ewropea. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika.

**Il-Bord tad-Diretturi** jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa', fil-prinċipju, għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank jiġi mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Hemm 28 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 31 direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-bord huwa ppresedut mill-president f'kapaċità mhux votanti.

**Il-Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-president u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-viċi presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu li jista' jiġġedded sa sitt snin u huma responsabbli għall-Bank biss.

Il-Bank għandu **Kumitat tal-Verifika** indipendenti li jwieġeb direttament għall-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-awditu tal-kontijiet tal-BEI u tal-Grupp tal-BEI, għall-verifika annwali li l-attivitajiet tal-Bank jitwettqu – u l-kotba tiegħu nżammu – b'mod xieraq, u għall-verifika li l-attivitajiet tal-Bank jikkonformaw mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rapport annwali tal-Kumitat tal-Verifika għas-sena finanzjarja jiġi sottomess lill-Bord tal-Gvernaturi bit-tweġiba tal-Kumitat tat-Tmexxija. Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi. Barra minn hekk, jistgħu jinħatru tliet osservaturi mill-Bord tal-Gvernaturi biex jappoġġaw il-kumitat b'kompiti speċifiċi.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa l-bank tal-UE għall-klima.**
**Sir af aktar dwar il-ħidma tagħna għall-klima:**
**Il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali (www.eib.org/climate)**

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment f'turija ta' appoġġ għall-Ukrajna.**
**Sir af aktar:**
**Il-BEI f'turija ta' appoġġ għall-Ukrajna (www.eib.org/standwithUkraine)**

**Il-proġetti tagħna jagħmlu differenza f'kull settur tal-ekonomija globali.**
**Idħol aktar fil-fond:**
**Il-proġetti kollha - finanzjament u impatt globali mad-dinja kollha (www.eib.org/projects/all)**

# PJAN TA' AZZJONI GĦAL GĦAJXIEN SOSTENIBBLI

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2023

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

pdf: ISBN 978-92-861-5642-7

MT 02/2024